WERREJ


Kelmtejn Qabel: Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni 5
Messaġġ: Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni 7
Messaġġ: Id-Direttur tal-Kurrikulu 9
Messaġġ: Il-President - Malta Union of Teachers 11
Messaġġ: Il-President - Assoċjazzjoni Kunsilli ta' l-Iskejjel 12
Preambolu 13
L-Isfond tat-Tiġdid 15
Il-Qafas Legali tal-Kurrikulu Nazzjonali 15
Dritt għall-edukazzjoni u tagħlim 15
Dmirijiet ta' l-Istat 15
Dritt ta' l-Istat li jirregola l-edukazzjoni 15
Dritt tal-Ministru li jistabilixxi l-kurrikulu 16
Setgħa biex isiru regolamenti 16
Il-Proċess tat-Tiġdid 17
Il-Bidu 17
Twaqqif ta' Kumitat 17
Konsultazzjoni 18
Analiżi u Diskussjoni 18
Il-Pubblikazzjoni ta' l-Abbozz 18
Reazzjoni Immedjata 18
Il-Kitba tad-Dokument Finali 19
Nagħrfu l-Isfidi 21
It-Tweġiba Edukattiva għall-Isfidi Kulturali, Soċjali u Ekonomiċi 23
Valuri u Soċjalizzazzjoni 24
Żvilupp Sħiħ 26
Edukazzjoni tul il-ħajja 26
Perspettiva Globali 27
Id-Dinja tax-Xogħol 28
Il-Prinċipji Kurrikulari 29
Prinċipju 1: Edukazzjoni ta' Kwalita' għal Kulħadd 29
Prinċipju 2: Rispett tad-Diversita' 30
Prinċipju 3: Stimulazzjoni tal-Ħila Kritika u Kreattiva 31
Prinċipju 4: Edukazzjoni Relevanti għall-Ħajja 32
Prinċipju 5: Stabbilta' fl-Ambjent tat-Tagħlim 33
Prinċipju 6: Trawwim ta' Impenn 34
Prinċipju 7: Edukazzjoni Ħolistika 34
Prinċipju 8: Edukazzjoni Inklussiva 36
Prinċipju 9: Assessjar aktar Formattiv 37
Prinċipju 10: Tisħiħ tal-Bilingwiżmu 37
Prinċipju 11: Ugwaljanza bejn is-Sessi 38
Prinċipju 12: Vokazzjoni u Kompetenza 40
Prinċipju 13: L-Importanza ta' l-Ambjent tat-Tagħlim 42
Prinċipju 14: Tkattir tal-Parteċipazzjoni fl-Iżvilupp tal-Kurrikulu 44
Prinċipju 15: Deċentralizzazzjoni u Identita' 45
L-Għanijiet Ġenerali 47
Għan 1: Għarfien Personali u Bini ta' Sistema ta' Valuri Etiċi u Morali 47
Għan 2: Żvilupp ta' Ċittadini u Ambjent Demokratiku 49
Għan 3: Żvilupp ta' Sens ta' Identita' Marbut ma' l-Espressjoni Kreattiva 50
Għan 4: Edukazzjoni Reliġjuża 52
Għan 5: It-Tisħiħ ta' l-Ugwalijanza bejn is-Sessi 54
Għan 6: Edukazzjoni dwar is-Sesswalita' Umana 55
Għan 7: It-Trawwim ta' Konsumaturi Edukati 56
Għan 8: Edukazzjoni dwar il-Midja 58
Għan 9: Parteċipazzjoni Produttiva u Effettiva fid-Dinja tax-Xogħol 59
Għan 10: Edukazzjoni għall-Ħin Ħieles 62
Għan 11: Għażliet Għaqlin fil-Qasam tas-Saħħa 63
Għan 12: Għarfien akbar ta' Sehem ix-Xjenza u t-Teknoloġija fil-Ħajja ta' Kuljum 65
Għan 13: Kompetenza Komunikattiva 67
Għan 14: Tħejjija għall-Bidla 68
Il-Livelli Differenti tas-Sistema Edukattiva 71
L-Edukazzjoni Bikrija 71

- Żvilupp Intellettwali 72
- Żvilupp Soċjo-Emozzjonali 73
- Żvilupp Fiżiku 74
- Żvilupp Morali 74
- Żvilupp tas-Sens Estetiku u Kreattiv 74
- Żvilupp fis-Sens Reliġjuż (għal min jemmen) 75
- Għodod Effettivi li Tassew Jiffaċilitaw l-Iżvilupp Ħolistiku tat-Tfal 75

L-Edukazzjoni Primarja 76

- Tagħlim ta' Ħiliet ta' Kull Xorta 77
- Tisħiħ ta' l-Edukazzjoni Personali u Soċjali 77
- Żvilupp ta' aktar Ħila, Għerf u Attitudnijiet Pożittivi marbuta mas-Suġġetti Bażiċi 77
- Twettiq tal-Prinċipju ta' Edukazzjoni għad-Diversita' 78
- Assessjar Summativ Miżżewweġ ma' dak Formattiv 78
- Twettiq ta' Politika ta' Bilingwiżmu 78
- Tagħlim tar-Reliġjon 79
- Programm Edukattiv għall-Ġenituri 80

L-Edukazzjoni Sekondarja 80

- Tisħiħ, Sofistikar u Irfinar tal-Ħiliet Żviluppati fil-Livell Primarju 80
- Tisħiħ ta' l-Edukazzjoni Personali u Soċjali 81
- Twettiq ta' l-Għanijiet Ġenerali fil-Kuntest tas-Suġġetti Mgħallma 81
- Twettiq ta' Politika ta' Tagħlim tal-Lingwi 81
- Assessjar Summattiv Imżewweġ ma' dak Formattiv 82
- Żvilupp ta' Proġetti Marbuta ma' Temi 83
- Tagħlim tar-Reliġjon 83
- Tistħiħ ta' l-Iżvilupp Emozzjonali 83
- Tisħiħ tal-Parteċipazzjoni tal-Ġenituri 83

L-Iskejjel u l-Interpretazzjoni tal-Kurrikulu 85

L-Iskejjel bħala Ċentru Komunitarju 89

Għeluq 91

KELMTEJN QABEL - IL-MINISTRU TA' L-EDUKAZZJONI

L-edukazzjoni hija l-ġuf fejn is-soċjeta' tagħna tkattar lilha nnifisha u toħloq is-soċjeta' tal-ġejjieni. Dan bħal meta twelled, titma' u trabbi. F'dan il proċess tlieta huma il-fatturi ewlenin li jrawwmu wild tamietna - il-ġenerazzjoni li jmiss. Dawn huma: it-tħabrik ta' l-għalliema, it-tħabrik tal-ġenituri, u il-kurrikulu nazzjonali li għandu jservi ta' gwida għalihom.

Jiena w il-kollegi tiegħi għandna pjaċir kbir nippreżentawlkom dak li intom stess - esperti, għalliema, ġenituri u persuni oħra involuti - kellkom id-dehen li toħolqu. Dan huwa kurrikulu minimu nazzjonali ibbilanċjat, frott ta' ħafna konsultazzjonijiet u ħafna ħsieb. Bħala qarrej ta' dan id-dokument, inti ser issib fih l-għodda sabiex nassiguraw ċertu kontinwita' fin-nazzjon tagħna, mill-kultura speċjali tagħna l-Maltin fl-imgħoddi sal-kultura Maltija fil-ġejjieni. Dan għaliex minn ġenerazzjoni għall-oħra ma rridux nitilfu dak li huwa ta' valur fil-karattru tagħna u fil-mod kif naraw l-affarijiet. U ser issib ukoll f'dan id-dokument l-għodda sabiex inkunu żguri li jkun hemm flessibilta' u bidla fil-wisa' kollha tal-kultura tagħna. Dan għaliex id-dinja t'għada - u sehem il-Maltin fiha - m'hix l-istess bħal dik tal-bieraħ.

Naħseb tapprezza li jinstabu hawn elementi li kien hemm bżonn ta' min jisħaq fuqhom minħabba dak li s-soċjeta' tagħna rnexxielha titgħallem, kulltant b'għaraq tad-demm, u għalhekk dak li issa jeħtieġilha tkun, u dak li issa jeħtieġilha tagħmel, b'mod differenti minn qabel. Dawn l-elementi huma bħal mediċini għal mard li nbagħtu bih, u wkoll injezzjoni ta' immunizzazzjoni kontra perikli ovvji li kultant iduru ma' saqajna, bħal m'huma l-intolleranza, l-imprattiċita', in-nuqqas ta' rilevanza tal-edukazzjoni għas-sistema ta' l-ekonomija, is-sessismu, il-limitazzjonijiet fil-karrieri għan-nisa, l-emarġinazzjoni ta' min għandu bżonnijiet speċali, l-apatija soċjali u personali ta' xi żgħażagħ u xi adulti, u l-injoranza.

Iżda ser issib ukoll f'dan id-dokument dak li huwa universali: elementi li jindirizzawl-edukazzjoni tal-bnedmin kollha u kulimkien, u wkoll elementi li ma ngħaddux mingħajrhom fil-Millennju li ġej. Dawn huma prijoritajiet universali għat-trawwim u l-iżvilupp ta' dak li huwa tassew tal-bniedem, tassew uman. Hekk, ser issib emfasi fuq li wieħed isir kapaċi jifhem lilu nnifsu, fuq l-iżvilupp emozzjonali, fuq it-trawwim ta' impenn personali u soċjali, u fuq elementi oħra. Barra dan hemm ukoll emfasi ġdid fuq il-ħsieb b'mod kreattiv, fuq li wieħed ikun jaf jirraġuna, jagħmel deċiżjonijiet, isolvi problemi, u jkollu sens ta' kurżita'. Dawn huma elementi li jistimolaw l-iżvilupp - u jwasslu għal ċertu vijabbilta' fis-sistema ekonomika - tas-soċjeta' tagħna kollha u tat-tifla jew tat-tifel li jkun.

Ħaġa li tifhimha, dokument bħal dan ħadd ma jistenna li jkun jaqbel f'kull dettall ma' l-opinjonijiet ta' kulħadd. Iżda madankollu apprezzajt u marritli ċerta ansjeta' meta rajt qbil wiesa' jitrawwem madwar dan id-dokument kemm fost għalliema u oħrajn involuti, u saħansitra fil-Parlament. Dan sinjal tajjeb għax-xhur li ġejjin, għaliex l-entużjażmu ta' l-għalliema u tal-ġenituri ma ngħaddux mingħajrhom fil-fażi li ġejja ta' dan ix-xogħol. Tinsiex li f'sens ewlieni dan il-Kurrikulu jirrapreżenta m'hux it-tmiem iżda il-bidu ta' proċess importanti ta' bidla.

Dak li issa ser jibda, jkun proċess ta' tibdil kreattiv li jsir f'kull skola u permezz ta' kull għalliem. Dan ifisser li l-iskejjel u l-għalliema individwali, iggwidati u ispirati mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, joħolqu kull wieħed skond l-orjentament speċjali tiegħu, dawk is-sillabi, ir-riżorsi, u l-metodi li l-iskola jew il-klassi jkollha bżonn.

Inti żgur tinduna f'dan il Kurrikulu Minimu Nazzjonali b'*approach* ġdid dwar kif issir il-gwida nazzjonali li hemm bżonn għal min imexxi l-edukazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss. Fih ma tarax daqstant listi dettaljati ta' kontenut li l-għalliema jeħtieġ li jgħallmu, iżda miflok dan tara lista ta' *outcomes*, riżultati, bidliet li jeħtieġ li jitfaċċaw f'min qiegħed jitgħallem. Dan kollu jesiġilkom ħsieb ġdid u ħiliet ġodda fil-qasam ta' żvilupp kurrikulari għall-iskola li tkun u għall-klassi li tkun. Il-Ministeru tiegħi bid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni sejrin nagħtukom appoġġ u għajnuna f'din l-isfida, f'din il-ħidma li għad trid issir.

Meta jiena ħadt sehem fil-ħolqien u r-reviżjoni ta' dan id-dokument, u iffaċilitajt dan il-proċess, dan kien ta' sodisfazzjon mill-akbar. Inħeġġek u inħeġġiġkom sabiex tużawh bħala katalist flessibbli li minħabba li hija flessibbli tgħinek tilħaq livell għoli fl-iskola tiegħek, fil-klassi tiegħek, ma' bintek u ma' ibnek.

Dan id-dokument jgħinna lkoll noħolqu ambjenti fejn wieħed jitgħallem, ambjenti li fihom l-istudenti kollha jkollhom l-opportunita' jilħqu sa fejn iwassalhom il-potenzjal kollu li kull wieħed u waħda minnhom ikollha titgħallem. U jgħin lil min jitgħallem sabiex juża dak li jitgħallem għat-twettiq tal-milja tal-umanita' tiegħu u tagħha stess u għall-ħolqien tal-ġejjieni tagħna lkoll.

Louis Galea

MESSAĠĠ - ID-DIRETTUR ĠENERALI TA' L-EDUKAZZJONI

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li qed jiġi promulgat huwa żerniq ġdid fil-kamp Malti ta' l-edukazzjoni. Il-kurrikulu huwa nazzjonali għax japplika għall-iskejjel kollha Maltin - kemm dawk statali, kemm dawk tal-knisja u kemm dawk privati indipendenti. Il-kurrikulu huwa nazzjonali għax fit-tfassil tiegħu kiseb l-appoġġ ta' l-imsieħba kollha fil-qasam edukattiv. Kiseb ukoll l-appoġġ taż-żewġ naħat tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Meta tiftakar li għal snin twal, l-edukazzjoni kienet qisha ballun fiċ-ċentru tal-kontroversja politika Maltija, dan il-konsensus dwar viżjoni nazzjonali bipartitika fl-edukazzjoni huwa tassew żvilupp storiku.

Id-dokument ġie msawwar b'generożita' kbira minn diversi persuni li offrew ħin, enerġija u kreattivita' minn tagħhom fil-kontribut parteċipattiv li huma taw. L-isforz kollettiv għat-tiswir tiegħu għad iħalli frott bnin. Il-konsultazzjoni wiesgħa u diretta setgħet kienet proċess li deher li ħa fit-tul, iżda l-appoġġ wiesgħa li nġabar wara dan id-dokument jawgura tajjeb għall-implimentazzjoni tal-viżjoni proposta.

Id-dokument huwa qafas li madwaru kull skola qegħda tingħata l-opportunita' li tipproponi u tfassal edukazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi tagħha, fil-parametri wiesgħa li qed jigu stabbiliti. Aktar minn hekk, hu maħsub li nimxu lejn edukazzjoni li taqdi l-bżonnijiet ta' kull student individwali.

Huwa importanti li issa nassiguraw li dan il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ma jibqax fuq l-ixkaffa. Il-kontribut ta' l-imsieħba fil-formulazzjoni tad-dokument kien imprezzabbli. Daqstant ser ikun kruċjali l-impenn u l-konsensus ta' l-imsieħba kollha fil-fażi ta' l-implimentazzjoni. Nittama li nkomplu kif bdejna.

Karatteristika oħra ta' dan id-dokument huwa l-għarfien li l-iżvilupp kurrikulari huwa żvilupp dinamiku. Għalhekk, imkien ma jipproponi li hu l-aħħar kelma fuq il-materja. Jipprospetta ħajja ta' seba' snin għalih innifsu, u li fl-aħħar tnejn minnhom isir eżerċizzju ta' formulazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li jmiss. Barra minn hekk, huwa neċessarju li jkun hemm żvilupp sistematiku u kontinwu tal-miżuri proposti matul is-seba' snin li ġejjin. Fl-istess ħin, hemm bżonn ta' riċerka kontinwa mill-iskejjel infushom u minn aġenziji oħra sabiex nistabilixxu l-impatt ġenwin li l-kurrikulu jkun qiegħed ikollu fuq l-iskejjel u l-provizjon ta' tagħlim. B'hekk biss, nistgħu naslu biex nilħqu l-oġġettiv tagħna li noffru edukazzjoni ta' kwalita' għolja lit-tfal kollha tal-gżejjer Maltin.

Charles Mizzi

MESSAĠĠ - ID-DIRETTUR TAL-KURRIKULU

Is-soċjeta' tagħna, bħal ħafna oħra, tħoss il-bżonn li minn żmien għal żmien tagħti ħarsa sewwa lejn il-linji ta' gwida li jmexxu l-għan u l-kontenut ta' l-edukazzjoni tagħha, u d-dokument tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali hu l-frott ta' dan l-istudju.

Id-dokument jifforma l-bażi li tirregola l-iżvilupp ta' kurrikula differenti, fit-tliet livelli ta' l-edukazzjoni: bikrija, primarja u sekondarja, u huwa l-qalba ġenerali tas-sistema edukattiva Maltija.

Waħda mill-kwalitajiet ewlenin ta' dan id-dokument hija dik li jqiegħed il-ħtiġijiet ta' min qiegħed jitgħallem qabel kull għan ieħor. It-tfal, kemm meta għadhom ċkejknin, kif ukoll meta jsiru adoloxxenti, huma dejjem iċ-ċentru tal-viżjoni kollha u ta' kull ippjanar u provvediment tiegħu. Id-dokument kollu ħaj b'dan l-impenn.

Minsuġa daqshekk ieħor fl-għanijiet u l-ħidma tiegħu hemm ir-rispett sħiħ għad-diversita'. L-ispirtu ħolistiku tad-dokument jiġbor fih mhux biss l-aspetti kollha ta' l-iżvilupp tal-bniedem fil-fażijiet kollha tiegħu, iżda wkoll id-diversita' fl-istili ta' kif wieħed jikseb it-tagħlim u l-firxa kollha ta' abbiltajiet u bżonnijiet speċifiċi u speċjali li nsibu fost dawk li qegħdin jitgħallmu. Għalhekk dan id-dokument jagħmel kull sforz biex tasal ċara l-viżjoni tiegħu ta' inklużjoni.

Dokument bħal dan ma jistax jonqos li jħares ukoll lejn x'inhuma l-ħtiġijiet tas-soċjeta' li tagħha kull tifel, adoloxxent, u adult mhux biss huwa membru, imma wkoll parteċipant attiv. Is-soċjeta' ta' llum għandha żewġ karatteristiċi ewlenin - il-globalizazzjoni u t-tibdil mgħaġġel. Fi sfond bħal dan huwa meħtieġ li l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jassigura li l-firxa ta' esperjenzi tat-tagħlim tkun wiesgħa u bilanċjata biex minnha wieħed joħroġ bil-kapaċita' li jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u ta' ħajtu, u fl-istess waqt ikollu l-ħeġġa u r-rieda li jieqaf ma' ħaddieħor.

Bħad-dokumenti l-oħra ta' qablu, l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ġdid iħares ukoll lejn il-ħtiġiet ta' l-għerf u tat-tagħlim u juri mpenn biex jiġu mħarsa l-livelli mixtieqa tat-tagħlim. Id-dokument ivarja sewwa minn dak ta' qablu għaliex jisħaq iżjed fuq il-ħtieġa u l-importanza tal-ħiliet, il-kompetenzi, attitudnijiet u valuri milli fuq il-kisba ta' l-għerf u tagħrif.

Wieħed jittama li din il-bidla fil-mod ta' kif inħarsu lejn l-esperjenza tat-tagħlim tesdenti wkoll għal mod kif inħarsu lejn l-assessjar.

Il-kultura ġdida,

(i) tqis li l-għan ewlieni ta' l-assessjar huwa li jipprovdi dak it-tagħrif meħtieġ biex isir tagħlim aktar effettiv;

(ii) tfittex li ssir taf x'inhuma l-kapaċitajiet ta' dawk li qegħdin jitgħallmu u mhux li tifridhom u teskludihom fuq dak li ma jafux;

(iii) tinkoraġġixxi lil min qiegħed jitgħallem li hu wkoll jassessja lilu nnifsu u li jipparteċipa b'mod attiv u deċisiv fit-tagħlim tiegħu.

Waqt it-tliet snin li fihom kienet qiegħda ssir ir-reviżjoni tal-kurrikulu, żdied sew l-interess fl-edukazzjoni u l-imsieħba kollha ingħaqdu fl-attivita' parteċipattiva u kollaborattiva. Dawn għandhom ikunu wkoll il-karatteristiċi taż-żmien li ġej meta jkun qiegħed jitħaddem dan il-kurrikulu.

Id-dokument jisħaqq fuq is-sehem deċisiv li għandhom l-edukaturi kollha, l-iskejjel, il-ġenituri u l-komunita' u naħseb li s-suċċess sħih ta' dan id-dokument jista' jinbena biss fuq strutturi u strateġiji li jispiraw u jħaddmu l-akbar spirtu kollaborattiv minn kulħadd.

Naf li kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni abbozz ġew ikkritikati bħala viżjonarji, idealisti u perfezzjonisti żżejjed, iżda jista' xi ħadd ilum lil min irid edukazzjoni ta' l-iprem kwalita' għall-pajjiżna? Issa jmiss lilina li nagħmlu din il-viżjoni realta'.

Mary Vella

MESSAĠĠ - IL-PRESIDENT - MALTA UNION OF TEACHERS

Il-Malta Union of Teachers (MUT) ilha ħafna tħoss il-ħtieġa ta' riforma drastika fil-kurrikulu; għalhekk tħeġġeġ lill-awtoritajiet biex ikunu kuraġġużi biżżejjed u jagħmlu dak kollu li hu meħtieġ sabiex din ir-riforma titwettaq mill-aktar fis fl-interess ta' l-istudenti tagħna.

B'dan il-kurrikulu, 1-iskejjel kollha f'Malta se jkollhom aktar spazju biex ikunu huma stess li jaraw x'inhu l-aħjar mezz ta' taghlim, kif ukoll biex kull skola torjenta ruħha għall-bżonnijiet partikolari ta' kull student. Jeħtieġ li l-identita' u l-awtonomija ta' kull skola jsiru realta'. F'ċertu sens dan hu kurrikulu li jpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tas-sistema edukattiva nazzjonali fid-diversita' kollha tagħha.

Żgur li l-edukazzjoni f'pajjiżna trid tiffaċċja sfidi kbar u dan il-kurrikulu ser ipoġġi fuq l-għalliema responsabbiltajiet kbar u ġodda li jistgħu jġibu magħhom tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom; tibditiet li huma meħieġa iżda li jridu isiru wara konsultazzjonijiet sħaħ ma' l-MUT.

J'Alla dan il-Kurrikulu Minimu Nazzjonati jġib bidla fil-mentalita' sabiex l-iskejjel tagħna, minn sempliċi skejjel ta' struzzjoni, jersqu aktar lejn edukazzjoni ta' valuri etiċi u morali, żvilupp ta' ċittadini responsabbli, u fuq kollox fejn fl-iskejjel tagħna t-tfal u l-istudenti jkunu ferħanin f'ambjent li jilqgħek, u mdawwrin b'għalliema kuntenti fil-professjoni tagħhom biex flimkien nersqu lejn millennju ġdid b'kuraġġ u determinazzjoni.

John Bencini

MESSAĠĠ - IL-PRESIDENT - ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI TA' L-ISKEJJEL

L-Assoċjazzjoni Kunsilli ta' l-Iskejjel (AKS) tirrikonoxxi li l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali qed ipoġġi b'mod konkret lill-istudent fiċ-ċentru tal-ħidma edukattiva b'mod li jkun possibbli għalih li jiżviluppa dawk il-ħiliet kollha li hu kapaċi jiżviluppa. Tirrikonoxxi wkoll li l-Kurrikulu qed joffri dimensjoni moderna u direzzjoni ċara quddiem l-isfidi tal-lum u ta' għada.

Biex dan kollu jseħħ tassew il-proċċess ta' l-interpretazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandu jwassal biex l-iskola "tlaqqa' l-imħuħ ta' l-imsieħba f'ħidma kontinwa u fid-dawl tal-prinċipji u għanijiet tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali tfassal l-kurrikulu u pjan ta' żvilupp skolastiku" (p. 85).

Dan id-dokument b'mod mill-aktar ċar jirrikonoxxi "l-importanza ta' sehem il-ġenituri fis-suċċess edukattiv ta' wliedhom" (p. 80), u "jitlob lill-iskejjel biex jinkludu l-parteċipazzjoni u l-edukazzjoni tal-ġenituri fil-pjan ta' żvilupp tagħhom." (p. 80). Bl-istess ħeġġa jistieden lill-amministrazzjoni ta' kull skola, lill-għalliema, lill-ġenituri u imsieħba oħra fl-edukazzjoni sabiex id f'id, jaħdmu sfiq b'mod kreattiv għall-iżvilupp tat-tfal u taż-żgħażagħ kif ukoll għall-iżvilupp uman ta' l-adulti fil-komunita'.

Hu fatt pruvat li fejn id-dar u l-iskola jaħdmu id f'id il-livell akkademiku, soċjali u edukattiv ta' l-iskola tjieb u b'hekk it-tfal marru aħjar. Dan ifisser li "aktar mal-ġenituri jibqgħu 'il bogħod mis-sistema edukattiva, aktar il-proċess edukattiv kif ukoll l-iżvilupp tat-tfal jiftaqru" (p. 44).

L-AKS tittama li kulħadd jifhem l-importanza li naħdmu flimkien u b'sens ta' direzzjoni u għarfien naslu fejn irridu naslu. Hekk nittamaw li jkollna skejjel aktar demokratiċi, accountable u bi standards aktar għolja. Skejjel aħjar.

Frans Borg

PREAMBOLU

Il-proċess ta' reviżjoni u tisħiħ tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, li kien ġie stabbilit għall-ewwel darba f'Malta fl-1989, nbeda fl-1996 bil-pubblikazzjoni tad-dokument Tomorrow's Schools: developing effective learning cultures[1], u tkompla bil-pubblikazzjoni, fl-1998, ta' l-Abbozz ta' Kurrikulu Nazzjonali Ġdid għall-Edukazzjoni f'Malta bejn l-eta' ta' 3 u 16-il sena[2]. Dan serva ta' spinta biex tul din is-sena twettaq proċess ta' djalogu bejn il-partijiet kollha involuti li wassal għall-formolazzjoni ta' dan il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ġdid.

Is-sena skolastika 1999/2000 hija s-sena li matulha għalliema, ġenituri, studenti u oħrajn b'interess fl-edukazzjoni ta' pajjiżna, għandhom ikomplu jifhmu u jħejju ruħhom għat-twettiq ta' dan il-Kurrikulu b'effett minn Ottubru 2000. Id-djalogu dwar l-iżvilupp tal-Kurrikulu hu djalogu kontinwu li għandu mhux biss isaħħaħ l-isforzi lejn it-twettiq ta' l-għanijiet ta' dan il-Kurrikulu, iżda għandu wkoll iwassal għall-aġġornament meħtieġ wara ħames snin mill-adozzjoni ta' dan il-Kurrikulu.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jipprovdi viżjoni edukattiva lill-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex. Din il-viżjoni tirrifletti l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali li pparteċipaw fil-proċess tat-tiġdid tal-kurrikulu.

Il-viżjoni, il-prinċipji kurrikulari, l-għanijiet ġenerali, u l-istrateġiji edukattivi li jsawru dan id-dokument għandhom inebbħu lill-iskejjel individwali fil-proċess tat-tfassil tal-pjan ta' żvilupp u fit-twettiq tal-programm edukattiv tagħhom. It-tħaddin u t-tħaddim ta' dan id-dokument minn kull skola, jiżgura edukazzjoni ta' kwalita' u livelli xierqa fl-iskejjel kollha. B'hekk dan id-dokument jiggarantixxi l-ħarsien tad-drittijiet bażiċi edukattivi ta' l-istudenti kollha, mill-kindergarten sa tmiem il-vjaġġ skolastiku.

Il-proċess tat-tiġdid tal-kurrikulu huwa kontinwu u dinamiku. Għalhekk dan id-dokument ma jirrappreżentax it-tmiem ta' proċess. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jrid jitqies bħala kapitlu ieħor fi storja li m'għandhiex tmiem. It-tiġdid kontinwu fil-qasam tal-kurrikulu jiżgura li l-iskejjel jibqgħu istituzzjonijiet rilevanti fil-komunita'.

## L-ISFOND TAT-TIĠDID

Il-Qafas Legali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali Malti

Il-bażi legali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali tinsab fl-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327). Dan l-Att tnieda b'liġi mill-Parlament ta' Malta fl-1988 li kkonsolidat u rriformat il-liġi dwar l-Edukazzjoni f'Malta.

Fost id-Dispożizzjonijiet Ġenerali f'Taqsima I ta' dan l-Att insibu:

- Dritt għall-edukazzjoni u tagħlim (3):

  "Kull ċittadin tar-Repubblika ta' Malta għandu dritt għall-edukazzjoni u tagħlim mingħajr distinzjoni ta' eta', sess, twemmin jew mezzi finanzjarji."

- Dmirijiet ta' l-Istat (4):

  "Huwa dmir ta' l-Istat:

  (a) li jmexxi 'l quddiem l-edukazzjoni u t-tagħlim;

  (b) li jiżgura li jkun hemm sistema ta' skejjel u istituzzjonijiet li jkunu miftuħa għaċ-ċittadini Maltin kollha u li jkunu jipprovdu għall-iżvilupp sħiħ tal-persuna inkluża l-ħila ta' kull persuna għax-xogħol; u

  (ċ) li jipprovdi skejjel u istituzzjonijiet bħal dawn fejn m'hemmx."

- Dritt ta' l-Istat li jirregola l-edukazzjoni (7):

  "L-Istat ikollu d-dritt:

  (a) li jistabbilixxi kurrikulu minimu nazzjonali ta' studju għall-iskejjel kollha;

  (b) li jistabbillixxi l-kundizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha; u

  (ċ) li jiżgura li jiġu mħarsa l-kurrikulu minimu nazzjonali ta' studju u l- kundizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha."

Fit-Taqsima III, 'Skejjel ta' l-Istat,' insibu:

- Dritt tal-Ministru li jistabbilixxi l-kurrikulu (20):

  (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartiklu (2) ta' dan l-artiklu, ikun id-dover tal-Ministru li jistabbillixxi l-kurrikulu għal Skejjel ta' l-Istat u jista' jistabbilixxi kurrikula differenti għal Skejjel ta' l-Istat differenti.

  (2) Ikun id-dover tal-Ministru li jipprovdi għall-edukazzjoni u tagħlim tar-reliġjon Kattolika fi Skejjel ta' l-Istat u li jistabbilixxi l-kurrikulu għall-edukazzjoni u t-tagħlim ta' dik ir-reliġjon f'dawk l-iskejjel, skond ma jkunu ddisponew f'dan ir-rigward l-Isqfijiet Ordinarji ta' dawn il-Gżejjer.

  (3) Kunsill ta' Skola jista' jagħmel talba lill-Ministru biex idaħħal fil-kurrikulu għall-edukazzjoni ta' dik l-iskola korsijiet ta' studji b'żjieda ma' dawk stabbiliti mill-Ministru, u l-Ministru jista' jilqa' dik it-talba.

  (4) Il-ġenituri ta' minuri għandhom id-dritt jagħżlu li l-minuri ma jirċevux tagħlim tar-reliġjon Kattolika."

- Setgħa biex isiru regolamenti (47):

"Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħtu effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel dan l-Att u b'mod partikolari iżda bla ħsara għall-ġeneralita' ta' dak li ntqal qabel, għal kull wieħed mill-għanijiet li ġejjin:

(ċ) biex jistabbilixxi kurrikulu nazzjonali ta' studji mingħajr ħsara għan-natura reliġjuża speċifika ta' xi skola."

Wara l-pubblikazzjoni ta' l-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327.) ta' l-1988, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 47 ta' l-istess Att, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għamel dawn ir-regolamenti:

- Regolamenti ta' l-1989 li jistabbilixxu Kurrikulu Minimu Nazzjonali fil-livell tal-Kindergarten (A.L. 76 ta' l-1989). Dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1989.
- Regolamenti ta' l-1989 li jistabbilixxu Kurrikulu Minimu Nazzjonali fil-livell primarju (A.L. 73 ta' l-1989). Dawn ir-regolamenti bdew jgħoddu fl-1 ta' Settembru 1989.
- Regolamenti ta' l-1990 li jistabbilixxu Kurrikulu Minimu Nazzjonali fil-Livell Sekondarju (A.L. 103 ta' l-1990). Dawn ir-regolamenti bdew jgħoddu fl-1 ta' Settembru 1990.

Mid-data effettiva tagħhom dawn ir-regolamenti saru l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għall-Edukazzjoni f'Malta.

Il-Proċess tat-Tiġdid

Il-Bidu

Fuq struzzjonijiet tal-Ministru, nhar it-13 ta' Marzu 1996 is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani kiteb lid-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) dwar it-tiġdid tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Fl-ittra tiegħu s-Segretarju Permanenti għarraf lid-Direttur Ġenerali li wara ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) għandu jitlob lid-Dipartiment tal-Kurrikulu biex jippjana u jmexxi l-proċess li kellu jwassal biex jiġi ppreżentat abbozz ta' kurrikulu ġdid sal-31 ta' Marzu 1998.

Ix-xewqa tal-Ministru kienet li dan id-dokument ikun il-frott ta' proċess wiesa' ta' konsultazzjoni fost l-imsieħba soċjali u l-pubbliku inġenerali. B'referenza għat-tliet regolamenti li stabbilixxew il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali mill-Kindergarten sal-Livell Sekondarju, il-Ministru talab li dawn it-tliet dokumenti jsiru dokument wieħed. B'hekk ikun rifless aħjar il-prinċipju li l-edukazzjoni bejn it-3 snin u s-16-il sena hija esperjenza kontinwa.

Permezz ta' nota miktuba fis-27 ta' Marzu 1996, id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) talab lid-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Iżvilupp, Implimentazzjoni u Tiġdid tal-Kurrikulu biex jibda l-eżerċizzju tat-tiġdid tal-kurrikulu, skond id-direttivi tal-Ministru.

Twaqqif ta' Kumitati

Id-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Iżvilupp, Implimentazzjoni u Tiġdid tal-Kurrikulu waqqaf kumitat minn fost il-membri ta' dan id-Dipartiment. Dan il-kumitat (strategy building team) kellu jipproponi strateġija għall-proċess tat-tiġdid u jibda l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni.

Bħala parti mill-pjan ta' l-istrategy building team, twaqqaf kumitat ta' tmexxija (Steering Committee) bl-għan speċifiku li jwettaq l-istrateġija mfassla mill-ewwel kumitat. L-iSteering Committee ltaqa' għall-ewwel darba nhar l-14 ta' Frar 1997.

Il-kumitat ta' erbatax-il membru kien immexxi mill-Assistent Direttur għall-Iżvilupp tal-Kurrikulu. Il-membri kienu jirrappreżentaw ir-realtajiet differenti tas-sistema edukattiva. Fil-fatt il-kumitat kien magħmul minn uffiċjali edukattivi, rappreżentant tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni ta' l-Universita' ta' Malta, rappreżentant ta' l-MUT, rappreżentanti ta' l-amministraturi ta' l-Iskejjel ta' l-Istat, rappreżentant ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Iskejjel Privati, rappreżentant ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli ta' l-Iskejjel, u rappreżentant tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-kumitat iltaqa' b'mod regolari u żamm kuntatt kontinwu ma' l-imsieħba.

## Konsultazzjoni

Il-ħidma tal-kumitat kienet ikkaratterizzata minn konsultazzjoni kontinwa u wiesa'. Il-kumitat bagħat madwar 330 stedina formali. Waqt konferenza stampa li fiha l-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni introduċa l-membri ta' l-isteering committee u reġa' stieden lil kulħadd biex iressaq il-fehmiet u l-proposti li jidhirlu dwar it-tiġdid tal-Kurrikulu. Ir-rispons kien inkoraġġanti. Fil-fatt, il-kumitat irċieva madwar 300 tweġiba bil-miktub. Ħafna minn dawn it-tweġibiet kienu ta' għalliema, amministraturi fl-iskejjel, membri tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni, u uffiċjali fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Diversi gruppi speċjalizzati, Dipartimenti tal-Gvern jew parastatali u għaqdiet volontarji waqqfu kumitati biex jistudjaw is-suġġett. Dawn bagħtu tweġibiet li rriflettew l-interess speċjalizzat tagħhom.

Kien hemm ukoll persuni li għażlu li jesprimu ruħhom individwalment. In-numru ta' tweġibiet minn individwi kien żgħir ħafna meta mqabbel man-numru ta' tweġibiet mibgħuta mill-gruppi.

## Analiżi u Diskussjoni

Il-kumitat analizza u ffiltra kull tweġiba li rċieva. Mit-tweġibiet il-kumitat seta' jħoss il-polz ta' l-imsieħba dwar l-oqsma importanti tal-kurrikulu.

Id-dibattitu fost il-membri tal-kumitat kien twil, metikoluż u riċerkat. Qabel ma ttieħdu deċiżjonijiet dwar oqsma partikulari, l-kumitat ikkonsulta ma' nies speċjalizzati, amministraturi u prattikanti.

## Il-Pubblikazzjoni ta' l-Abbozz

Wara analiżi ddettaljata u esplorazzjoni ta' possibbiltajiet differenti, il-kumitat wasal għal ftehim dwar il-maġġoranza assoluta tal-punti msemmija f'dan id-dokument. Fit-30 ta' Marzu 1998 il-kumitat ippreżenta l-abbozz ta' "Kurrikulu Nazzjonali Ġdid għall-Edukazzjoni f'Malta fl-etajiet ta' bejn it-3 snin u s-16-il sena" lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali. Din id-data kienet tfisser ukoll tmiem ix-xogħol tal-kumitat.

Fit-2 ta' April ta' l-istess sena, kopji stampati tad-dokument bdew jitqassmu fost dawk kollha li għandhom sehem fl-edukazzjoni. B'kollox ġew stampati tmint elef kopja.

## Reazzjoni Immedjata

L-għalliema kollha rċevew kopja tad-dokument. Tqassmu wkoll żewġ kopji lil kull kunsill skolastiku; fil-libreriji pubbliċi kollha: ċentrali, distrettwali u lokali; u lil kull Kunsill Lokali.

Ir-reazzjoni tal-pubbliku kienet immedjata. It-temi li l-aktar ħolqu kontroversja kienu: t-tneħħija ta' l-istreaming mil-livell primarju; it-tneħħija tas-sistema tripartita mil-livell sekondarju; is-sistema ġdida ta' l-assessjar; u l-politika dwar l-ilsna uffiċjali. Dawn it-temi baqgħu jiddominaw id-dibattitu nazzjonali sa l-aħħar tat-tieni fażi tal-konsultazzjoni. Id-Dipartiment ta' l-Ippjanar u l-Iżvilupp ukoll ħa diversi inizjattivi biex ikattar l-għarfien u jqanqal dibattitu pubbliku. Dan id-Dipartiment organizza laqgħat għall-kapijiet ta' l-iskejjel u qassam kwestjonarji fost l-għalliema u l-ġenituri. Diversi skejjel organizzaw laqgħat għall-għalliema tagħhom qabel ma mtela l-kwestjonarju. Numru kbir ta' skejjel organizzaw laqgħat għall-ġenituri.

Bejn Novembru 1998 u Jannar 1999, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni nieda diversi laqgħat oħra ma' gruppi speċjalizzati li jirrappreżentaw il-firxa kollha ta' dawk imsieħba fil-proċess ta' l-edukazzjoni sew b'mod dirett kif ukoll indirett.

Il-midja ma naqsitx li tagħti sehemha. Bejn April ta' l-1998 u Marzu ta' l-1999, il-gazzetti, permezz ta' ittri, artikli u editorjali li nkitbu, u l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, kienu strumentali fit-tkattir ta' l-għarfien dwar l-għanijiet u l-kontenut ta' l-abbozz.

Bħalma ġara fl-ewwel fażi tal-konsultazzjoni, diversi għaqdiet u individwi bagħtu r-reazzjoni tagħhom bil-miktub. Xi wħud, bħall-Assoċjazzjoni Kunsilli ta' l-Iskejjel, organizzaw seminars pubbliċi biex jiddiskutu l-proposti tagħhom.

## Il-Kitba tad-Dokument Finali

Fl-aħħar ta' Marzu ta' l-1999 intemmet it-tieni fażi tal-konsultazzjoni, b'laqgħa ma' l-għalliema ta' studenti neqsin mis-smigħ. Fl-istess xahar imsemmi bdiet il-kitba tad-dokument finali. Il-Ministru rċieva l-ewwel abbozz tad-dokument finali fit-12 ta' April 1999. Aktar tard, dan it-tieni abbozz tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, flimkien ma' Suċċint, intbagħat lid-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni, lill-MUT, lir-rappreżentanti ta' l-Iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti, kif ukoll lill-Oppożizzjoni fil-Parlament. L-individwi u l-għaqdiet ikkonsultati ngħataw sal-5 ta' Lulju biex iwasslu bil-miktub il-fehmiet tagħhom dwar id-dokument. F'dan l-istadju, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni fela l-abbozz finali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali kif ukoll l-aħħar kummenti li huwa rċieva dwaru, flimkien mad-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni, id-Direttur għall-Iżvilupp tal-Kurrikulu, il-Professur Kenneth Wain, u Dr. Carmel Borg, it-tnejn mill-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni ta' l-Universita' ta' Malta. Wara tibdil ieħor ta' dan l-abbozz il-verżjoni finali addottata mill-Ministru ta' l-Edukzzjoni ġiet ippreżentata lill-Kabinett tal-Gvern nhar it-Tnejn 20 ta' Settembru 1999. Il-Kabinett iddiskuta d-dokument, iddeċieda li jaddottah, u li jibagħtu għall-kunsiderazzjoni finali tal-Kumitat Parlamentarli għall-Affarijiet Soċjali. Il-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Soċjali iddedika disa' laqgħat f'Ottubru għal smigħ ta' preżentazzjonijiet minn rappreżentanti ta' l-imsieħba ewlenin. Is-suġġertimenti li ħarġu minn dan il-proċess aħħari ġew integrati f'dan id-dokument finali.

# NAGĦRFU L-ISFIDI

Hekk kif ninsabu fuq l-għatba ta' millennju ġdid, il-poplu Malti jrid ikompli jirrifletti, jistħarreġ u jitħarreġ biex ikun jista' jilqa' l-isfidi soċjo-kulturali, ekonomiċi, industrijali u politiċi li jikkaratterizzaw pajjiż żgħir f'dinja li qed tevolvi f'raħal globali.

Id-dinja tal-millennju l-ġdid sa tibqa' dinja fi proċess ta' tibdil kontinwu u mgħaġġel. L-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija, il-konsum u t-tħaddim ta' l-aħħar żviluppi f'dawn l-oqsma, l-ipproċessar diġitali ta' l-għerf u l-informazzjoni, l-iżvilupp fix-xjenzi konjittivi b'enfasi fuq differenzi individwali kif nitgħallmu u l-effett ta' dawn fuq il-pedagoġiji, u l-impatt tal-midja huma fost l-isfidi rikorrenti li l-Kurrikulu jrid jindirizza b'mod strateġiku.

Fil-kuntest lokali, il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jrid iwieġeb għall-bżonnijiet partikolari li jġib miegħu s-sehem li pajjiżna għandu fir-reġjun Ewro-Mediterranju u bħala pajjiż miexi lejn sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea. Biex il-pajjiż ikun jista' jipparteċipa u jikkompeti f'dan l-ambjent politiku u soċjo-ekonomiku, trid tissaħħaħ id-dimensjoni Ewro-Mediterranja f'kull livell tal-proċess edukattiv. Is-sistema edukattiva trid twieġeb ukoll għar-responsabbiltajiet marbutin mal-prospett ta' ċittadinanza Ewropea, u għar-realtajiet ekonomiċi u politiċi li sħubija sħiħa hu maħsub li ġġib magħha.

Pajjiżna jħares mhux biss 'il fuq, fid-direzzjoni Ewropea, iżda wkoll lejn il-Mediterran, benniena ta' wħud mill-eqdem kulturi, baħar li jsawwarna u jagħnina bid-diversita' tiegħu. L-isfidi u t-tensjonijiet ta' dan ir-reġjun għandhom mhux biss jinteressawna, iżda għandhom ukoll ikomplu jkabbru l-preżenza ta' Malta fid-djalogu Ewro-Mediterranju.

L-evoluzzjoni soċjo-ekonomika ta' dawn l-aħħar snin, ikkaratterizzata b'mod partikolari, mid-diċentralizzazzjoni u l-globalizzazzjoni ta' l-ideat, minn soċjeta' bbażata fuq l-informazzjoni, mill-intensifikazzjoni tal-proċess tas-sekularizzazzjoni, mill-kriżi tal-valuri u l-istil ta' ħajja tradizzjonali, mit-theddida għall-ambjent fiżiku u soċjali, u mill-isfidi marbutin ma' ċaqliq demografiku, titlob tweġiba konkreta mill-imsieħba kollha fil-qasam ta' l-edukazzjoni.

L-isfidi msemmija hawn fuq jinteressaw b'mod dirett lil dawk responsabbli mit-tifsil tal-programmi edukattivi, u lil dawk kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċess edukattiv. Ta' interess edukattiv partikulari huma:

- il-bżonn ta' tiġdid kontinwu fil-qasam tal-ħiliet u l-għerf professjonali u vokazzjonali. B'dan il-mod ikun jista' jinżamm il-pass mat-tibdil kontinwu fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħajja, f'dinja instabbli li kontinwament theddidna bl-irrilevanza;
- il-bżonn li s-soċjeta' tagħna tkun dejjem ippreparata għall-isfidi ta' dinja ekonomika globali u kompetittiva;
- il-bżonn li pajjiżna jibqa' miexi 'l quddiem b'identita' f'dinja fejn il-kunċett ta' nazzjon u identita' nazzjonali jinsabu taħt pressjoni ta' globalizzazjoni u ta' soċjetajiet multi-kulturali, multi-etniċi u pluralistiċi. Ma' dan irridu ninkludu l-bżonn li jinstabu tweġibiet politiċi sodisfaċenti għat-tensjoni li tirriżulta mit-tlaqqigħ ta' żewġ kurrenti kulturali ta' żminijietna: il-kurrent ta' l-inklużjoni u tat-tmermir tal-fruntieri soċjali u l-kurrent ta' l-affermazzjoni ta' l-identita' u tad-differenza;
- il-bżonn li pajjiżna jwieġeb għall-forzi soċjali li qegħdin jiddiżorjentaw lill-individwi. F'kuntest soċjali kkaratterizzat mit-tnaqqir tal-valuri tradizzjonali tas-solidarjeta', mill-konsumiżmu u mill-introverżjoni, qed jinħolqu problemi ta' identita', tifsir u valuri;

- il-bżonn li l-poplu Malti jirrealizza li s-soċjetajiet ta' llum huma soċjetajiet ta' riskju kontinwu, li fihom il-karrieri, ix-xogħol, ir-relazzjonijiet, il-valuri, il-kultura nazzjonali u l-ambjent m'humiex aktar fenomeni stabbli.

IT-TWEĠIBA EDUKATTIVA
GĦALL-ISFIDI KULTURALI, SOċJALI U EKONOMIċI

Il-validita' ta' l-esperjenza kurrikulari tistrieħ fuq kemm is-sistema edukattiva jirnexxilha twieġeb għar-realtajiet u l-isfidi tas-soċjeta' Maltija f'dinja li kull ma tmur qiegħda ssir aktar kumplessa, globali u interdipendenti. Mill-proċess ta' konsultazzjoni, jidher li hemm qbil fost il-komunita' edukattiva dwar x'għandhom ikunu l-parametri ta' sistema edukattiva li tħejji lill-istudenti biex jgħixu u jaħdmu f'dinja li qiegħda tinbidel b'ritmu daqshekk mgħaġġel. B'mod ġenerali, il-komunita' edukattiva qiegħda taqbel li kurrikulu dinamiku u ħaj għandu jipprovdi esperjenza edukattiva li:

(1) tħarreġ lill-istudenti f'valuri fundamentali;

(2) tgħinhom jiżviluppaw b'mod sħiħ;

(3) timmotivahom u tħejjihom biex ikunu jistgħu jkomplu l-vjaġġ edukattiv tul ħajjithom;

(4) tgħinhom jgħixu b'mod produttiv f'dinja li qed issir "raħal wieħed"; u

(5) tħejjihom għad-dinja tax-xogħol, fejn il-bidla hija parti mid-diskors ta' kuljum.

Valuri u Soċjalizzazzjoni

Is-sisien ta' l-edukazzjoni obbligatorja għandhom ikunu l-valuri fundamentali ta' l-imħabba, il-familja, ir-rispett, l-inklużjoni, il-ġustizzja soċjali, is-solidarjeta', id-demokrazija, l-impenn u r-responsabbilta'. Dawn il-valuri għandhom jintisġu f'kull aspett tal-proċess edukattiv.

Studji matul iż-żmenijiet urew kemm il-familja hi karatteristika ewlenija tal-identita' Maltija. L-edukazzjoni għandha sa minn kmieni, issaħħaħ il-valur tal-familja Maltija li qed taddatta ruħha għal modi differenti ta' għajxien. L-iskola trid ukoll tħejji lit-tfal u ż-żgħażagħ għall-impatt li r-rivoluzzjoni elettronika qed ikollha fuq l-organizzazzjoni tax-xogħol b'konsegwenzi li jolqtu l-ħajja fil-familja. Il-familja hi wkoll il-bażi tas-solidarjeta'. Mira importanti ta' l-edukazzjoni għandha tkun it-tħejjija u l-formazzjoni tajba għall-familja u ż-żwieġ. Dan il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jagħraf li l-għarfien tar-Reliġjon hu minnu nnifsu essenzjali fil-formazzjoni ta' soċjeta' mibnija fuq valuri li huma s-sisien tal-konvivenza ċivili u l-ftehim.

L-iskejjel għandhom iservu ta' laboratorju demokratiku kompatibbli mad-dikjarazzjonijiet u trattati li Malta ffirmat fis-snin l-imgħoddija, u konformi ma' l-obbligazzjonijiet kostituzzjonali tal-pajjiż. Bħala istituzzjonijiet ewlenin tas-soċjeta' ċivili, l-iskejjel għandhom irawmu fl-istudenti rispett lejn l-individiwi u d-dritt tagħhom li jgħixu fil-liberta', il-paċi, is-sigurta' u l-ordni.

F'soċjeta' li kull ma tmur qed issir aktar multi-kulturali, is-sistema edukattiva għandha tħarreġ lill-istudenti fl-arti tar-rispett, il-kooperazzjoni, u s-solidarjeta' bejn il-kulturi.

Is-sigurta' u s-sliem fir-reġjun jiddependu fuq kemm in-nies lesta tgħix flimkien minkejja d-differenzi. Is-sistema edukattiva għandha tgħin lill-istudenti biex jifhmu aħjar id-differenzi individwali, lokali u reġjonali, u tħarriġhom biex ikunu jistgħu jgħixu b'mod effettiv u produttiv f'kuntest ikkaratterizzat mid-diversita' soċjo-kulturali.

Il-liberta' intellettwali hija kundizzjoni importanti f'demokrazija b'saħħitha. Id-diskussjoni politika, soċjali, etika u reliġjuża bejn l-istudenti u l-għalliema għandha tkun imnebbħa minn din il-kundizzjoni. Dan ma jfissirx li l-imkejjen edukattivi fejn qed jiżvolġu dawn id-diskussjonijiet għandhom jaċċettaw kull pożizzjoni jew fehma. Il-liberta' intellettwali għandha tifsira f'kuntest edukattiv li jirrappreżenta valuri speċifiċi.

Soċjeta' demokratika għandha mhux biss tisma' lil kulħadd iżda wkoll tistma lil kulħadd indaqs. Il-komunita' edukattiva, permezz tal-proċess edukattiv, għandha tara li s-sistema edukattiva tagħti l-istess aċċess lill-istudenti kollha indipendentement mill-abbilta', mis-sess, mir-reliġjon, mir-razza,

jew mill-isfond soċjali, ekonomiku jew kulturali tagħhom. Il-proċess edukattiv għandu jrawwem sens ta' ġustizzja u solidarjeta' soċjali fl-istudenti. Il-komunita' edukattiva għandha wkoll attivament topponi kull forma ta' attitudni jew azzjoni diskriminatorja.

L-ispirtu demokratiku huwa wkoll marbut ma' kemm l-iskola hi kapaċi tistimula l-ħsieb kritiku u kreattiv u s-sens ta' kurżita' fit-tfal. Dan il-kurrikulu jrid iwassal biex iċ-ċittadini ta' għada jkunu aktar indipendenti, kritiċi u kreattivi fil-ħsieb tagħhom. Il-mistoqsija, l-investigazzjoni sistematika, u l-iskambju ta' l-ideat ma' l-oħrajn huma għodod importanti fl-iżvilupp tal-ħsieb kritiku u indipendenti.

It-teknoloġija trid titqies bħala strument demokratiku, forza li qed tibdel is-soċjeta' u toħloq forom ġodda ta' għerf. Kemm fil-kuntest lokali, kif ukoll fil-kamp internazzjonali, dawk l-individwi jew popli li m'għandhomx aċċess għat-teknoloġija ma jistgħux jiżviluppaw il-potenzjal soċjo-ekonomiku tagħhom, bir-riżultat li l-firda soċjali u d-diżlivell ekonomiku internazzjonali qed jieħdu bixra teknoloġika. Għalhekk is-sistema edukattiva trid tiżgura li l-istudenti kollha, inklużi tfal b'abbiltajiet differenti jkollhom taħriġ u aċċess għat-teknoloġija u għal mezzi ġodda ta' komunikazzjoni biex iċ-ċittadini li qed jissawru llum ikunu ppreparati tajjeb għas-soċjeta' teknoloġika, elettronika u ċibernetika u jagħrfu jħaddmu t-teknoloġija b'intelliġenza u b'mod li jtejbu l-kwalita' tal-ħajja għal kulħadd.

L-esperjenza estetika, kif espressa permezz ta' forom artistiċi u arkitettoniċi differenti, għandha titqies bħala prijorita' fl-aġenda edukattiva. L-iskola għandha tlaqqa' lill-istudenti mat-tradizzjonijiet u l-esperjenzi kulturali lokali, reġjonali, kontinentali u dinjija. Is-sistema edukattiva għandha tħeġġeġ lill-istudenti biex jesprimu ruħhom b'mod kreattiv f'diversi kuntesti u sitwazzjonijiet. Il-proċess edukattiv għandu jwassal lill-istudenti biex jifhmu kif il-bnedmin, individwalment jew kollettivament, isawru l-ambjent, is-soċjeta' jew il-kultura tagħhom.

Fl-aħħarnett, il-bidla ġġib magħha dubji, instabbilta' u stress. Is-sistema edukattiva għandha tipprepara studenti li jemmnu fihom infushom, kapaċi jissugraw u jwieġbu b'mod kostruttiv għal bidliet soċjali, kulturali u ekonomiċi.

## Żvilupp Sħiħ

Il-kunċett ta' żvilupp sħiħ tal-persuna jpoġġi lill-istudent fiċ-ċentru tas-sistema. Għalhekk il-kurrikulu għandu jaqdi lill-istudenti u mhux bil-kontra.

Esperjenza edukattiva li twassal għal żvilupp sħiħ tagħraf ukoll li t-tagħlim psiko-motorili, intellettwali, affettiv, soċjali u kulturali huwa interdipendenti. Għalhekk, il-komunita' edukattiva tkun qed tonqos jekk tipprivileġġja xi wieħed minn dawn l-aspetti.

Il-kunċett ta' l-iżvilupp sħiħ ta' l-istudenti huwa msejjes fuq prinċipji umanistiċi. Skond dan il-mudell:

- il-bnedmin kapaċi jilħqu l-massimu ta' l-iżvilupp tagħhom jekk isibu ruħhom f'ambjent xieraq u stimulanti mimli mħabba;
- għalkemm it-tfal iż-żgħar għandhom bżonn l-għajnuna kontinwa tal-kbar, 'il quddiem l-istudenti jkunu kapaċi jitgħallmu waħidhom;
- l-istima personali hija kruċjali fil-proċess tat-tagħlim.

F'dan il-kuntest:

- is-sehem ewlieni ta' l-għalliema huwa li jiffaċilita l-iżvilupp f'kull livell;
- l-għerf, l-esperjenzi, il-bżonnijiet, l-interessi, l-emozzjonijiet, il-biżgħat u l-iżbalji ta' l-istudenti huma fatturi ta' importanza fundamentali għal-tagħlim effettiv: u

- l-awto-kritika, ir-riflessjoni, u l-ħidma kollaborattiva huma strumenti ta' żvilupp.

Sistema edukattiva effiċjenti tagħraf trodd lis-soċjeta' persuni li jafu x'inhu l-potenzjal tagħhom, ħerqana li jkomplu jiżviluppaw lilhom infushom, u li tfittex telimina l-ħela umana matul u fi tmiem il-proċess.

Edukazzjoni tul il-Ħajja

F'dinja li qiegħda tinbidel b'ritmu mgħaġġel, il-komunita' edukattiva għandha tifhem li l-idea li l-istudenti jistgħu joħorġu mis-sistema edukattiva obbligatorja b'pakkett edukattiv li jservihom għal għomorhom tmur kontra r-realta' ta' dinja li l-ħin kollu qed tinbidel, u ma tissodisfax il-bżonnijiet personali u soċjali tal-ħajja wara l-iskola. Għalhekk, is-sistema edukattiva obbligatorja għandha titqies bħala l-bidu ta' proċess edukattiv li jkompli tul il-ħajja.

Il-kunċett ta' edukazzjoni tul il-ħajja jfisser li l-istudenti joħorġu mill-esperjenza kurrikulari obbligatorja b'attitudnijiet u ħiliet li jgħinuhom ikomplu jitgħallmu u jgħixu b'mod effettiv u produttiv f'dinja li daqskemm hi eċċitanti tista' tkun inċerta.

Il-ħiliet assoċjati ma' dan il-kunċett huma dawk tar-riċerka u l-istħarriġ. Fi kliem ieħor, biex persuna tkun f'qagħda li titgħallem tul ħajjitha trid tkun taf:

- liema huma l-ħiliet, il-limitazzjonijiet u l-ħtiġijiet edukattivi tagħha;
- fejn għandha tfittex għall-informazzjoni;
- tuża s-sorsi eżistenti biex tissodisfa dawn il-bżonnijiet;
- tiżen il-progress u r-riżultati tal-proċess tat-tagħlim; u
- tuża t-tagħlim ġdid b'mod produttiv.

Il-ħiliet imsemmija jridu jkunu kkumplimentati b'attitudnijiet xierqa għal dan it-tagħlim. Dan il-proġett edukattiv jista' jseħħ jekk is-sistema edukattiva tgħin lit-tfal u ż-żgħażagħ isiru aktar indipendenti, mimlijin fiduċja fihom infushom u kapaċi jdawru l-biża' tal-bidla kontinwu f'opportunita' u fi sfida.

Perspettiva Globali

F'dinja fejn il-popli qed isiru aktar interdipendenti, m'għadux possibbli li nippjanaw il-preżent u l-futur tagħna mingħajr ma nħarsu lejn id-deċiżjonijiet u l-għażliet mill-perspettiva globali.

Bis-saħħa ta' edukazzjoni minn perspettiva globali, l-istudenti jirrealizzaw li ħafna minn dak li qed jiġri f'pajjiżna huwa kkundizzjonat minn ġrajjiet li qed iseħħu 'l hinn minn xtutna. Jeħtieġ tixxettel u tinfirex kultura fejn ilkoll nifhmu li l-kontinwita' tal-ħajja fuq din l-art tiddependi mill-għażliet li nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum.

It-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni tista' tgħin biex l-istudenti jersqu eqreb lejn studenti li qed jgħixu fi rkejjen differenti tad-dinja. B'hekk il-klassi globali m'għadhiex ħolma.

Id-Dinja tax-Xogħol

L-edukazzjoni trid tirrispondi għall-bżonnijiet tad-dinja tax-xogħol daqskemm tirrispondi għall-bżonnijiet ta' ċittadinanza demokratika. F'kuntest ta' ekonomija globali, pajjiżna sa jkollu biċċa xogħol iebsa biex

jikkompeti f'suq mimli inċertezza. Għalhekk l-investiment f'uliedna huwa l-aqwa garanzija għall-futur ekonomiku ta' pajjiżna.

Edukazzjoni li tipprepara lill-istudenti għall-ekonomija globali:

- għandha tkun ibbażata fuq mudell li jħeġġeġ id-diversita' fl-ideat u mhux il-konformita';
- taħdem id f'id mad-dinja konkreta tax-xogħol;
- tħejji studenti li kapaci jittrasferixxu l-ħiliet tagħhom minn sitwazzjoni ta' xogħol għal oħra;
- tipprepara studenti li kapaċi jużaw l-enerġija intellettwali tagħhom biex isolvu l-problemi;
- tħejji l-istudenti biex ikunu kreattivi u flessibbli;
- tgħinhom jifhmu aħjar kif taħdem l-ekonomija globali;
- tħarreġ l-istudenti biex jidentifikaw il-bżonn ta' tagħlim ġdid kull meta ċ-ċirkostanżi personali u ekonomiċi jinbidlu; u
- tgħinhom isiru konxji tad-drittijiet u tad-dmirijiet tagħhom.

Biex dan kollu jseħħ jeħtieġ li l-iskola u d-dinja tax-xogħol jersqu eqreb ħafna lejn xulxin. Id-dinja tax-xogħol ta' llum, u wisq aktar ta' għada, tistenna li l-esperjenza edukattiva tforni lil kull persuna b'taħlita bbilanċjata ta' għerf, ħiliet u attitudnijiet. Dan jista' jinkiseb b'esperjenzi maħsuba ta' ħidma prattika (hands-on experience) sabiex minn kmieni l-istudenti jibdew jagħrfu l-ambjenti tax-xogħol, in-negozji, il-kooperattivi u t-tmexxija ta' l-impriżi. Il-kwalitajiet li l-ħin kollu jeħtieġ niżviluppaw fl-istudenti tagħna huma l-ħiliet ta' tmexxija, li jaħdmu f'tim, li jagħrfu jqassmu l-ħin b'mod ibbilanċjat, li jikkommunikaw u l-bqija. L-esperjenzi li l-istudenti qed ikollhom fi skemi bħall-Young Enterprise, l-iScoops, il-President's Award, u f'għaqdiet volontarji għandhom jiġu inkoraġġiti u jintisġu mal-ħidma li ssir fil-klassi.

Biex nilħqu aħjar din il-mira, id-dinja tax-xogħol trid tagħraf l-obbligu tagħha li tissieħeb b'mod attiv u tinvesti mill-aħjar li tista' fis-sistema edukattiva.

IL-PRINĊIPJI KURRIKULARI

Il-prinċipji li jsawru dan id-dokument huma mnebbħa mill-għatx għall-ġustizzja soċjali. Kull prinċipju mfisser hawn taħt huwa indispensabbli għat-twettieq ta' dan il-proġett soċjo-edukattiv.

Prinċipju 1:

Edukazzjoni ta' Kwalita' għal Kulħadd

L-għan aħħari tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali huwa li joħloq kultura edukattiva li tiżviluppa l-potenzjal ta' l-istudenti individwali mingħajr ma jiddgħajfu l-prinċipji tas-solidarjeta' u l-kooperazzjoni.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jqis id-dritt għall-edukazzjoni ta' kwalita' bħala l-għan ewlieni ta' dan il-proċess ta' tiġdid. Edukazzjoni ta' kwalita' tindirizza l-preżent u l-futur ta' l-istudenti u tirrispetta dawn il-prinċipji.

Filwaqt li l-istrutturi legali għandhom l-għan li jiggarantixxu l-aċċess għas-sistema edukattiva, il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandu jservi ta' kuntest fejn it-tfal kollha, mingħajr ebda eċċezzjoni, jipparteċipaw fil-bini kontinwu ta' l-għerf personali u kollettiv, jiffurmaw attitudnijiet, u jitħarrġu f'dawk il-ħiliet li l-komunita' tqis li huma bażiċi u neċessarji għall-iżvilupp sħiħ tal-persuna.

Prinċipju 2:

Rispett għad-Diversita'

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jimpenja lill-Istat biex jassigura l-aħjar esperjenzi edukattivi possibbli lill-istudenti kollha, huma x'inhuma r-realtajiet soċjali u l-ħiliet tagħhom.

Kull skola hi mogħnija b'repertorju vast ta' ħiliet, esperjenzi u bżonnijiet. Din id-diversita', mlaqqgħa mad-differenzi individwali u soċjali li jsawru lill-istudenti, titlob pedagoġija li tirrispetta u tiċċelebra l-kalejdoskopju ta' realtajiet u stejjer personali li jiddefinixxu kull klassi f'kull skola f'Malta.

Ir-riċerka lokali u internazzjonali tfakkarna li kulfejn kien hemm tentattiv biex ikun standardizzat il-proċess edukattiv li jikkonċentra fuq il-kontenut aktar milli fuq l-istudent, dan dejjem ħoloq leġjuni ta' studenti li nfatmu mis-sistema edukattiva għax ma ħassewhiex relevanti għall-ħtiġijiet tagħhom u spiċċaw mingħajr l-għodda neċessarja biex jgħixu b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjeta'.

Biex dan il-prinċipju jsir realta', il-komunita' edukattiva trid tipprovdi sistema li minn kmieni taħseb biex tidentifika l-potenzjal u l-bżonnijiet ta' l-istudenti kollha, biex b'hekk ikunu jistgħu jitfasslu programmi li jżommuhom fuq il-binarju tal-progress. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jipprovdi spazju biżżejjed lill-iskejjel biex dawn jindirizzaw ir-realtajiet edukattivi ta' l-istudenti tagħhom. Permezz ta' din l-awtonomija relattiva, l-iskejjel ikunu jistgħu jżewġu l-garanzija ta' pakkett edukattiv bażiku lil kulħadd ma' rimedji speċjalizzati mnebbħa mill-bżonnijiet partikulari ta' l-istudenti.

L-istudenti ġejjin minn ambjenti differenti: L-ambjent ta' l-iskola la huwa l-ewwel u lanqas l-uniku ambjent tat-tagħlim tat-tfal. Ir-riċerka u l-esperjenza ta' min hu midħla tal-qasam tat-tfulija bikrija juru li d-differenzi bejn it-tfal jidhru minn kmieni. Dawn id-differenzi huma r-riżultat ta' esperjenzi differenti li jgħaddu minnhom it-tfal qabel ma jiġu l-iskola. Mingħajr intervent xieraq mill-iskola, dawn id-differenzi jkomplu jikbru matul is-snin, hekk kif l-isfidi edukattivi jsiru ħafna aktar kumplessi.

Sistema edukattiva effettiva tagħraf ir-rabta li hemm bejn l-ambjenti tat-trobbija u d-differenzi bejn it-tfal. Fejn hu possibbli, l-edukazzjoni ta' l-ulied għandha tkun imżewwġa ma' programmi ta' edukazzjoni u parteċipazzjoni għall-ġenituri u dawk li qegħdin jieħdu ħsiebhom. Studenti mċaħħda minn sistemi ta' appoġġ barra mill-iskola għandhom jingħataw attenzjoni speċjali.

L-istudenti jitgħallmu b'modi differenti: Studenti differenti jipproċessaw it-tagħlim b'modi differenti. Hemm studenti li jitgħallmu l-aktar permezz ta' esperjenzi konkreti; studenti oħrajn kapaċi jaħdmu l-aktar b'metodi astratti. Oħrajn jitgħallmu l-aktar f'kuntest didattiku. Hemm dawk li għandhom xeħta solitarja u oħrajn li jippreferu l-gruppi. L-għalliema għandhom ikunu konxji ta' dawn id-differenzi u l-implikazzjonijiet pedagoġiċi tagħhom b'mod li jkunu f'pożizzjoni aktar informata biex jippjanaw għal dawn l-isfidi pedagoġiċi billi jipprovdu esperjenzi differenti ta' tagħlim.

L-istudenti jiżviluppaw b'rati differenti: Filwaqt li r-riċerka indikat in-normi ta' l-iżvilupp, huwa fatt magħruf li mhux l-istudenti kollha jiżviluppaw bl-istess rata. L-istudenti għandhom jingħataw il-ħin u l-għajnuna neċessarja biex jibqgħu għaddejjin fit-triq ta' l-iżvilupp personali tagħhom.

L-istudenti jgħaddu minn fażijiet differenti ta' żvilupp: Diversi teoriji ta' l-iżvilupp uman iqisu l-iżvilupp bħala sensiela ta' fażijiet li kull individwu jrid jgħaddi minnhom. Il-komunita' edukattiva trid tkun żgura li l-materjal u l-kunċetti żviluppati fil-livelli differenti tas-sistema edukattiva jirrispettaw it-tip u l-livell ta' żvilupp ta' l-istudenti. Hekk, per eżempju, pedagoġija li tigglorifika l-astratt meta t-tfal jkunu għadhom qed joperaw b'mod konkret, tista' twassal biex l-istudenti ma jifhmux l-elementi bażiċi ta' kunċetti kkumplikati.

Prinċipju 3:

Stimulazzjoni tal-Ħila Kritika u Kreattiva

L-istudenti jitgħallmu billi jistaqsu u jistabbilixxu konnessjonijiet. It-tagħlim huwa proċess attiv li jinvolvi tiftix kontinwu. L-istudenti jitgħallmu mill-esperjenzi ta' kuljum billi jħarsu, jisimgħu, jinvestigaw, jesperimentaw u jqabblu dak li jiskopru ma' dak li diġa' jafu.

It-tagħlim hu proċess organiku u kreattiv ta' invenzjoni u ristrutturazzjoni mentali u mhux proċess mekkaniku ta' ġbir ta' informazzjoni u relazzjonijiet. Dawk kollha li qegħdin jitgħallmu jinsabu fi proċess li matulu qegħdin jinbdlu kontinwament u jirfinaw il-mudelli preżenti ta' l-għarfien tagħhom. L-istudenti jridu jibdlu l-mudelli tagħhom b'mod attiv. L-għalliema jew sistemi ta' tagħlim għandhom jiffaċilitaw dan il-proċess. Għalhekk edukazzjoni sana tinkoraġġixxi:

- l-arti li ssaqsi u mhux li sempliċiment tagħti r-risposti. Il-mistoqsija li m'għandhiex twassal għar-risposta biss imma anki għal aktar mistoqsijiet.
- "learning by doing" jiġifieri l-involviment ta' l-istudenti fil-bini ta' oġġetti konkreti u rilevanti, li jġegħluk tħares lejn il-problema b'mistoqsijiet minn perspettivi differenti.

Il-kurrikulu jinkoraġġixxi l-proċess ta' tiftix kontinwu. L-għalliema għandhom jgħinu lill-istudenti mhux biss jistabbilixxu rabta bejn nies, ħwejjeġ, avvenimenti, proċessi u ideat, iżda li b'mod kontinwu jibdlu jew jelaboraw l-istruttura ta' l-għerf tagħhom.

It-tfal mhumiex fliexken biex jimtlew iżda fjamma biex tinxtegħel. Il-proċess edukattiv m'huwiex linja tal-produzzjoni. Il-konvenjenza, l-effiċjenza teknokratika u l-produzzjoni tal-massa m'humiex karatteristiċi kompatibbli ma' edukazzjoni li tpoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tal-kurrikulu. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jagħraf l-interessi, l-għerf u l-esperjenzi ta' l-istudenti, u jifhem li l-istudenti kapaċi jużaw dak li jafu biex jittrasformaw u jippersonalizzaw għerf ġdid. Fi kliem ieħor, aktar minn konsumaturi passivi ta'

kontenut statiku, il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali iqis lill-istudenti bħala ħassieba kritiċi u kreattivi, u produtturi ta' l-għerf.

Prinċipju 4:

Edukazzjoni Rilevanti għall-Ħajja

L-istudenti jqisu l-proċess tat-tagħlim bħala rilevanti meta jibnu rabta bejn ix-xogħol ta' l-iskola u l-esperjenzi personali tagħhom. F'sitwazzjonijiet fejn din ir-rilevanza mhix ċara, l-għalliema għandhom jistabbilixxu rabta bejn dak li qed ikun mgħallem, u l-applikazzjoni u r-rilevanza tiegħu għall-ħajja ta' kuljum. L-imħabba għat-tagħlim tiżviluppa meta l-istudenti jaraw kif it-tagħlim, kemm fil-kontenut kif ukoll fil-metodu, jgħinhom f'ħajjithom.

F'dan il-kuntest l-edukazzjoni tmur lil hinn mill-iskola. Il-monumenti storiċi, il-mużewijiet, il-wirjiet permanenti u temporanji, il-postijiet tax-xogħol, l-istituzzjonijiet, u l-inħawi naturali joffru kuntest edukattiv importanti, u għandhom jiffurmaw parti integrali mill-iskemi tax-xoghol ta' l-għalliema.

It-teknoloġija hija aspett uniku tal-ħajja umana. Hija parti mill-wirt u l-kultura tagħna daqs il-letteratura, ix-xjenza u l-arti. Għaldaqstant, għandha tiġi studjata bħala parti mis-sistema ta' l-edukazzjoni ġenerali. It-tagħlim tad-disinn u teknoloġija fl-iskola jgħin biex jipprepara l-istudenti ta' llum sabiex jgħixu u jaħdmu f'dinja teknoloġika. Dan isir permezz tat-tagħlim ta' l-għarfien tekniku, tal-metodi ta' disinn u tal-ħiliet li hemm bżonn sabiex jissawru soluzzjonijiet prattiċi għall-problemi reali. It-tagħlim tad-disinn u teknoloġika jistimula kemm il-ħiliet intellettwali kif ukoll dawk kreattivi u jiżviluppa l-kwalitajiet personali li hemm bżonn sabiex jitlesta proġett mill-ideat oriġinali sal-prodott finali.

Prinċipju 5:

Stabbilta' fl-Ambjent tat-Tagħlim

L-istudenti jitgħallmu l-aktar f'ambjent stabbli. Ir-riċerka stabbilixxiet il-fatt li l-mogħdija minn fażi għal oħra fil-ħajja edukattiva tat-tfal (mid-dar ghall-iskola, mill-kindergarten għall-iskola primarja, minn klassi għal oħra, u mill-iskola primarja għall-iskola sekondarja) tista' tkun mument l-aktar delikat fil-proċess edukattiv tagħhom.

L-istudenti, l-aktar dawk li m'għandhomx appoġġ mid-dar, jistgħu jbatu minn bidla f'daqqa ta' l-aspettattivi edukattivi u ta' l-organizzazzjoni ta' l-ambjent tat-tagħlim. L-istudenti jeħtieġu tranżizzjonijiet kalmi minn livell għal ieħor tas-sistema edukattiva. Il-kontinwita' tgħin lill-istudenti jifhmu li l-edukazzjoni hija proċess, mhux kapitli li jingħalqu u jinfetħu.

Tul il-ħajja ta' dan il-Kurrikulu, dawk kollha li għandhom responsabbilta' ghall-edukazzjoni f'pajjizna għandhom jikkonsidraw u jieħdu dawk il-miżuri li jwettqu dan il-prinċipju. Biex dan isir iridu jitfasslu sistemi ġodda u tinbena organizzazzjoni ta' l-istadji differenti ta' l-edukazzjoni fl-iskejjel b'mod li l-mogħdija minn stadju għal ieħor isseħħ bl-anqas skossi possibbli.

Għandu jitqies ukoll kif, minbarra organizzazzjoni differenti ta' l-iskejjel, jissaħħu, u fejn m'hemmx jinħolqu ċentri ta' Riżorsi u ta' Speċjalizzazzjoni. Dawn iċ-ċentri għandhom jipprovdu communities of practice fl-oqsma differenti ta' l-għerf fejn ikun hemm konsistenza ta' prattika u riċerka. B'hekk l-għalliema u l-istudenti jibbenefikaw minn kwalita' ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwu li huma l-ħin kollu aġġornati, riċerkati, evalwati u li jassiguraw l-approfondiment meħtieġ skond il-livell li fih ikunu qed jiġu mgħallma d-diversi suġġetti.

Prinċipju 6:

Trawwim ta' Impenn

L-edukazzjoni titlob impenn mill-istudenti: Filwaqt li l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jinsisti li s-sistema edukattiva għandha tipprovdi ambjenti u proċess tat-tagħlim stimulanti u pjaċevoli, l-istudenti jridu jiġu megħjuna jifhmu li hemm rabta bejn l-ordni u l-valur tal-ħin min-naħa, u d-dixxiplina personali, l-isforz kontinwu u s-suċċess fl-edukazzjoni, min-naħa l-oħra. Għalhekk, sistema edukattiva aktar umana ma tridx tinftiehem li qed tippromwovi l-għażż, l-irtubija jew il-mentalita' ta' kollox jgħaddi f'moħħ l-istudenti. Għall-kuntrarju, il-proċess edukattiv għandu jassigura li l-istudenti jifhmu l-valur ċentrali ta' sens ta' impenn jekk iridu jgawdu ħajja mimlija fejda, riżq u hena.

Prinċipju 7:

Edukazzjoni Ħolistika

Filwaqt li t-tqassim tal-kontenut f'suġġetti differenti li toffri l-iskola sa jibqa' kif inhu, it-tiġdid tal-kurrikulu għandu jwassal biex ikun hemm aktar integrazzjoni tal-kontenut edukattiv kif rifless fl-għerf ta' l-esperjenza tal-ħajja. Din l-integrazzjoni tgħin lill-istudenti jistabbilxxu relazzjoni bejn l-oqsma differenti ta' l-għerf, u tħeġġeġ l-applikazzjoni interdixxiplinarja ta' l-għerf, ħiliet u attitudnijiet.

Il-politika ħolistika ta' dan id-dokument tfisser ukoll li kull qasam ta' l-iżvilupp uman huwa importanti. Għalhekk, il-komunita' edukattiva trid tara li ebda aspett ta' dan l-iżvilupp ma jkun ipprivileġġjat jew imwarrab.

L-ispirtu ħolistiku ta' dan id-dokument irid ikun rifless ukoll fir-relazzjonijiet soċjali li l-għalliema jiżviluppaw fil-klassi, permezz tal-pedagoġija tagħhom. Il-pedagoġija tal-kooperazzjoni, ibbażata fuq xogħol fi gruppi, għandha tittrasforma l-klassi kompetittiva u individwalista, li s'issa għadha l-klassi tipika tas-sistema edukattiva, f'bejta ta' ħidma kollettiva. Huwa bid-diskussjoni, bl-iskambju ta' l-ideat u bil-kollaborazzjoni waqt xogħol ma' l-oħrajn li aħna niċċaraw l-ideat tagħna, nitgħallmu nistaqsu, nibdlu u nelaboraw il-kunċetti tagħna u niġu esposti għal mudelli u modi differenti ta' ħsieb u azzjoni.

Il-pedagoġija tax-xogħol fil-gruppi, waħda minn ħafna possibbiltajiet pedagoġiċi, għandha tipprovdi kuntest fejn l-għalliema jistimulaw il-potenzjal kreattiv ta' l-istudenti, biex flimkien isolvu problemi u jiġġeneraw l-għerf. M'ghandniex nilludu ruħna li b'sempliċi rranġar ta' mwejjed ħdejn xulxin fil-klassi jkun qed jitwettaq il-kunċett ta' xoghol fil-klassi. B'dan il-mod, il-kontroll tal-produzzjoni ta' l-għerf ma jibqax ikkonċentrat f'idejn l-għalliema, iżda jinqasam ma' l-istudenti. Għalhekk, xenarju edukattiv imsejjes fuq prinċipji ħolistiċi huwa xenarju essenzjalment demokratiku li jirrispetta u jrawwem il-bilanċ bejn it-tagħlim individwali u dak parteċipattiv.

Ir-relazzjoni bejn l-istudenti u l-iskola għandha wkoll tkun ibbażata fuq prinċipji ħolistiċi. Skola li timmira għall-iżvilupp sħiħ ta' l-istudenti:

- tqis kull student/a bħala speċjali;
- tafda lill-istudenti;
- tkattar l-ispirtu kooperattiv fost il-membri tal-komunita' edukattiva;
- twassal lill-istudenti biex jemmnu li l-iskola hi tagħhom;
- tqis li l-għerf mhux separabbli mis-sitwazzjoni reali tal-ħajja u mill-mod kif l-għerf jitfittex, jinkiseb u jintuża;

- tara li t-tagħlim ikun mibni fuq l-esperjenza konkreta tal-ħajja (u mhux fuq l-astrazzjoni biss) u fuq il-mezzi moderni ta' l-informatika;
- toffri ambjent pjaċevoli.

Edukazzjoni ħolistika titlob li l-iskola tiżviluppa rabtiet mill-qrib mal-komunita'. F'taqsima oħra, dan id-dokument jispjega kif l-iskejjel jistgħu jiżviluppaw f'ċentri komunitarji.

Permezz ta' l-internet u s-sħubija ma' skejjel barranin, l-iskola tal-lokal trid tittrasforma ruħha fi skola globali. L-istudenti jistgħu b'hekk jidħlu f'relazzjoni komunikattiva transnazzjonali u fl-istess ħin jitħarrġu fl-arti tal-kooperazzjoni u s-solidarjeta' internazzjonali.

Prinċipju 8:

Edukazzjoni Inklużiva

L-edukazzjoni inklużiva għandha tinftiehem bħala l-impenn tal-komunita' edukattiva lejn għarfien sħiħ tad-differenzi individwali u t-twettiq ta' politika ta' inklużjoni. Dan il-kunċett jagħraf il-firxa sħiħa ta' interessi, potenzjali u bżonnijiet edukattivi ta' l-istudenti.

L-implikazzjonijiet ta' l-impenn lejn edukazzjoni favur id-diversita jmorru 'l hinn mill-parametri edukattivi. L-affermazzjoni tad-diversita' hija responsabbilta' morali ta' soċjeta' li temmen fit-twessigħ tal-parametri demokratiċi, fit-tkattir tal-kultura parteċipatorja, fid-difiża tad-drittijiet bażiċi ta' l-ulied, fil-ħidma kontinwa kontra dak kollu li jista' jxekkel l-ħiliet differenti ta' l-istudenti, u fil-ħarsien u t-tisħiħ ta' dak kollu li pajjiżna rnexxielu jikseb fil-qasam soċjali u kulturali.

Ir-reazzjonijiet li rċieva l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni wara l-ħruġ ta' l-Abbozz tal-Kurrikulu, urew biċ-ċar li l-għalliema ma jħossuhomx ippreparati u appoġġjati biżżejjed biex jindirizzaw din l-isfida tant kbira. Għalhekk filwaqt li dan id-dokument jirrikonoxxi li dan il-prinċipju huwa t-triq li s-sistema trid issegwi, iqis is-snin li ġejjin bħala fażi tranżitorja li matulha trid titħejja l-infrastruttura edukattiva neċessarja, jissaħħaħ it-taħriġ ta' l-għalliema f'dan il-qasam, u ssir kampanja formattiva fost il-ġenituri li twassal għall-bidla fil-mod kif is-soċjeta' tħares lejn il-proċess edukattiv.

Sakemm il-pajjiż jasal biex iwettaq il-proġett ta' inklużjoni sħiħa, il-komunita' edukattiva trid tibqa' fidila lejn il-ġustizzja soċjali billi tinvesti l-aktar fit-tfal u ż-żgħażagħ li minħabba kawżi differenti jkunu fil-periklu li jirrepetu sena skolastika, ifallu l-iskola, joħorġu mill-iskola qabel jagħlqu s-sittax-il sena, jew itemmu l-proċess skolastiku mingħajr il-ħiliet neċessarji, u bi stima baxxa tagħhom infushom.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jirrikonoxxi l-fatt li f'kuntest ta' ambjent skolastiku li jagħraf id-diversita', l-ilsien mitkellem m'huwiex il-forma waħdanija ta' komunikazzjoni umana. Pereżempju, xi studenti jikkomunikaw bil-lingwa tas-sinjali u oħrajn bil-braille. Għalhekk, is-sistema edukattiva trid tiżgura li jeżistu l-provedimenti neċessarji biex dawk it-tfal kollha li l-'ewwel ilsien' tagħhom m'huwiex il-lingwa mitkellma ma jitħallewx barra mis-sistema edukattiva regolari.

Prinċipju 9:

Assessjar Aktar Formattiv

Edukazzjoni li tagħraf id-diversita' tqis l-assessjar formattiv bħala indispensabbli fil-proċess tat-twettiq ta' l-aġenda demokratika. Dan għaliex dawn is-sistemi ta' assessjar jiffokaw fuq l-istudenti individwali, b'mod li jservihom. Fil-qosor, sistemi ta' assessjar formattiv għandhom dawn il-vantaġġi:

- jgħinu lill-istudenti jiksbu gradwalment serje ta' ħiliet. Il-pożizzjoni ta' l-istudenti individwali f'dan il-proċess tagħti stampa ċara ta' fejn ikunu waslu l-istudenti fl-assimilazzjoni ta' repertorju sħiħ ta' ħiliet;
- jitolbu pedagoġija msejsa fuq l-iżvilupp ta' diversi ħiliet, aktar milli fuq it-tagħlim bl-amment tal-fatti.
- ma jiddiskriminawx bejn l-istudenti.

Għall-kuntrarju, xogħol is-sistemi formattivi huwa li jagħti stampa ċara ta' fejn kienu, fejn huma u fejn possibbilment jaslu l-istudenti fil-mixja edukattiva individwali tagħhom. Sistemi formattivi huma ħafna aktar preċizi fir-riżultati ta' l-istħarriġ tagħhom minn sistemi summattivi. Sistemi formattivi jagħtu stampa ħolistika ta' l-iżvilupp ta' l-istudenti fuq żewġ livelli: (1) kemm tgħallmu; u (2) kif tgħallmu.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jikkonkretizza x-xogħol li diġa' sar f'dan il-qasam bil-għan li s-sistema ta' l-assessjar taqdi aħjar lill-istudenti. L-informazzjoni preċiża, miġbura u mgħoddija minn sena għal oħra, tkun tista' tiggarantixxi l-kontinwita' u l-iżvilupp imsejjes fuq il-progress individwali, aktar milli fuq normi universali.

Prinċipju 10:

Tisħiħ tal-Bilingwiżmu

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jqis il-bilingwiżmu bħala l-bażi ewlenija tas-sistema edukattiva. Fil-kuntest ta' dan id-dokument, il-bilingwiżmu jfisser l-użu effettiv, preċiż u kunfidenti taż-żewġ ilsna uffiċjali tal-pajjiż: il-Malti, li hu l-ilsien nazzjonali, u l-Ingliż. Dan l-għan importanti jrid jintlaħaq mill-istudenti sa tmiem il-vjaġġ skolastiku tagħhom.

Il-prattika li jissuġġerixxi dan il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali hi dik li tinstab fil-pajjiżi Ewropej l-oħra kollha: fuq il-bażi ta' l-ilsien nattiv u nazzjonali, il-Malti, jinbena l-għarfien ta' l-ilsna l-oħra.

Il-proċess ta' tisħiħ ta' l-ilsien li t-tfal jużaw fl-ambjent tat-trobbija, fil-każ tal-maġġoranza l-kbira tagħna l-Maltin, il-Malti, jgħin fl-iżvilupp ħolistiku tagħhom. L-iżvilupp ta' l-ewwel ilsien:

- iservi ta' kuntest għall-ħolqien ta' l-għerf u s-soluzzjoni ta' problemi;
- jiffaċilita t-tagħlim formali ta' l-istess ilsien;
- jipperpetwa t-tradizzjoni lingwistika tas-soċjeta' Maltija; u
- jgħin fl-iżvilupp ta' ilsna oħra.

Għalhekk il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jagħti kull opportunita' lill-istudenti biex jiżviluppaw l-ewwel ilsien tagħhom. B'hekk tissaħħaħ il-kultura tal-komunikazzjoni fil-pajjiż, jikber il-ftehim u titjieb l-espressjoni personali.

Filwaqt li l-istudenti jkunu qegħdin fil-proċess li jsaħħu l-ewwel ilsien, l-iskola trid tiżgura li t-tfal ikunu qegħdin jiffamiljarizzaw ruħhom mat-tieni ilsien. Il-proċess ta' familjarizzazzjoni mat-tieni ilsien, qabel jibda l-proċess tat-tagħlim formali, jista' jtul aktar minn dak ta' l-ewwel ilsien. Dan għaliex l-iskola tista' tkun qiegħda sservi ta' sors waħdieni għat-tagħlim tat-tieni ilsien.

L-istudju tas-soċjoloġija u l-psikoloġija ta' l-ilsna jurina li l-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet lingwistiċi tagħhom f'ambjenti, b'modi u b'rati differenti. Il-komunita' edukattiva trid tifhem li ma jeżistix rimedju wieħed għad-diffikultajiet li l-istudenti jiltaqgħu magħhom fil-proċess ta' l-iżvilupp ta' dawn l-ilsna. Kull skola trid taddotta strateġija lingwistika li tirrifletti l-bżonnijiet lingwistiċi partikolari ta' l-istudenti tagħha, waqt li ma jintesa qatt il-fatt li s-soċjeta' Maltija għandha l-ilsien nattiv tagħha, u

tagħraf ukoll lill-Ingliż bħala lsien uffiċjali u li żviluppa wkoll fil-lingwa franka internazzjonali. L-ewwel u t-tieni lsien għandhom jimxu id f'id fil-livelli kollha.

L-assessjar formattiv jagħti opportunita' lill-istess komunita' biex toffri rimedji preċiżi għad-diffikultajiet lingwistiċi ta' l-istudent/a individwali.

Prinċipju 11:

Ugwaljanza bejn is-Sessi

Is-sistema edukattiva, kif riflessa f'dan il-kurrikulu, għandha tkun imsejsa fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-rispett sħiħ tad-diversita' ta' bejniethom. Filwaqt li jirrikonoxxi d-differenzi bejn iż-żewg sessi, u jħeġġeġ l-affermazzjoni ta' l-identita' sesswali, dan il-kurrikulu għandu jsaħħaħ l-impenn tal-komunita' edukattiva biex jiggarantixxi l-istess opportunitajiet liż-żewġ sessi.

Imnebbaħ minn dan l-impenn, it-tiġdid tal-kurrikulu sa jorbot lill-komunita' edukattiva bir-responsabbilta' li tiżgura li l-bniet u s-subjien:

- isegwu l-istess kurrikulu;
- jiġu indirizzati b'mod li jkollhom aċċess għall-istess possibbiltajiet ta' xogħol; u
- joħorġu mis-sistema skolastika wara li jkunu għaddew mill-istess esperjenzi edukattivi.

Il-bniet u s-subien għandhom ikollhom l-opportunita' li jagħżlu b'mod effettiv is-suġġetti li jixtiequ. L-għażla tkun korretta meta tkun mibnija fuq tagħrif siewi. Biex dan iseħħ, l-istudenti:

- iridu jkunu konxji tat-tendenzi akkademiċi tagħhom u f'liema oqsma huma effiċjenti u kompatibbli;
- iridu jkunu jafu x'jinvolvu s-suġġetti varji, speċjalment dawk li huma assoċjati ma' sess jew ieħor;
- jifhmu li kemm il-bniet kif ukoll is-subjien jistgħu jitgħallmuhom; u
- jagħrfu x'opportunitajiet ta' karriera jistgħu jinfetħu permezz ta' dan it-tagħlim.

F'dan il-kuntest il-lingwaġġ, l-atteġġjament u l-gwida għal-għażla ta' suġġetti u l-karriera li jippromwovu l-għalliema ghandhom influwenza kbira fuq l-għażliet li jagħmlu l-istudenti.

L-ugwaljanza bejn is-sessi mhix tema li l-iskola tista' tittratta f'iżolament, jew f'xi suġġett partikulari. L-ugwaljanza għandha titqies bħala tema interdixxiplinarja, li l-għalliema kollha jistgħu jittrattawha mill-perspettiva tas-suġġett tagħhom u jikkumbattu l-preġudizzji kif ukoll joffru mudelli ġodda.

L-iskejjel għandhom jaraw li r-riżorsi li jintużaw mill-komunita' edukattiva ma jikkontradixxux il-prinċipju ta' l-ugwaljanza. Waqt l-għażla u l-produzzjoni tar-riżorsi, l-iskejjel għandhom attivament ifittxu u jipproduċu testi u materjal viżiv li jrawmu l-priniċipju ta' l-ugwaljanza. L-għarbiel ta' l-għażla f'dan il-qasam għandu jikkunsidra x'qegħdin jagħmlu, x'qegħdin jgħidu, fejn qegħdin, u x'kontroll qegħdin jeżerċitaw fuq ħajjithom is-sessi differenti.

Riżorsi bħal kotba u materjal ieħor tat-tagħlim li m'humiex sensittivi għall-prinċipju ta' l-ekwita' m'għandhomx ikunu skartati. Għall-kuntrarju, dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw waqt diskussjonijiet u attivitajiet edukattivi oħra li jittrattaw temi bħalma huma d-diskriminazzjoni sesswali, il-formazzjoni ta' l-isterjotipi, u l-abbuż sesswali.

It-tibdil fuq livell strutturali għandu jkun ikkumplimentat minn tiġdid kontinwu fil-pedagoġija ta' l-għalliema. B'mod konkret, fejn il-bniet u s-subjien qegħdin jitgħallmu flimkien, l-għalliema għandhom jindirizzaw temi pedagoġiċi u organizzattivi bħal:

- it-taħlit tas-sessi waqt attivitajiet fi gruppi;
- l-ammont ta' attenzjoni li tingħata lis-sessi differenti;
- l-aspettattivi tagħhom fil-konfront ta' sessi differenti;
- ir-responsabbiltajiet li jingħataw lis-sessi differenti.

Huwa fatt magħruf li l-iskola mhix l-ambjent waħdieni fejn il-perċezzjoni dwar x'għandhom ikunu l-karatteristiċi u l-imġiba taż-żewġ sessi qiegħda tiġi ffurmata. Għalhekk, l-iskejjel għandhom jaddottaw strateġija ħolistika f'dan ir-rigward. Permezz ta' din l-istrateġija, dawk li qed jieħdu ħsieb it-tfal għandhom ikunu mgħarrfa dwar l-aspetti differenti tal-kunċett ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u, fl-istess ħin, jingħataw l-opportunita' biex jeżaminaw il-ħsibijiet, l-attitudnijiet u l-imġiba tagħhom f'dan il-qasam partikulari tar-relazzjonijiet soċjali.

Prinċipju 12:

Vokazzjoni u Kompetenza

Għalliema kompetenti u effettivi huma indispensabbli fit-twettiq tal-proġett li għandna quddiemna, jiġifieri li nagħtu lil uliedna l-aqwa esperjenza edukattiva possibbli.

Dan id-dokument jiddefinixxi għalliema motivati, kompetenti, u effettivi bħala dawk li:

- huma mħejjija akkademikament għall-professjoni tagħhom;
- jħaddnu prinċipji demokratiċi;
- huma impenjati li jħarsu u jkattru l-ġustizzja soċjali;
- jintgħarfu minn għemilhom li huma jħaddnu l-prinċipji msemmija hawn fuq;
- huma impenjati li jiżviluppaw il-potenzjal ta' kull individwu, u jippreparaw lill-istess individwu biex jgħix u jiddefendi l-principju ta' soċjeta' ħanina;
- iqisu lilhom infushom bħala ħassieba u ħaddiema kulturali impenjati li jaraw li l-edukazzjoni tibqa' fuq quddiemnett ta' l-aġenda politika tal-pajjiż;
- jikkontribwixxu bir-riċerka, bil-kitba, u bid-djalogu intern u mal-massa, għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni f'Malta;
- jfittxu li jaħdmu mal-ġenituri u ma' msieħba oħra fil-proċess edukattiv;
- jfittxu li jtejbu lilhom infushom kontinwament bis-saħħa tal-qari, tar-riflessjoni, ta' l-iskambju ta' l-ideat mal-kollegi tagħhom, ta' korsijiet, u ta' esperimentazzjoni kontinwa.

Għalliema motivati, kompetenti, u effettivi jfittxu li jrawmu lill-istudenti tagħhom moralment u intellettwalment fis-sens ta' demokrazija u ġustizzja soċjali. L-għalliema jkunu demokratiċi u ġusti fil-prattika tagħhom meta jagħżlu li:

- jittrattaw lill-istudenti bħala individwi ndaqs, irrispettivament mill-isfond soċjali, mis-sess, mir-reliġjon, u/jew mill-bżonnijiet speċjali tagħhom;

- jagħmlu minn kollox biex jiżguraw l-istess aċċess għall-esperjenzi edukattivi ispirati minn dan il-kurrikulu, u jiżguraw li l-istudenti kollha joħorġu minn din l-esperjenza edukattiva ta' l-anqas bil-ħiliet bażiċi msemmija f'dan id-dokument;
- jkattru l-għarfien tad-dmirijiet, id-drittijiet u l-libertajiet ta' l-istudenti;
- jagħrfu d-differenzi fost l-istudenti, u jrawmu l-immaġni pożittiva ta' popli differenti;
- jinkoraġġixxu l-mistoqsijiet u l-kritika mill-istudenti;
- jfittxu li jrawmu l-prattika li tistimula l-kooperazzjoni u s-solidarjeta';
- jagħtu spazju lill-esperjenzi personali ta' l-istudenti;
- jirrispettaw l-interessi u l-istili differenti ta' tagħlim ta' l-istudenti;
- jfittxu li jintegraw l-interessi, l-istili u l-bżonnijiet ta' l-istudenti fl-iskemi ta' xogħol u fil-pjanijiet tal-lezzjoni tagħhom;
- jkunu konxji ta' l-istil tagħhom u ma jimponuhx fuq l-oħrajn;
- jrawmu prattika li tistimula l-kurżita', l-investigazzjoni, il-ħsieb loġiku u kritiku, u s-soluzzjoni tal-problemi; u
- jimplimentaw il-kodiċi ta' mġiba fil-klassi billi jagħmlu ħilithom ħalli bid-djalogu l-istudenti jaċċettaw l-istess kodiċi.

Għalliema motivati, kompetenti u effettivi jintgħarfu wkoll mill-kwalitajiet personali tagħhom. Għalliema bħal dawn iqisu t-tagħlim, il-qari, l-istudju u l-impenn morali bħala l-passjoni tagħhom. Din il-passjoni hija mnebbħa mill-imħabba u r-rispett li għandhom lejn l-istudenti, min-namra li għandhom għall-għerf u t-tagħlim, u mill-konvinzjoni li xogħolhom huwa neċessarju. Għalliema bħal dawn jittamaw li l-proċess edukattiv iwassal biex jittrasforma u jtejjeb modi u relazzjonijiet soċjali eżistenti. Dawn l-għalliema jemmnu li l-ħolma tagħhom tista' ssir realta' permezz ta' ħidma kollettiva. Għalhekk, l-għalliema għandhom ikunu lesti jaqsmu l-ħidma professjonali tagħhom ma' msieħba oħra fil-proċess edukattiv, mingħajr ma jbigħu l-identita' tagħhom ta' edukaturi awtorevoli.

L-għalliema kompetenti u effettivi jagħrfu l-importanza tal-kurrikulu moħbi. Dawn l-għalliema jifhmu li d-deċiżjonijiet li jieħdu, ngħidu aħna, dwar il-mod li bih qed jgħallmu, l-organizzazzjoni tal-klassi, l-ammont u l-kwalita' ta' ħin li qed jgħaddu ma' studenti differenti, il-kwalita' ta' mistoqsijiet li qed jistaqsu lit-tfal, u l-kwalita' u l-kontenut tar-riżorsi li qed jippreparaw u/jew jużaw, qed jinfluwenzaw il-kwalita' ta' l-iżvilupp ta' l-istudenti. Għalhekk, għalliema kompetenti u effettivi huma dejjem lesti jgħarblu għemilhom biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet u l-għażliet tagħhom ikunu tassew edukattivi.

Riżorsi Umani fl-Iskejjel: Kull skola għandha jkollha r-riżorsi umani neċessarji biex jiggarantixxu livelli għoljin ta' edukazzjoni. Il-kontribut spiss u konsistenti ta' nies speċjalizzati fl-iskejjel għandu jkun wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-sistema edukattiva fis-snin li ġejjin.

Prinċipju 13:

L-Importanza ta' l-Ambjenti tat-Tagħlim

L-ambjenti tat-tagħlim huma tesseri importanti fil-mużajk edukattiv. Hemm rabta intima bejn il-kundizzjonijiet fiżiċi, l-ispazji allokati, u r-riżorsi li l-ambjenti tat-tagħlim jipprovdu, u t-tiswir ta' l-attitutdnijiet, l-imġiba u l-iżvilupp ta' l-istudenti. Il-proċess tat-tiġdid kurrikulari għandu jikkonferma l-fatt li l-isfidi edukattivi u l-pedagoġiji nbidlu matul iż-żminijiet. Għalhekk, l-ambjenti ta' ħafna mill-iskejjel għandhom jiġġeddu jew jinbidlu għal kollox. Fl-istess ħin, irid isir sforz akbar biex il-

komunita’ edukattiva timraħ ‘l hinn mill-konfini fiżiċi ta’ l-iskola, u filwaqt li tisfrutta l-potenzjal edukattiv li joffru ambjenti oħra, kontinwament teżamina r-rilevanza ta’ l-iskola ma’ l-ambjenti u r-realtajiet l-oħra tal-ħajja.

L-Ambjent Fiżiku ta’ l-Iskejjel: L-ambjent fiżiku ta’ l-iskejjel għandu jkun fi stat strutturali tajjeb, milħuq minn kulħadd, nadif, spazjuż, arjuż, imdawwal, iddekorat u mgħammar sew, meħlus minn kull periklu, u mħares mill-elementi naturali. Jeħtieġ tingħata attenzjoni speċjali u urġenti biex kull skola ssir fiżikament aċcessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Riżorsi għat-Tagħlim: Il-proċess tat-tagħlim għandu jkun sostnut minn riżorsi ta’ kwalita’. Kull skola għandha timmira li jkollha kmamar għar-riżorsi li sservu ta’: maħżen għall-apparat, depożitu għall-kotba u riżorsi awdjo-viżivi, librerija professjonali, u bażi fejn jiġu ppreparati r-riżorsi.

Fejn jidħlu l-kotba, is-sistema edukattiva trid tara li l-kotba użati fl-iskejjel huma ta’ l-aħjar kwalita’ pedagoġika u soċjalment rappreżentattivi. Għalhekk, il-komunita’ edukattiva għandha d-dmir tistudja skemi li jwasslu biex fil-futur l-istudenti kollha jkunu qed jużaw l-aktar kotba aġġornati fis-suq.

Fejn jidħlu s-sistemi moderni ta’ l-informatika, is-sistema edukattiva trid kontinwament tippjana u tevalwa l-bżonnijiet fiżiċi u infrastrutturali li dan jirrikjedi. Il-kompjuter għadu qiegħed jingħata importanza periferali biss. Għalhekk, apparti mill-bidla fil-mentalita’, wieħed irid jikkonsidra bis-serjeta’ x’bidliet fiżiċi u organizzattivi titlob skola li verament tqis il-kompjuter bħala għodda indispensabbli għat-tagħlim.

Il-politika ħolistika tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali titlob li l-inħawi kollha ta’ l-iskola jikkonformaw ma’ l-għanijiet u l-prinċipji ta’ dan id-dokument. Kull skola għandha tara li dawn l-ispazji edukattivi huma ħielsa minn kull periklu u mgħammra bir-riżorsi li jgħinu lill-għalliema jwettqu dmirhom sew.

L-Ambjent Soċjali ta’ l-Iskejjel: Ambjent fiżiku ta’ kwalita’ għandu jipprovdi l-qafas għal ambjent soċjali pożittiv. Ġeneralment, skejjel b’ambjent soċjali pożittiv għandhom dawn il-karatteristiċi:

- aspettattivi għoljin;
- dedikazzjoni u moral għoli ta’ l-għalliema;
- attitudni pożittiva reċiproka bejn l-imsieħba kollha ta’ l-iskola;
- rikonoxximent tas-suċċess miksub mill-istudenti individwali u mill-iskola;
- rikonoxximent tax-xogħol u d-dedikazzjoni ta’ l-għalliema
- aċċenn fuq l-istima personali;
- tmexxija għaqlija;
- appoġġ u inkoraġġiment kontinwu;
- atmosfera li tilqa’ n-nies;
- relazzjoni tajba u komunikazzjoni effettiva ma’ l-imsieħba fil-komunita’;
- impenn kontinwu biex l-iskola ssir aktar effettiva;
- parteċipazzjoni fid-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet amministrattivi.

Prinċipju 14:

Tkattir tal-Parteċipazzjoni fl-Iżvilupp tal-Kurrikulu

Huwa maħsub li l-iżvilupp tal-kurrikulu jkun ta' żewġ forom: proċess kontinwu ta' tifsil, żvilupp, twettiq u tiġdid tal-miżuri proposti f'dan id-dokument tiġdid ta' dan id-dokument innifsu fi proċess li jibda wara 5 snin ta' implimentazzjoni u jieħu sentejn.

Il-kurrikulu huwa propjeta' pubblika. Għalhekk, għandha tissaħħah l-idea li nies minn diversi oqsma tal-ħajja jipparteċipaw fil-proċess kollu tat-tifsil, l-iżvilupp, it-twettiq u t-tiġdid tal-kurrikulu.

Fil-livell komunitarju, il-ġenituri huma fost l-imsieħba ewlenin fil-proċess edukattiv. Illum nafu li aktar ma l-ġenituri jibqgħu 'l bogħod mis-sistema edukattiva, aktar il-proċess edukattiv kif ukoll l-iżvilupp tat-tfal jiftaqru. Għalhekk, dan id-dokument iħares lejn il-ġenituri bħala kollaboraturi importanti tal-kurrikulu. Il-ġenituri jistgħu jsostnu l-kurrikulu billi:

- jipprovdu ambjent stabbli u stimulanti fid-dar;
- jinteressaw ruħhom fil-proċess edukattiv;
- jpoġġu l-investiment fl-edukazzjoni ta' wliedhom quddiemnett fl-għażliet tagħhom;
- jkattru d-djalogu ma' l-għalliema u l-awtoritajiet edukattivi;
- jipparteċipaw fi proġetti edukattivi u f'riċerka li twassal biex jitjiebu s-servizzi edukattivi u l-ħajja kurrikulari ta' wliedhom;
- jgħaddu lill-iskola kull informazzjoni li tgħin fl-iżvilupp ta' wliedhom;
- jtejbu lilhom infushom biex ikunu jistgħu jipprovdu l-aħjar għajnuna possibbli lil uliedhom u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod aktar effettiv fil-proċess edukattiv; u
- jkunu lesti li joffru l-għerf, il-ħiliet u l-ħin tagħhom lill-iskola.

Il-proċess ta' l-iżvilupp tal-kurrikulu fl-iskola għandu wkoll jibbenefika mill-għerf u l-ħiliet ta' dawk fil-komunita' li jixtiequ jiddedikaw xi ħin għall-iskola. L-għajnuna mitluba mill-iskola ma tfissirx li xi membri tal-komunita' sa jieħdu post l-għalliema. Il-membri tal-komunita' għandhom isostnu x-xogħol li qed isir mill-għalliema waqt il-ħin ta' l-iskola.

L-għajnuna tista' tkun estiża għal wara l-ħin uffiċjali ta' l-iskola bit-twaqqif ta' gruppi speċjalizzati. In-natura tal-gruppi mwaqqfa fi skola partikulari x'aktarx sa tkun tirrifletti l-għajnuna offruta mill-komunita'. Iżda jrid isir sforz biex xi attivitajiet li l-iskola torganizza wara l-ħin jipprovdu l-bżonnijiet li l-għalliema u l-awtoritajiet ta' l-iskola ma jistgħux iwettqu waqt il-ħin propju ta' l-iskola.

L-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet governattivi u volontarji għandhom jitqiesu mill-iskejjel bħala msieħba ewlenin tagħhom. Dawn l-entijiet joffru għajnuna u tagħrif speċjalizzat li ħafna drabi jkun nieqes mill-ambjent immedjat ta' l-iskola.

Prinċipju 15:

Deċentralizzazzjoni u Identita'

L-awtoritajiet għandhom ikattru l-kultura tal-parteċipazzjoni fl-oqsma differenti tal-kurrikulu billi jkomplu jsostnu l-politika tad-diċentralizzazzjoni u jgħinu lill-iskejjel biex jissaħħu fl-identita' u fl-awtonomija. Għalkemm proċess diffiċli, l-awtonomija hija t-triq li għandha twassal għal proċess edukattiv aktar uman,

għal tmexija aktar effettiva u effiċjenti, għall-iżvilupp ta' ħiliet ġodda marbutin ma' parteċipazzjoni akbar, u għal aktar djalogu mal-komunita'.

It-twessigħ tal-parametri demokratiċi jitlob l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda. Il-proċess ta' parteċipazzjoni nnifsu jgħallem lill-parteċipanti kif jaħdmu għalenija b'riżq l-edukazzjoni fil-komunita'. It-taħriġ f'oqsma differenti tal-parteċipazzjoni għandu jagħni din l-esperjenza billi jsaħħaħ il-ħiliet ta' min għandu r-rieda u l-entużjażmu li jipparteċipa f'dan il-proċess demokratiku.

L-awtoritajiet edukattivi, flimkien ma' l-Universita' u l-għaqdiet volontarji, għandhom jaħdmu fil-qasam tat-taħriġ biex ikollna mexxejja, amministraturi, għalliema u membri fil-komunita' li tassew ikunu kapaċi jisfruttaw l-opportunitajiet li joffru d-deċentralizzazzjoni u l-awtonomija għal skejjel ta' l-aqwa kwalita' li tassew jikkontribwixxu għall-iżvilupp uman.

L-GĦANIJIET ĠENERALI

L-għanijiet ġenerali msemmija f'din it-taqsima jirrappreżentaw l-aspirazzjonijiet ta' ħafna minn dawk li wieġbu għas-sejħa ta' l-awtoritajiet edukattivi. Dawn l-għanijiet jikkonfermaw il-prinċipji u l-viżjoni edukattiva ta' dan id-dokument, u fil-qofol tagħhom iridu jwasslu għall-aqwa formazzjoni ta' kull persuna biex ikunu ffurmati ċittadini tajbin ta' pajjiżna u tad-dinja kollha.

Il-lista kif tidher hawn taħt ma tirrappreżentax ordni ġerarkika ta' prijoritajiet fil-qasam edukattiv. Il-komunita' edukattiva trid tqis dawn l-għanijiet ġenerali bħala interdipendenti u ta' l-istess importanza.

L-Għanijiet Ġenerali li ġejjin jitwettqu bis-saħħa ta' tagħlim u taħriġ li jgħin lill-istudenti jiksbu għerf, ħiliet u attitudnijiet marbuta ma' bosta oqsma ta' siwi għall-iżvilupp uman:

Għan 1:

Għarfien Personali u Bini ta' Sistema ta' Valuri Etiċi u Morali

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- id-diversi dimensjonijiet tal-persuna umana: id-dimensjoni spiritwali, fiżika, emozzjonali, intellettwali, soċjali u morali
- il-ħtiġijiet eżistenzjali ta' kull dimensjoni u kif dawn iridu jiġu integrati fi proġett ta' ħajja
- il-valuri u l-mezzi li għandhom jużaw biex jibnu lilhom innifishom lejn maturita' kompleta
- id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom lejn il-ħallieq (għal min jemmen), lejn għajrhom, lejhom infushom, lejn il-komunita', lejn pajjiżhom, lejn l-ambjent naturali, u lejn l-annimali;
- il-valur tal-liberta' u l-limiti tagħha
- l-inaljenabilita' tad-dritt tal-bnedmin kollha li jkunu meqjusa u ttrattati ndaqs u bla ebda diskriminazzjoni tkun xi tkun ir-razza, il-post ta' oriġini, il-fehmiet politiċi, il-kulur, it-twemmin, is-sess, l-eta' u l-abbilta' fiżika jew mentali.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jagħrfu l-kontribut fundamentali li kull qasam tat-tagħlim (ir-reliġjon, il-letteratura, il-filosofija u l-bqija) jagħti lill-iżvilupp sħiħ tal-persuna
- jagħrfu jidentifikaw il-prijoritajiet u l-iskala tal-valuri
- jibnu karattru sod biex jagħżlu, jiddeċiedu u jqiegħdu fil-prattika dak li jqisu li hu sewwa u ġust.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- ifittxu b'mod onest l-identita' personali tagħhom, x'inhuma l-għanijiet ta' ħajjithom u x'inhuma l-mezzi li jridu jużaw biex jimxu lejn maturita' sħiħa
- japprezzaw kull qasam tat-tagħlim;

- japprezzaw li għad baqa' lok għat-tiftix għal tweġiba tal-mistoqsijiet fondamentali ta' l-ezistenza umana;
- jagħrfu l-ħin kollu d-differenza fl-għażla bejn dak li hu sewwa li jsir, dak li hu permess, dak li hu dmir, u dak li hu aħjar u isbaħ;
- ikunu konvinti li kull għemil għandhom jagħmluh b'intenzjoni tajba.

Għan 2:

Żvilupp ta' Ċittadini u Ambjent Demokratiku

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari, inkluża dik ta' skejjel u klassijiet demokratiċi, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/it-tagħrif dwar:

- il-kunċett tad-demokrazija b'riferenza għal xi tfisser id-demokrazija fl-era ta' l-informatika
- l-istorja tad-demokrazija
- l-istorja tad-demokrazija parlamentari f'pajjiżna
- il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna
- il-ħajja demokratika f'Malta, fil-pajjiż inġenerali u fil-lokal partikolari
- id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini
- l-istituzzjonijiet demokratiċi ta' pajjiżna
- kif wieħed jista' jipparteċipa fil-ħajja demokratika ta' pajjiżna
- it-twaqqif ta' gruppi li jirrappreżentaw interessi differenti
- kif isir il-lobbying f'kuntest demokratiku.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari, inkluża dik ta' skejjel u klassijiet demokratiċi, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jieħdu sehem attiv fil-klassi u fil-politika ta' l-iskola
- jiżviluppaw sens kritiku u investigattiv
- jafu jiddiskutu, jiddjalogaw, jiddibattu, jorganizzaw, u jieħdu sehem fi gruppi; u
- ikunu lesti jaħdmu fil-komunita'.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari, inkluża dik ta' skejjel u klassijiet demokratiċi, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- jemmnu fl-importanza ta' l-ambjent demokratiku
- ikunu lesti jgħarrblu u jħarsu b'mod kritiku lejn dak kollu li jiġri fl-ambjent demokratiku
- jemmnu fid-difiża tad-demokrazija fil-pajjiż

- jirrispettaw il-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż
- juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet tal-pajjiż f'kull livell
- japprezzaw id-differenzi u d-diversita' kulturali ta' pajjiżna
- ikunu lesti li jħarsu d-drittijiet bażiċi taċ-ċittadini kollha
- ikunu lesti li jimpenjaw ruħhom u jipparteċipaw b'mod attiv sabiex titkattar il-kultura demokratika fil-pajjiż
- japprezzaw il-valuri u l-proceduri demokratiċi.

Għan 3:

Żvilupp ta' Sens ta' Identita' Marbut ma' l-Espressjoni Kreattiva

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- l-identita' ta' Malta li biha pajjiżna jidħol ukoll fil-familja tal-ġnus l-oħra
- il-preistorja u l-Istorja ta' Malta u l-Maltin, inklużi l-aspetti politiċi u soċjo-ekonomiċi
- il-lingwa u l-letteratura Maltija
- ir-reliġjon tal-poplu Malti
- il-folklor u t-tradizzjonijiet l-oħra ta' Malta
- l-istorja artistika, arkitettonika u mużikali ta' pajjiżna
- il-kultura, l-istorja u r-reliġjonijiet differenti fir-reġjun tal-Mediterran u l-istorja ta' Malta bħala parti minn dan ir-reġjun
- il-kultura, l-istorja u r-reliġjonijiet differenti fil-Kontinent Ewropew u kif l-identita' Ewropea qiegħda tissawwar permezz ta' l-istituzzjonijiet Ewropej
- il-proċess li bih Malta, bħal popli oħrajn, iżżomm il-karattru tagħha fi ħdan id-diversitajiet kontinentali u dinjija.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jużaw l-Ilsien Malti bħala l-ilsien nattiv tagħhom;
- jużaw il-lingwa Ingliża bħala lingwa uffiċjali ta' pajjiżna u lingwa internazzjonali;
- jirriċerkaw biex jitkompla l-istudju dwar id-diversi aspetti ta' l-identita' Maltija;
- jifhmu u jfissru apprezzament artistiku u għarfien estetiku waqt diskussjonijiet li jittrattaw id-diversi aspetti tal-produzzjoni artistika Maltija u internazzjonali;
- jifhmu u jfissru il-valuri estetiċi tal-produzzjoni artistika Maltija u internazzjonali;
- japplikaw kriterji estetiċi waqt produzzjoni artistika personali;

- ilaqqmu influwenzi barranin ma' influwenzi indiġeni waqt produzzjonijiet artistiċi.

Dan kollu jwassal biex Malta tintegra ruħha fid-dinja billi ma tkunx inqas jew differenti fl-attitudni lejha nnifisha.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- japprezzaw bi sħiħ l-wirt kulturali - storiku, lingwistiku, letterarju, artistiku, arkitettoniku, eċċ. - Malti
- jemmnu fl-importanza ta' l-iżvilupp tal-produzzjoni kulturali Maltija
- it-taħlit kulturali iqisuh bħala fenomenu soċjali pożittiv
- il-xenofobija u r-razziżmu jqisuhom bħala fenomeni soċjali negattivi
- jirrispettaw u jesprimu affinita' kemm ma' kulturi oħra kif ukoll ma' dak li jiddistingwina.

Għan 4:

Edukazzjoni Reliġjuża

(Edukazzjoni reliġjuża b'indirizz kattoliku kif jitlob il-ftehim bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta dwar it-tagħlim u l-Edukazzjoni fir-Reliġjon Kattolika fl-iskejjel ta' l-Istat).

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' esperjenzi (individwali u kollettivi) u ta' tagħlim formali mibni fuq id-dokumenti ewlenin tal-messaġġ Nisrani, l-istudenti jiksbu dan l-għerf u tagħlim:

- l-esperjenzi u l-mistoqsijiet il-kbar tal-ħajja u li permezz tagħhom iridu jsibu sens f'ħajjithom;
- esperjenzi u mistoqsijiet bħal: x'inhu posthom fil-ħolqien, il-ħbiberiji, il-ferħ tal-qalb, it-tbatija, l-inġustizzji, l-istima personali, il-mewt, il-futur, eċċ.
- l-għejun tal-messaġġ Nisrani (il-Bibbja u d-dokumenti tal-Maġisteru), l-espressjoni tiegħu fin-nisġa ta' l-Istorja, u fix-xhieda ta' dawk li għexuh;
- il-persuna u l-ħidma ta' Ġesu' ta' Nazzaret (kif irrivelat fil-Bibbja u magħruf fil-fidi tal-Knisja) bħala dak li jagħti interpretazzjoni sħiħa ta' l-esperjenza umana u bħala ċentru tal-messaġġ kollu;
- min hu Alla u dwar il-pjan tas-salvazzjoni li fassal, li beda u li għadu jwettaq fl-Istorja, fid-dawl ta' dak li għallem Ġesu';
- il-komunita' Nisranija li fiha u biha Ġesu' għadu jkompli l-ħidma tiegħu permezz ta' l-ispirtu, il-ħidma u t-tħabbir tal-Kelma, iċ-ċelebrazzjoni liturġika u sagramentali, u s-servizz fl-imħabba
- il-valuri u l-istil ta' ħajja proposti minn Ġesu' Kristu bħala t-triq lejn maturita' sħiħa u dejjiema; il-kmandament ta' l-imħabba bħala r-ruħ tal-moralita' Nisranija, l-aktar kif tolqot il-ħajja u l-iżvilupp ta' l-istudenti fid-diversi etajiet u ambjenti li jgħixu fihom
- il-karatteristiċi tar-Reliġjonijiet ewlenin u dwar kif kull waħda tipprova twieġeb għall-istess mistoqsijiet fundamentali għall-eżistenza umana
- kif il-Kristjaniżmu għen fit-tiswir tal-kultura u l-identita' Maltija.

Ħiliet

Permezz ta' tagħlim formali, ta' esperjenzi individwali, fi gruppi jew fil-klassi, ta' evalwazzjoni personali mal-Konsulenti Reliġjużi u l-għalliema, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jagħrfu jagħtu raġuni soda u ddokumentata tat-twemmin u l-prattika reliġjuża tagħhom;
- ifittxu d-dimensjoni reliġjuża fir-realtajiet u l-esperjenzi kollha tal-ħajja;
- isibu ħin biex jiskopru u jikbru fid-dimensjoni spiritwali tagħhom;
- jiżviluppaw mezzi biex ikunu konxji tal-qawwa ta' l-Ispirtu, l-aktar f'waqtiet ta' diffikulta';
- jitħarrġu dwar kif jieħdu sehem b'mod attiv u bis-sens fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi;
- ifittxu l-komunjoni bħala l-atteġġjament ewlieni fil-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu, kemm mal-komunita' nnfisha, kif ukoll ma' xi membri tagħha;
- jitħarrġu dwar kif jagħtu sehemhom f'pajjiżhom u fid-dinja l-aktar favur min hu batut jew emarġinat;
- ifittxu motivazzjonijiet, taħriġ, u evalwazzjoni personali dwar kif jipprattikaw l-imħabba Nisranija fl-għażliet konkreti li jagħmlu f'kull qasam tal-ħajja;
- jiżviluppaw ħiliet marbuta ma' diskussjoni, djalogu, komprensjoni u tolleranza ma' min iħaddan twemmin jew imġiba differenti.

Attitudnijiet

Permezz tat-tagħlim formali, bi skambju ggwidat ta' esperjenzi, bis-sehem f'ċelebrazzjonijiet ipprogrammati u bl-għajnuna tal-Konsulenti Reliġjużi, l-istudenti Nsara jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- sens aktar maħsub, iddokumentat u matur lejn il-mod kif iħarsu lejn it-twemmin u l-prattika tar-reliġjon Nisranija;
- fiduċja u kuntatt ma' Alla, il-ħallieq ta' kollox u Missier ta' kulħadd;
- apprezzament tal-Mulej Ġesu' bħala t-Triq, il-Verita' u l-Ħajja;
- kuraġġ fil-qawwa ta' l-Ispirtu;
- sehem konxju u attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-komunita' Nisranija;
- onesta' u l-imħabba Nisranija bħala r-ruħ ta' kull imġiba fl-oqsam kollha tal-ħajja, l-aktar dawk li jolqtu mill-qrib l-istudenti tagħna: l-imġiba fid-dar, fl-iskola, fis-soċjeta', mal-ħbieb, fl-istudju, fid-divertiment, fis-sesswalita', fil-konsum, fl-għajnuna lejn min hu l-aktar fil-bżonn, fil-voluntarjat, eċċ.;
- rispett lejn min iħaddan twemmin ta' reliġjonijiet oħra jew lejn min għażel li ma jħaddan l-ebda reliġjon.

Għan 5:

It-Tisħiħ ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- tagħlim dwar kull aspett ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' kull suġġett;

- il-liġijiet nazzjonali dwar l-ugwaljanza, b'mod speċjali l-Kostituzzjoni u l-Liġi tal-Familja u l-liġijiet li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar it-tneħħija ta' kull xorta ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa (CEDAW);
- il-Konvenzjoni Ewropea li tolqot id-drittijiet tal-bniedem;
- l-għarfien tal-kurrikulu moħbi f'dan il-qasam.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jizviluppaw dawn il-ħiliet:

- jagħmlu għażliet tajba f'kull aspett tal-ħajja li tinkludi l-karriera tagħhom u r-relazzjonijiet ma' ħaddieħor, kemm familjari kif ukoll professjonali;
- jagħrfu d-dinjita' tal-persuna tagħhom u ta' ħaddieħor;
- japprezzaw u jaċċettaw id-differenzi bejn is-sessi;
- jagħrfu, jirreżistu u jikkritikaw attitudnijiet u sitwazzjonijiet diskriminatorji;
- jipproponu u jwettqu (fiċ-ċirkostanzi tagħhom) t-tibdil meħtieġ biex il-pajjiż jersaq lejn ugwaljanza vera u effettiva bejn in-nisa u l-irġiel.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- ikunu lesti jibdlu attitudnijiet negattivi; ngħidu aħna, preġudizzji dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u nies ta' sesswalita' differenti;
- jemmnu fil-ħtieġa li kull tip ta' diskriminazzjoni negattiva għandha titneħħa;
- jemmnu bis-sħiħ fil-ġustizzja soċjali li primarjament tinkludi l-ugwaljanza bejn iż-żewġ dimensjonijiet bażiċi tas-soċjeta';
- jagħrfu li d-differenza mhix theddida iżda ħaġa ta' valur.

Għan 6:

Edukazzjoni dwar is-Sesswalita' Umana

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- ir-rabta li teżisti bejn is-sesswalita' u l-politika tas-sessi;
- l-isterejotipi marbutin mas-sesswalita';
- il-firxa sħiħa ta' identitajiet sesswali;
- il-firxa ta' mard marbut mas-sesswalita', u tagħrif dwar il-prevenzjoni tiegħu;
- l-anatomija u l-fiżjoloġija sesswali;
- il-forom differenti ta' kontraċezzjoni;

- is-sesswalita’ u l-midja;
- is-sesswalita’ u l-liġi;
- iċ-ċensura u s-sesswalita’;
- is-sesswalita’ u r-reliġjon;
- is-sesswalita’ f’kuntesti kulturali differenti;
- għarfien dwar forom differenti ta’ esplojtazzjoni u abbuż sesswali;
- l-aġenziji li joffru għajnuna f’dan il-qasam.

Ħiliet

Permezz ta’ l-esperjenza kurrikulari f’dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jiżvilupaw relazzjonijiet interpersonali pożittivi;
- jagħmlu għażliet responsabbli marbutin ma’ attivita’ sesswali;
- iħarsu kontra l-abbuż sesswali;
- jagħrfu u jirrappurtaw abbużi sesswali
- jifhmu u jgħinu nies li jinsabu f’diffikultajiet relatati mas-sesswalita’ jew l-attivita’ sesswali tagħhom;
- jevitaw diskors jew għemil li jiddiskrimina jew iweġġa’ nies b’sesswalita’ differenti;
- jibdew u jkomplu diskussjoni matura dwar is-sesswalita’.

Attitudnijiet

Permezz ta’ l-esperjenza kurrikulari f’dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- jifhmu u japprezzaw il-ġisem uman u jirrispettaw dak tas-sess differenti;
- ikollhom ideat miftuħa u pożittivi kif ukoll jiżviluppaw sens ta’ risponsabbilta’ rigward is-sesswalita’;
- jirrispettaw nies b’identita’ sesswali differenti.

Fil-Kors tat-tagħlim tagħhom dwar dan is-suġġett, l-għalliema għandhom jagħtu kas tal-kuntest tal-valuri morali u reliġjużi ta’ l-istudenti u tal-ġenituri tagħhom.

Għan 7:

It-Trawwim ta’ Konsumaturi Edukati

Għerf/Tagħrif

Permezz ta’ l-esperjenza kurrikulari f’dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- l-ekonomija tas-suq ħieles: tifsira tal-kunċett; il-kuntest reġjonali Ewro-Mediterranju u dak globali; distinzjoni bejn il-bżonn u x-xewqat; l-għażliet tal-konsumatur; il-valur tal-flus imħallsa; u s-sistema tal-prezzijiet.
- leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur: għarfien tal-kontenut tal-liġijiet u provedimenti oħra li jittrattaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-konsumatur; l-għarfien tar-regolamenti ġenerali dwar kuntratti u

forom oħra ta' ftehim; ir-regolamenti dwar it-tabelli u t-tikketti; l-informazzjoni u l-pariri li għandhom jingħataw lill-konsumatur; u x'għandhom jagħmlu l-konsumaturi biex jieħdu dak li ħaqqhom, f'każ li l-prodott jew is-servizz ma jissodisfahomx.

- ir-riklamar: il-funzjoni tal-mezzi tal-komunikazzjoni fis-soċjeta'; ir-riklamar moħbi; id-differenza bejn ir-riklamar u l-informazzjoni ġenwina; l-għarfien analitiku ta' kif isiru r-riklami; l-għarfien tal-mod kif il-midja toħloq modi ġodda ta' għajxien, u l-konsegwenzi ta' dawn l-modi ġodda fuq il-ħajja ta' kategoriji differenti tas-soċjeta'.
- l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur: l-importanza ta' dawn l-assoċjazzjonijiet bħala difensuri tad-drittijiet tal-konsumaturi; il-funzjoni tagħhom bħala għejun ta' informazzjoni; l-għaqdiet tal-konsumaturi bħala rappreżentanti ta' l-interessi taċ-ċittadini f'kuntest demokratiku; u l-għaqdiet tal-konsumaturi bħala organizzaturi tal-konsumaturi.
- is-servizzi finanzjarji: għarfien tas-servizzi finanzjarji, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, li jgħinu lill-konsumaturi fl-attivita' konsumista tagħhom.
- is-sigurta': l-għarfien dwar prodotti li jistgħu jkunu perikolużi.

Ħiliet

Permezz ta' l-edukazzjoni dwar il-konsumatur, l-istudenti għandhom jingħataw l-opportunita' li jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jibbaġitjaw; jippjanaw tajjeb il-finanzi; iżommu rendikont ta' l-infiq u d-dħul; iqabblu l-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezz mal-kwalita'; u jużaw tajjeb il-finanzi disponibbli;
- jikkomunikaw b'mod effettiv ma' min jipprovdi prodott jew servizz, mad-Dipartiment għall-Affarijiet tal-Konsumatur jew ma' l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur; iwasslu lmenti permezz ta' noti verbali jew noti miktuba;
- jiżguraw l-użu tajjeb ta' sustanzi/prodotti perikolużi; jinterpretaw sew it-tagħrif mogħti mill-manifatturi tal-prodott;
- janalizzaw b'mod analitiku u kritiku l-pariri u/jew l-informazzjoni mogħtija mill-produttur/bejjiegħ/katalgu/fuljett jew sorsi oħra.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- l-apprezzament tal-konflitti ta' interess bejn il-konsumaturi, il-produtturi u l-bejjiegħa;
- l-apprezzament kritiku tal-valur mogħti lill-prodott jew is-servizz permezz tar-riklamar;
- ir-responsabilta' lejn il-konsegwenzi soċjali u ambjentali ta' l-imġiba tal-konsumatur;
- l-apprezzament ta' l-importanza tal-kooperazzjoni u s-solidarjeta' bejn il-konsumaturi.

Għan 8:

Edukazzjoni dwar il-Midja

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- is-soċjeta' u l-midja: għarfien bażiku ta' l-istorja ta' l-oqsma differenti tal-midja; għarfien dwar il-funzjoni tal-midja fis-soċjeta', u r-relazzjoni tal-midja ma' l-istituzzjonijiet politiċi u ekonomiċi; ir-rabta simbaotika bejn il-midja u s-soċjeta', jew kif is-soċjeta' u l-midja jinfluwenzaw lil xulxin; il-liġi ta' l-istampa u ċ-ċensura; il-midja u d-demokrazija.
- l-organizzazzjoni tal-midja: għarfien dwar strutturi differenti ta' propjeta' tal-midja, u l-midja bħala industrija transnazzjonali; għarfien ta' l-importanza ta' l-impatt tal-kuntest soċjali fuq il-konsum ta' prodotti tal-midja; għarfien dwar l-irwoli differenti tan-nies li jaħdmu f'dan il-qasam; għarfien dwar sistemi differenti ta' finanzjament.
- il-kontenut u l-lingwa tal-midja: l-għarfien tal-ġeneri misjuba fis-sistemi differenti tal-midja, id-differenzi bejniethom u r-rilevanza tagħhom għall-udjenza; għarfien ta' l-aspett interpretattiv tal-midja (eż. l-isterjotipi fil-midja); tagħrif dwar l-istorja ta' l-aktar oqsma importanti tal-midja; għarfien dwar l-Internet.
- il-midja bħala strument ta' edukazzjoni: il-possibbiltajiet li fetħet il-midja fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Forom differenti ta' tagħlim individwali u parteċipattiv li saru possibbli. Il-midja qed tibdel l-edukazzjoni.
- issues li jqumu dwar l-operat tal-midja: l-invażjoni tal-privatezza, l-abbuż tal-verita', l-iżbilanċ u l-propaganda, il-partiġġjaniżmu, eċċ.
- it-tifsir tal-konvenzjonijiet li nsibu fid-dinja tal-midja.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- il-lingwa tal-midja: jiksbu ħila bażika fl-użu ta' strumenti, it-teknika u l-materjali relatati ma' l-aspetti differenti tal-midja; jipproduċu prodotti sempliċi tal-midja; jużaw il-kompjuter bil-faċilita' ta' l-Internet bħala: (1) għodda fl-użu tal-midja, (2) medium adattabbli fih innifsu.
- il-kontenut tal-midja: jiżviluppaw ħiliet bażiċi fil-kitba ta' ittri, rapporti, stejjer investigattivi; fil-kitba ta' skritt sempliċi għat-TV u r-radju; fl-espressjonijiet personali bl-użu tal-kompjuter; fl-analizzar u fl-għażla ta' dak li għandu siwi, inkluż l-effett tar-reklamar; fl-għażla bbilanċjata bejn programmi edukattivi u oħrajn li joffru divertiment.
- is-soċjeta' u l-midja: janalizza l-irwol tal-midja fis-soċjeta' u fil-kultura partikulari tagħna; u jaħdmu biex it-teknoloġija ta' l-informatika tkun aċċessibbli għal kulħadd, inklużi tfal b'diżabilitajiet differenti.
- l-organizzazzjoni tal-midja: janalizzaw il-prodott fid-dawl tad-diffikultajiet u l-limitazzjonijiet ta' l-organizzazzjoni li qed tipproduċi l-prodott; jiffamiljarizzaw ruħhom mal-proċess ta' produzzjoni ta' midja differenti, inklużi forom differenti bħal, ngħidu aħna, il-Lingwa tas-Sinjali, il-Braille, sottotitli, eċċ.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- il-lingwa tal-midja: l-iżvilupp ta' attitudni kritika lejn il-midja; apprezzament tal-valuri estetiċi u l-impatt kulturali ta' l-oqsma differenti tal-midja
- il-kontenut tal-midja: l-iżvilupp ta' attitudni kritika bbażata fuq sistema ta' valuri personali; l-iżvilupp ta' attitudni silettiva rigward il-konsum tal-midja
- is-soċjeta' u l-midja: difiża tal-liberta' tal-kelma; attitudni kritika lejn il-midja
- l-organizzazzjoni tal-midja: żvilupp ta' attitudni kritika marbuta mal-bżonnijiet organizzattivi tal-produzzjoni.

Għan 9:

Parteċipazzjoni Produttiva u Effettiva fid-Dinja tax-Xogħol

Għerf/Tagħrif

F'din it-taqsima l-istrateġija pedagoġika hi aktar importanti mill-kontenut u jeħtieġ attenzjoni biex l-għodda tat-tagħlim (il-lezzjoni, hand-out, test fuq il-memorja eċċ.) ma jkunux astratti u 'l bogħod mir-realta' tant li jirrendu t-tagħlim u t-taħriġ irrelevanti. Tajjeb li wieħed juri esperjenzi diretti u mudelli differenti meħuda mir-realta' tal-ħajja.

Is-sistema edukattiva għandha tipprepara lill-istudenti għad-dinja tax-xogħol billi tgħinhom jiżviluppaw l-għerf/it-tagħrif dwar:

- is-setturi differenti ta' l-ekonomija Maltija;
- l-ekonomija globali u kif din taffettwa l-ekonomija Maltija;
- il-bidla tal-kuntest tax-xogħol f'soċjeta' mibnija fuq l-informatika;
- postijiet differenti ta' xogħol u l-ħiliet meħtieġa;
- l-etika tax-xogħol;
- is-sistema ta' tassazzjoni; is-soċjoloġija tax-xogħol; l-għaqdiet tal-ħaddiema; l-għaqdiet ta' min iħaddem; l-istorja soċjali u politika tal-ħaddiem Malti; il-moviment tal-kooperattivi Maltin; tiftix għax-xogħol - l-aġenziji li jħarrġu lill-adulti fix-xogħol; il-liġijiet u r-regolamenti li jittrattaw is-sigurta' fuq il-post tax-xogħol; il-liġijiet li jittrattaw id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema Maltin; is-sistema ta' benefiċċji soċjali għall-kategoriji differenti ta' ħaddiema (full-time/part-time/bla xogħol) u l-appoġġ għall-persuni b'diżabilita';
- is-sistemi ta' għajnuna finanzjarja fil-qasam tax-xogħol;
- tagħrif dwar il-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol;
- l-Unjoni Ewropea bħala ekonomija u suq tax-xogħol;
- l-istituzzjonijiet ekonomiċi ta' l-Unjoni Ewropea.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jiżviluppaw relazzjonijiet interpersonali, bħall-ħidma fi gruppi u l-kontroll ta' l-emozzjonijiet f'ċirkustanzi diffiċli;
- jafu jippjanaw, jorganizzaw u jevalwaw;
- jagħrfu l-potenzjal personali u l-iżvilupp ta' dan il-potenzjal fl-aħjar interess personali u soċjali;
- jafu jiddiskutu u jinnegozjaw;
- jimmaniġjaw il-ħin tajjeb;
- jifhmu x'inhuma l-ħtiġijiet bażiċi għall-ippjanar, preżentazzjoni, twettiq, u evalwazzjoni ta' proġetti;
- jafu jsolvu problemi marbutin mad-dinja tax-xogħol;
- jafu jikkonċentraw fuq ix-xogħol;
- jagħrfu l-periklu fuq postijiet differenti tax-xogħol u kif jevitaw u jeliminaw dan il-periklu;
- jafu jinterpretaw tajjeb regolamenti, ordnijiet, direttivi u struzzjonijiet;
- jafu jagħżlu karriera b'mod maħsub u informat;
- jafu x'jinvolvu intervisti għax-xogħol u kif iħejju ruħhom għalihom;
- jafu jiktbu C.V. u kif iħejju portfolio;
- jimmaniġġjaw tajjeb il-flus li jaqilgħu;
- iżommu ruħhom aġġornati fil-qasam tax-xogħol li jkunu għażlu;
- jafu kif wieħed jista' jilqa' ruħu għal żmien mingħajr xogħol;
- jafu jużaw tajjeb bla diffikulta' t-teknoloġija ta' l-informatika;
- ikollhom il-ħiliet meħtieġa f'kull aspett tal-litteriżmu u l-applikazzjoni tan-numri.

Attitudnijiet

Is-sistema edukattiva għandha tgħin lill-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet ta' apprezzament:

- tal-fatt li ħafna xogħlijiet jeħtieġu preparazzjoni fit-tul;
- tal-fatt li n-nuqqas ta' interess fil-proċess edukattiv jista' jwassal għal nuqqas ta' xogħol;
- u rispett għal kull tip ta' xogħol;
- tal-bżonn li l-ħaddiema jingħaqdu fi xrieki tax-xogħol;
- tal-bżonn li l-ħaddiema jirrispettaw l-etika tax-xogħol;
- ta' l-importanza tas-sens ta' kontabilita', u ta' inizjattiva;
- ta' l-importanza li l-edukazzjoni ma tiqafx ma' tmiem is-sistema obbligatorja, iżda tkompli tul il-ħajja;
- li f'kull professjoni u sengħa l-kontenut tax-xogħol il-ħin kollu jinbidel;
- ta' l-importanza tal-ħsieb kreattiv bħala għodda neċessarja għas-suċċess f'kull qasam tax-xogħol.

Għan 10:

Edukazzjoni għall-Ħin Ħieles

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- possibbiltajiet differenti ta' kif wieħed jista' juża l-ħin ħieles;
- l-implikazzjonijiet ta' l-għażliet li wieħed jagħmel f'dan il-qasam;
- il-valur edukattiv ta' ħafna mill-attivitajiet marbutin mal-ħin ħieles;
- il-kontribut kostruttiv li jista' jingħata lill-komunita' permezz ta' ħidma soċjali waqt il-ħin ħieles;
- il-ħin ħieles bħala industrija;
- il-possibbiltajiet ta' xogħol marbut mal-ħin ħieles;
- l-isport, għaqdiet volontarji u attivitajiet u postijiet kulturali.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jevalwaw il-possibbiltajiet magħrufa fil-qasam tal-ħin ħieles;
- jagħżlu sew fost numru ta' possibbiltajiet;
- jippjanaw u jużaw b'mod effettiv u ddixxiplinat il-ħin ħieles;
- jorganizzaw attivitajiet fi grupp jew tal-massa.

Attitudnijiet

Il-programm edukattiv f'dan il-qasam għandu jiżviluppa dawn l-attitudnijiet ta' apprezzament:

- ta' l-importanza tal-ħin ħieles;
- ta' l-importanza ta' l-użu kostruttiv tal-ħin ħieles;
- tal-kunċett tal-ħin ħieles bħala dritt ta' kulħadd.

Għan 11:

Għażliet Għaqlin fil-Qasam tas-Saħħa

Għerf/Tagħrif

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw l-għerf/tagħrif dwar:

- l-anatomija u l-fiżjoloġija tal-bniedem
- l-aspetti differenti ta' l-iżvilupp uman
- il-valur nutrittiv ta' ikel differenti;
- l-għażla, il-preparazzjoni, u l-priżervazzjoni ta' l-ikel;
- it-tkabbir ta' ikel differenti;

- il-ħsara personali li sseħħ minħabba ċerti għażliet fil-qasam tas-saħħa;
- il-prinċipji bażici ta' iġene;
- ir-rabta bejn is-saħħa u l-ambjent;
- is-sistema tas-saħħa fil-pajjiż;
- kif wieħed jista' juża s-servizzi li tipprovdi s-sistema tas-saħħa;
- l-aġenziji li jipprovdu għajnuna f'diversi oqsma tas-saħħa;
- id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadin fil-qasam tas-saħħa;
- kif wieħed jista' juri altruwiżmu fil-qasam tas-saħħa;
- is-soċjoloġija u l-politika tas-saħħa lokali u internazzjonali;
- l-istorja medika Maltija;
- kif l-informatika u t-teknoloġija qegħdin kontinwament jibdlu l-istil tal-ħajja u s-servizzi tas-saħħa.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jafu jirriflettu dwar il-konsegwenzi tal-firxa kbira ta' l-għażliet fil-qasam tas-saħħa;
- jafu jagħżlu b'mod infurmat u responsabbli fil-qasam tas-saħħa u jieħdu deċiżjoni dwar is-saħħa personali;
- jagħtu sehemhom biex jitjiebu s-servizzi tas-saħħa fil-pajjiż u biex is-saħħa tan-nies f'diversi nħawi u postijiet tax-xogħol f'Malta tkun imħarsa;
- irawmu spirtu altruwistiku favur il-morda, l-anzjani, persuni b'diżabbilta', u oħrajn li jistgħu jkunu f'xi inċident jew fil-periklu;
- jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet favur il-ħarsien ta' l-ambjent.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- rispett lejn il-ħajja u lejn il-kwalita' tal-ħajja umana;
- rispett lejn is-saħħa personali u ta' ħaddieħor;
- attitudni pożittiva lejn l-importanza ta' ħajja f'saħħitha;
- attitudni pożittiva lejn il-bżonn ta' azzjoni kontinwa biex l-istat tas-saħħa u ta' l-ambjent f'Malta jkunu ta' l-aqwa kwalita'.

Għan 12:

Għarfien Akbar ta' Sehem ix-Xjenza u
t-Teknoloġija fil-Ħajja ta' Kuljum

Għerf/Tagħrif

L-esperjenza kurrikulari f'dawn l-oqsma għandha:

- tkun ibbażat fuq mudell ta' evoluzzjoni u bdil ta' kunċetti (conceptual change). F'kull livell tal-proċess edukattiv għandha ssir analiżi biex jiġi stabbilit x'inhu l-għarfien tal-kunċetti li l-istudenti jkunu laħqu assimilaw sa dak l-istadju fuq it-temi partikulari. Imbagħad fuq din il-bażi, l-esperjenza tat-tagħlim għandha timmira li tibdel, tevolvi jew telabora l-kunċetti li jkunu qed jiġu ttrattati. L-istudenti għandhom kontinwament jelaboraw u japprofondixxu x'jifhmu bi xjenza, kif jinħadmu l-proċessi xjentifiċi, l-applikazzjoni u l-effetti tax-xjenza fil-ħajja, kunċetti partikolari fid-diversi friegħi tax-xjenza;
- tqanqal kurżita' senswali (skond is-sensi) u intellettwali (li tqanqal mistoqsijiet) fil-fenomeni naturali;
- tippreżenta x-xjenza bħala mod sistematiku kif wieħed jistaqsi u jipprova jwieġeb il-mistoqsijiet imqanqla mill-osservazzjonijiet;
- tipprovdi mudelli ta' nies (mill-passat u mill-preżent) li spikkaw f'dan il-proċess, b'enfasi fuq il-mod kif solvew il-problemi, x'għodod jużaw u kif jikkomunikaw;
- twassal biex l-istudenti jifhmu li l-proċess xjentifiku jimmanifesta ruħu f'nisġa ta' diversi friegħi ta' speċjalizzazzjoni (xjenzi fiżiċi, naturali, mediċina, teknolġija, eċċ.) li huma marbutin ma' xulxin fil-ħajja minkejja li jiġu studjati separatament;
- turi li hemm rabta intima bejn ix-xjenza, it-teknoloġija u s-soċjeta', u li din għandha tidher ċar fil-mod kif tintgħallem ix-xjenza u fil-kontenut ta' l-istess kurrikulu, kotba, materjal edukattiv u fil-metodu ta' assessjar;
- tirrikonoxxi li studenti differenti jistgħu jesperjenzaw ix-xjenza b'modi differenti;
- żżomm il-ħin kollu inkonsiderazzjoni l-fatt li l-informatika saret l-għodda ewlenija fil-proċess xjentifiku u fit-tagħlim tax-xjenza;
- tagħti tagħrif bażiku dwar id-dmirijiet u l-etika li għandhom josservaw ix-xjenzati u t-teknoloġisti, fosthom l-obbligu li jinfurmaw lil kulħadd bl-attivita' tagħhom.

Ħiliet

Permezz ta' l-esperjenza edukattiva fix-xjenza u t-teknoloġija, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jiżviluppaw u jsaħħu l-proċessi tal-ħsieb (cognitive skills), per eżempju: - jagħrfu kunċetti - jakkwistaw lingwa xjentifika - josservaw - ikejlu - janalizzaw - isolvu problemi - jiġbru u jinterpretaw id-data - jifformulaw ġeneralizzazzjonijiet - jibnu mudelli - jikkomunikaw - jaħdmu f'tim - jiddisinjaw esperimenti.
- japplikaw l-għerf xjentifiku għal sitwazzjonijiet fil-ħajja tagħhom;
- jużaw u jimmanipolaw b'mod effettiv apparat xjentifiku u teknoloġiku, sew f'ambjent ta' laboratorju kif ukoll f'ambjenti normali; mezzi awdjo-viżivi, kompjuters, apparat ta' sigurta', eċċ.;
- iħaddmu l-għodda ta' l-informatika biex jakkwistaw, janalizzaw, jikklassifikaw, u jikkomunikaw l-informazzjoni u d-data;

- jirrispettaw l-ambjent naturali b’mod sensittiv.

Attitudnijiet

L-għerf u l-ħiliet marbutin max-xjenza u t-teknoloġija għandhom iwasslu biex l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- jibdlu l-idea li x-xjenza hi massa ta’ veritajiet ċari u bla ebda konflitt li dejjem għandha risposti eżatti għal kull problema jew li hi xi suġġett li titgħallmu billi sempliċiment tassimila l-inform-azzjoni u l-veritajiet li xi ħadd skopra;
- ikunu lesti japprezzaw il-fatt li l-proċess xjentifiku huwa mod kif wieħed jesperjenza l-ħajja kemm fl-iskola kif ukoll barra l-iskola;
- jemmnu fil-valur tax-xjenza u t-teknoloġija u fl-importanza li dawn għandhom f’ħajjitna;
- japprezzaw ir-relazzjoni intima li x-xjenza u t-teknoloġija għandhom mas-soċjeta’ u l-effetti kbar li dawn iħallu fuqha;
- jibnu opinjoni pożittiva u fl-istess ħin sens kritiku tal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi;
- jagħrfu l-limitazzjonijiet tax-xjenza u l-metodi xjentifiċi;
- ikunu lesti jesperimentaw bla biża’ żejda f’aspetti partikulari tax-xjenza u t-teknoloġija;
- jifhmu l-ħtieġa ta’ impenn kollettiv sabiex kulħadd ikollu l-istess aċċess għar-riżultati pożittivi tax-xjenza u t-teknoloġija.

Għan 13:

Kompetenza Komunikattiva

Għerf/Tagħrif

Permezz ta’ l-iżvilupp psikolingwistiku u l-esperjenzi soċjolingwistiċi, kif ukoll tagħlim formali u non-formali, l-istudenti jagħrfu u jitgħallmu dwar:

- l-importanza tal-kompetenza komunik-attiva biex ikunu jistgħu jiffunzjonaw bħala ċittadini sħaħ fis-soċjeta’ Maltija u fil-komunita’ internazzjonali;
- kif jistgħu jesprimu lilhom infushom b’mod differenti ma’ nies u f’sitwazzjonijiet diversi. Din l-espressjoni tista’ tieħu forom differenti;
- l-għodod u l-forom diversi tal-komunikazzjoni kemm dawk konvenzjonali u tradizzjonali kif ukoll dawk alternattivi;
- l-aspetti konvenzjonali u kreattivi tal-komunikazzjoni;
- l-aspett metalingwistiku fejn jagħrfu jesprimu rwieħhom dwar it-tfassil u t-tħaddim tal-lingwa;
- id-diversita’ ta’ l-espressjoni fl-isferi soċjali, politiċi, reliġjużi, mħaddma min-nies bi bżonnijiet differenti.

Ħiliet

Permezz ta’ l-esperjenza kurrikulari f’dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- ikunu kapaċi jesprimu messaġġ b'mod effettiv, ċar u jiftiehem;
- ikunu jafu jitħaddtu, jiktbu, u jużaw forom oħra ta' espressjoni;
- jifhmu kemm dak li jaqraw u jisimgħu kif ukoll forom oħra ta' espressjoni;
- ikunu jafu jikkomunikaw b'mod effettiv f'sitwazzjonijiet soċjali differenti skond iċ-ċirkostanzi;
- ikunu jafu jesperimentaw bl-aspetti kreattivi letterarji u artistiċi.

Attitudnijiet

Permezz ta' l-esperjenza kurrikulari f'dan il-qasam, l-istudenti jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- jintebħu li hawn bosta forom ta' komunikazzjoni;
- jirrealizzaw li l-komunikazzjoni tista' tinfluwenza l-mod kif naħsbu u l-mod kif naġixxu u dan jista' jwassal għal ħajja aħjar;
- japprezzaw l-espressjoni kreattiva, letterarja u artistika.

Għan 14:

Tħejjija għall-Bidla

Għerf/Tagħrif

Is-sistema edukattiva għandha tħejji lill-istudenti għall-bidla billi tipprovdilhom esperjenzi li jgħinuhom jiżviluppaw l-għerf/it-tagħrif dwar:

- il-bidla li qed isseħħ madwarna;
- l-implikazzjonijiet personali, soċjali u fid-dinja tax-xogħol, tat-tibdil li qed iseħħ fil-pajjiż u 'l hinn minnu;
- l-aġenziji ta' bidla, partikolarment dawk tax-xjenza, it-teknoloġija u l-informatika, kif ukoll il-midja u t-turiżmu;
- il-ħtieġa u l-importanza tal-bidla fil-ħajja tal-bniedem;
- perijodi u episodji fl-istorja ta' pajjiżna u tad-dinja li ġabu bidliet sostanzjali teknoloġiċi, industrijali, soċjali, kulturali, politiċi u xjentifiċi;
- mumenti importanti ta' bidla fil-ħajja tal-bniedem bħal twelid, żwieġ, mewt, relazzjonijiet ġodda u impenji ġodda ta' xogħol.

Ħiliet

Is-sistema edukattiva għandha tħejji lill-istudenti għall-bidla billi tipprovdilhom esperjenzi u każi għar-riflessjoni li jgħinu-hom jiżviluppaw dawn il-ħiliet:

- jantiċipaw il-bidla u jaddattaw ruħhom għaliha u jifhmuha;
- jevalwaw l-effett tal-bidla fuq il-ħajja personali u soċjali;
- jagħrfu l-ħiliet u l-limitazzjonijiet personali u kif dawn jistgħu jiġu wżati;

- ifasslu, iwettqu u jevalwaw pjan ta' ħidma biex wieħed jibda jindirizza l-bidla b'mod pożittiv u f'ċirkustanzi li qed jinbidlu;
- jużaw b'mod kreattiv l-immaniġġjar tal-bidla.

Attitudnijiet

Is-sistema edukattiva għandha tħejji lill-istudenti għall-bidla billi tipprovdilhom esperjenzi li jgħinuhom jiżviluppaw dawn l-attitudnijiet:

- ikunu lesti jaċċettaw il-bidla bi spirtu pożittiv u fl-istess ħin b'mod kritiku;
- ikollhom fiduċja f'ambjent ikkaratterizzat minn tibdil kontinwu;
- irawmu entużjażmu għall-bidla;
- jagħrfu u jitħejjew emozzjonalment u mentalment biex jagħrfu jieħdu sogru kkalkulat f'kuntest ta' bidla.

IL-LIVELLI DIFFERENTI
TAS-SISTEMA EDUKATTIVA

L-Edukazzjoni Bikrija

Meta jirfsu l-għatba tal-kindergarten għall-ewwel darba, it-tfal ikunu diġa' bdew it-triq ta' l-indipendenza u żviluppaw repertorju sħiħ ta' ħiliet intellettwali, fiżiċi, emozzjonali u soċjali. Ħafna minnhom ikunu kompetenti fit-taħdit, uħud f'aktar minn ilsien wieħed. It-tfal kollha jiġu l-iskola bil-ħiliet u t-talenti individwali tagħhom. Xi wħud ikollhom bżonnijiet partikulari li l-iskola trid twieġeb għalihom bl-aħjar mod possibbli.

It-tagħlim l-aktar bikri jsir fid-djar jew f'istituzzjonijiet fejn it-tfal ikunu qegħdin jitrabbew. Għalhekk huwa importanti li minn kmieni l-iskejjel jistabbilixxu rabta pożittiva ma' l-ambjenti tat-trobbija. Din ir-rabta twassal biex l-edukaturi jiġbru l-informazzjoni meħtieġa li tgħinhom jaqdu dmirhom aħjar. Għal dawk li qegħdin jieħdu ħsieb it-tfal, rabta mill-qrib u minn kmieni ma' l-iskola għandha tfisser għarfien akbar tal-bżonn u ta' l-għanijiet u l-karatteristiċi ta' l-edukazzjoni fit-tfulija bikrija, u għajnuna aktar infurmata lit-tfal f'dan il-perijodu importanti ta' ħajjithom.

M'hemmx dubju li l-edukazzjoni tal-ġenituri hija sies importanti li fuqu tistrieħ l-edukazzjoni ta' l-ulied. Għalhekk il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali mhux biss iħeġġeġ it-tkattir ta' programmi edukattivi għall-ġenituri waqt li wliedhom ikunu qegħdin jattendu l-iskola, iżda jinkuraġġixxi lill-iskejjel biex jorganizzaw laqgħat u programmi edukattivi għall-ġenituri ta' dawk it-tfal li jkunu għadhom ma laħqux l-eta' tal-kindergarten. Dawn il-programmi edukattivi daqshekk bikrin għandhom l-għan li jċekknu d-differenzi bejn it-tfal. Ħafna minn dawn id-differenzi huma l-prodott ta' ambjenti soċjo-ekonomiċi differenti.

L-għan ewlieni tal-Kurrikulu fil-kuntest tal-kindergarten huwa li jkattar l-iżvilupp ħolistiku tat-tfal. B'mod aktar speċifiku, il-kurrikulu fil-livell tal-kindergarten għandu dawn l-għanijiet li ġejjin.

Żvilupp Intellettwali

Fil-qasam ta' l-iżvilupp intellettwali, il-kurrikulu għandu jgħin lit-tfal jiżviluppaw attitudni pożittiva lejn it-tagħlim. Il-kurrikulu f'dan il-livell għandu jistimula l-kurżita', l-esplorazzjoni, l-esperimentazzjoni u l-użu kreattiv tar-riżorsi pprovduti mill-iskola. Dan kollu jwassal biex it-tfal jitgħallmu jsolvu l-problemi, jifhmu aħjar ir-relazzjoni bejn kawża u effett u jitgħallmu jippjanaw it-tagħlim.

B'mod aktar speċifiku, l-għanijiet f'dan il-qasam ta' l-iżvilupp huma:

- L-iżvilupp ta' attitudni pożittiva lejn it-tagħlim: Ir-riċerka u l-esperjenza juruna li l-kuntest edukattiv tad-dar mhux dejjem ikun kompattibbli ma' dak ta' l-iskola. Għalhekk wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' l-edukazzjoni fit-tfulija bikrija huwa li jissoċjalizza lit-tfal fil-kultura ta' l-iskola. Dan l-għan jista' jintlaħaq f'kuntest edukattiv bikri fejn it-tfal ikunu qegħdin jesperjenzaw is-suċċess, u jitgħallmu billi jiskopru, jirriskjaw u ma jibżgħux jiżbaljaw;
- L-iżvilupp ta' ħiliet fil-proċess tat-tagħlim: Dan il-għan jista' jintlaħaq billi, ngħidu aħna, l-edukaturi jħeġġu t-tfal jistaqsu, jużaw il-ħiliet perċettwali u motorili (bħal diskriminazzjoni bejn oġġett sħiħ u parti minn oġġett) u joffru opportunitajiet għall-esplorazzjoni u l-investigazzjoni ta' ħwejjeġ ġodda mandwarhom;
- L-iżvilupp ta' ħiliet fil-ħsieb loġiku: Dan il-għan jista' jintlaħaq, per eżempju, b'attivitajiet li jgħinu lit-tfal ixebbhu u jagħżlu oġġetti b'karatteristiċi komuni, u attivitajiet oħra li jagħtu opportunitajiet lit-tfal

isolvu problemi, jistabbilixxu relazzjonijiet bejn kawża u effett, u jirranġaw avvenimenti bħala sensiela ta' fatti;

- L-iżvilupp ta' kunċetti u informazzjoni li jwasslu għal għarfien akbar tad-dinja immedjata: Dan l-għan jinkludi: it-tisħiħ tal-kunċett tal-ħin (illum, il-bieraħ, għada); l-użu tal-kunċetti ta' kwantita' (volum u massa); l-identifikazzjoni u l-użu ta' ismijiet ta' oġġetti u ħwejjeġ fl-ambjent (pjanti, annimali u nies); l-użu tal-komparattiv (aktar/anqas, kbir/żgħir, itwal/iqsar); l-identifikazzjoni u l-użu ta' kliem li jiddeskrivi l-karatteristiċi ta' oġġetti (eż. kuluri, forom, qisien); deskrizzjoni ta' fejn jinsabu l-oġġetti (taħt, fuq, ġo); u tlaqqigħ ta' l-oġġetti (matching);
- L-iżvilupp tal-komunikazzjoni bil-kliem: Dan l-għan jista' jintlaħaq fil-kuntest ta' edukazzjoni bikrija li tibbaża fuq ir-rakkont ta' l-istejjer, il-kant, u r-rimi. L-ambjent tal-kindergarten għandu jħeġġeġ lit-tfal jesprimu l-ideat u l-emozzjonijiet tagħhom, jikkomunikaw ma' tfal oħra waqt il-loghob u waqt attivitajiet oħra tal-ġurnata, jużaw l-ilsien nattiv tagħhom b'effiċjenza, u jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mat-tieni lsien.
- L-ewwel passi lejn l-iżvilupp ta' ħiliet fil-kitba: Is-snin tal-kindergarten għandhom iħejju t-triq għall-bidu tal-kitba fl-ewwel snin tal-primarja. Wieħed mill-għanijiet ewlenin f'dan il-qasam ta' l-iżvilupp intellettwali huwa l-użu kunfidenti ta' l-għodda li tintuża fil-kitba jew fil-produzzjoni ta' sinjali grafiċi. Is-snin tal-kindergarten għandhom jiġġeneraw interess fil-kitba u mħabba lejn il-ktieb u forom oħra ta' kitba. Dan l-interess huwa s-sies li fuqu tistrieħ il-produzzjoni tas-simboli fl-ewwel snin tal-primarja.

Żvilupp Soċjo-Emozzjonali

Iċ-ċentri tal-kindergarten għandhom joħolqu ambjent emozzjonali ta' appoġġ għat-tagħlim. F'kuntest emozzjonali xieraq it-tfal jiżviluppaw sens ta' fiduċja u sigurta' li jgħinhom fit-tisħiħ ta' l-istima tagħhom infushom. Il-kunfidenza li jiksbu permezz ta' tagħlim f'ambjent emozzjonali pożittiv tgħinhom isiru aktar kurjużi, attivi, kreattivi u espressivi. Dawn il-ħiliet jużawhom kemm f'attivitajiet individwali kif ukoll waqt logħob fi gruppi.

L-għanijiet speċifiċi fil-qasam ta' l-iżvilupp soċjo-emozzjonali huma:

- L-iżvilupp ta' l-istima personali: Dan l-għan jista' jintlaħaq permezz ta' programm edukattiv bikri li jippromwovi l-kunfidenza permezz ta' esperjenzi fis-suċċess; u t-tisħiħ tal-proċess ta' l-indipendenza soċjali u l-iżvilupp ta' l-identita' personali;
- L-iżvilupp ta' attitudni pożittiva lejn il-ħajja: Il-kurrikulu fil-livell tal-kindergarten irid: jiġġenera interess u entużjażmu mit-tfal fl-attivitajiet ta' matul il-jum; jgħin lit-tfal jippruvaw attivitajiet ġodda; inissel fit-tfal sens ta' fiduċja f'xulxin u fl-adulti; jgħin lit-tfal isiru aktar indipendenti; jgħin lit-tfal jidentifikaw, japprezzaw u jimmanifestaw il-karatteristiċi fiżiċi, intellettwali, emozzjonali u soċjali, kif ukoll id-differenzi ta' bejniethom; jgħin lit-tfal jiżviluppaw sens ta' kooperazzjoni bejniethom; u jippromwovi r-rispett tad-drittijiet umani u tal-ħlejqiet l-oħra.

Żvilupp Fiżiku

Il-kurrikulu fil-qasam tal-kindergarten irid isaħħaħ l-iżvilupp fiżiku. Mir-riċerka fil-qasam ta' l-iżvilupp fiżiku bikri, jidher ċar li t-tfal iridu jħossuhom kuntenti u komdi fiżikament biex jixxettlu fl-oqsma l-oħra ta' l-iżvilupp.

L-għanijiet speċifiċi fil-qasam ta' l-iżvilupp fiżiku huma:

- It-tisħih u l-użu kunfidenti tal-muskoli l-kbar: Permezz ta' movimenti kkontrollati u kreattivi l-kurrikulu għandu jgħin fl-iżvilupp tal-muskoli l-kbar. L-għanijiet f'dan il-qasam jistgħu jintlaħqu f'ambjent mgħammar bl-apparat neċessarju u meħlus minn kull periklu;
- It-tisħiħ u l-użu kunfidenti tal-muskoli ż-żgħar: Dan il-qasam ta' l-iżvilupp fiżiku jinkludi: koordinament tal-movimenti ta' l-għajnejn u l-idejn; l-użu tal-muskoli ż-żgħar waqt attivitajiet liberi u kkontrollati; l-użu tal-muskoli ż-żgħar għall-użu personali; manipulazzjoni kkontrollata ta' l-oġġetti; u l-użu effettiv ta' l-għodda tal-kitba u għodod simili;
- L-użu tajjeb tas-sensi bħala għodda edukattiva: Permezz tal-kurrikulu tal-kindergarten, it-tfal: isaħħu l-ħiliet senswali tagħhom; jitgħallmu jiddiskriminaw bejn ħsejjes, togħmiet, nisġiet, irwejjaħ u viżwali differenti; jiżviluppaw il-bilanċ; iwieġbu b'mod kreattiv għar-ritmi differenti; jikkoordinaw aħjar l-għajnejn u l-idejn; u japprezzaw l-importanza tas-sensi fil-ħajja ta' kuljum.

Żvilupp Morali

Il-kurrikulu tal-kindergarten għandu jiżviluppa sens ta' x'inhu ġust u sewwa. Il-kuntest edukattiv f'dan il-livell għandu jiżviluppa wkoll l-idea li t-tfal iridu jgħixu f'komunita' morali li tagħraf tiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin u bejn azzjoni personali jew kollettiva li tgħin u oħra li tfixkel jew tweġġa' lill-oħrajn.

Żvilupp tas-Sens Estetiku u Kreattiv

L-ambjent edukattiv tal-kindergarten għandu jipprovdi opportunitajiet lit-tfal biex jimirħu fir-rappreżentazzjoni simbolika, il-logħob immaġinattiv, l-arti u l-craft, id-drama, il-moviment u l-mużika. Dan il-għan jinkludi wkoll l-apprezzament ta' xogħol kreattiv personali u xogħol magħmul minn ħaddieħor.

Żvilupp fis-Sens Reliġjuż (għal min jemmen)

Aktar milli tagħlim ta' kunċetti jew ta' formoli reliġjużi, l-ambjent edukattiv tal-kindergarten irid joħloq dawk il-kundizzjonijiet fejn, flimkien ma' l-għalliema tagħhom, it-tfal jistgħu jagħmlu esperjenzi konkreti li jqiegħdu l-pedament ta' l-iżvilupp spiritwali u reliġjuż li jrid jiġi wara.

B'mod partikolari, irid jiżviluppa:

- is-sens tal-ġmiel u ta' l-għaġeb quddiem il-kobor u s-sbuħija tal-ħolqien;
- is-sens ta' ferħ, gratitudni u ta' sigurta' li jiġu mir-rabta ma' Alla;
- il-kapaċita' li jieħdu sehem f'ċelebrazzjonijiet (kant, sens ta' għaqda, spirtu ta' ferħ, ħidma flimkien, attivitajiet simboliċi) l-aktar madwar ġrajjiet ewlenin ta' Kristu;
- kuntatt pożittiv ma' realtajiet mill-ħajja ta' kuljum bħall-ħobż, ilma, skiet, smigħ u ġesti oħra li huma simboli bażiċi tal-messaġġ Kristjan.

Għodod Effettivi li Tassew Jiffaċilitaw l-Iżvilupp Ħolistiku tat-Tfal

- Ambjent Fiżiku ta' Kwalita': L-ambjent tat-tagħlim għandu jinżamm informali. Fejn l-ispazju jippermetti, l-ambjent għandu jkun organizzat f'irkejjen ta' interess. Il-minimu li l-komunita' edukattiva tistenna huwa: rokna għar-ramel u l-ilma; rokna għall-kotba; rokna għall-arti; rokna għad-dar; u aċċess għall-bitħa.

L-ambjenti tat-tagħlim jingħarfu mill-messaġġi li jwasslu lit-tfal. Ambjenti pożittivi huma ambjenti ferrieħa, ikkuluriti, brijużi, indaf, imdawla, mgħammra u miżmumin sew, aċċessibli, organizzati u meħlusa minn kull periklu;

- Edukaturi animaturi: L-edukaturi li qegħdin jgħallmu f'dan il-livell iridu jaraw li l-ambjent tat-tagħlim ikun qiegħed jissodisfa l-bżonnijiet u l-interessi tat-tfal. Għalhekk l-edukaturi għandhom jipprovdu ambjent dinamiku fejn it-tfal ikunu jistgħu jiltaqgħu kontinwament ma' esperjenzi u sfidi ġodda.

  Waqt il-logħob ippjanat, l-edukaturi jridu jaraw li l-attivita' tibqa' sejra u li l-miri ta' l-attivita' jintlaħqu. Dan isir permezz ta' mistoqsijiet u interventi f'waqthom. Fi kliem ieħor, l-edukaturi jridu jkunu preżenti waqt il-logħob biex jiffaċilitaw dan il-proċess edukattiv.

  Ir-riżorsi huma kruċjali fl-iżvilupp tal-pedagoġija tal-kindergarten. L-edukaturi jridu jaraw li mhux biss jipprovdu riżorsi ta' kwalita', iżda wkoll josservaw x'materjal qegħdin jużaw it-tfal u kif qegħdin jużawh. Din l-osservazzjoni għandha twassal għal azzjoni konkreta li tiżgura li t-tfal ikunu qegħdin jużaw firxa sħiħa ta' materjali edukattivi;

- Assessjar bikri: L-assessjar bikri tat-tfal jagħti stampa ċara ta' fejn ikunu waslu fl-oqsma differenti ta' l-iżvilupp tagħhom. L-assesjar formattiv sa jibda mill-kindergarten;

- Il-Logħob bħala l-Pedagoġija Ewlenija: Ix-xenqa u l-entużjażmu għal-loghob, il-ħeġġa u l-konċentrazzjoni tat-tfal waqt il-logħob, u l-motivazzjoni intrinsika marbuta ma' l-interess fil-logħob huma garanzija ta' proċess edukattiv li jentużjażma daqskemm jgħallem. Għalhekk dan id-Dokument jagħraf dan il-proċess naturali bħala l-pedagoġija ewlenija fil-qasam ta' l-edukazzjoni bikrija.

## L-Edukazzjoni Primarja

Il-livell primarju huwa proċess b'żewġt itruf. L-ewwel tarf jaqbad mas-sentejn tal-kindergaten, filwaqt li t-tieni tarf imiss mas-snin tas-Sekondarja. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jrid jiżgura li t-tranżizzjoni minn livell għal ieħor tkun waħda kalma u mingħajr skossi żejda.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali qis l-ewwel snin tal-livell primarju bħala kontinwazzjoni tas-sentejn tal-kindergarten. B'mod konkret, dan ifisser li l-għalliema għandhom jadottaw pedagoġija li tiżviluppa l-għerf, l-attitudnijiet u l-ħiliet minn esperjenzi konkreti. Il-perijodu ta' bejn it-tielet u s-seba' sena, ikkunsidrat bħala l-fażi pre-konċettwali, irid jitqies bħala perjodu formattiv, qabel l-esperjenza skolastika ssir aktar formali.

Fl-erba' snin li jsegwu mill-edukazzjoni għat-tfulija bikrija, ikkunsidrati bħala l-fażi ta' l-operazzjonijiet konkreti, jibda, b'ritmu aktar mgħaġġel, il-progress lejn aktar formalita' fl-edukazzjoni. Dan il-progress m'għandux ifisser l-abbandun tal-kreattivita', ta' l-ispontanjeta', ta' l-esplorazzjoni, tal-logħob, ta' l-esperimentazzjoni, tat-tagħlim inċidentali, ta' l-integrazzjoni ta' l-għerf u tal-flessibilita' fl-ippjanar u fil-metodi tat-tagħlim. Fi kliem ieħor, it-tfal għandhom jibqgħu attivi fil-proċess ta' l-iżvilupp tagħhom.

Fit-tieni parti tas-sistema Primarja, mit-tielet sas-sitt klassi, dan ifisser proċess meta t-tfal ikunu mħeġġin jaħsbu, jitħarrġu fil-ħsieb kreattiv, jistaqsu, jikkritikaw, isolvu problemi, josservaw, jgħarblu l-informazzjoni, jirriċerkaw, u jippersonalizzaw l-għerf. Fid-dawl ta' dan il-qafas kurrikulari, l-iskejjel Primarji jridu jaraw li t-tfal jiżviluppaw il-ħiliet, l-għerf u l-attitudnijiet li jgħinuhom ikomplu l-edukazzjoni formali tagħhom.

Il-programm ta' l-iskola Primarja jrid jagħti importanza lil għanijiet speċifiċi kif imfissra hawn taħt.

Tagħlim ta' Ħiliet ta' Kull Xorta

Fi tmiem il-livell primarju, t-tfal għandhom ikunu f'qagħda li jirriċerkaw l-għerf u jesperimentaw biex jikkommunikawh permezz ta' l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika. Dan it-tiftix ikunu jistgħu jagħmluh kemm individwalment kif ukoll fi gruppi. F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-esperjenza edukattiva tibda tapprezza kif il-proċess diġitali fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni qed jinfluenza l-lingwa, il-mod kif nikellmu, niktbu, nisimgħu, u naraw u nifhmu l-affarijiet fid-dinja madwarna.

Tisħiħ ta' l-Edukazzjoni Personali u Soċjali

Dan it-tisħiħ għandu jkun iffaċilitat permezz ta':

- soċjalizzazzjoni tat-tfal f'valuri morali, estetiċi, soċjali u spiritwali;
- affermazzjoni ta' l-identita' personali bħala individwi b'kapaċitajiet diversi biex jitgħallmu;
- affermazzjoni ta' l-identita' soċjali u ta' l-identita' Maltija bħala ċittadini u membri tas-soċjeta'; u
- kultivazzjoni ta' ħiliet bażiċi tal-ħajja u tat-tagħlim. Dawn il-ħiliet iwassluna biex nifhmu u nilqgħu l-isfida tat-tibdil kontinwu fil-ħajja.

Żvilupp ta' aktar Ħila, Għerf u Attitudnijiet Pożittivi marbuta mas-Suġġetti Bażiċi

Fil-livell primarju s-suġġetti bażiċi huma: il-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, ir-Reliġjon, l-Istudji Soċjali, l-Edukazzjoni dwar il-Midja, l-Edukazzjoni Fiżika u l-iSport, it-Teknoloġija, ix-Xjenza u l-Espressjoni Kreattiva.

F'dan il-livell, l-għanijiet ġenerali fl-oqsma tal-midja u ta' l-iżvilupp personali u soċjali għandhom ikunu integrati ma' dawn is-suġġetti.

Dan id-dokument iqis l-integrazzjoni ta' l-għerf madwar temi speċifiċi bħala l-pedagoġija li toqrob l-aktar lejn il-prinċipju ħolistiku. Għalhekk din il-metidoloġija għandha tkun ix-xenarju pedagoġiku dominanti fl-iskejjel tagħna.

Twettiq tal-Prinċipju ta' Edukazzjoni għad-Diversita'

Fil-kuntest Primarju dan għandu jinvolvi:

- it-tkomplija tal-proċess ta' l-inklużjoni ta' studenti b'diżabilita';
- il-bidu ta' programm ta' taħriġ għall-għalliema fil-pedagoġija għad-diversita';
- it-tisħiħ tal-pedagoġija għall-ħiliet imħallta fl-ewwel erba' snin ta' dan il-livell;
- it-tisħiħ ta' sistemi ta' appoġġ fl-iskejjel;
- l-iscreening minn kmieni tal-bżonnijiet u l-potenzjali tat-tfal; u
- l-edukazzjoni tal-ġenituri dwar il-kunċett ta' l-edukazzjoni għad-diversita'.

Assessjar Summattiv miżżewweġ ma' dak Formattiv

Il-politika ta' l-assessjar fl-iskejjel Primarji trid taqbel mal-prinċipji ġenerali li diġa' ġew enunċjati f'dan id-dokument, b'mod partikolari l-prinċipju ta' l-edukazzjoni ħolistika u dak ta' l-edukazzjoni għad-diversita'. Biex l-assessjar fil-livell primarju jkun kompatibbli ma' dawn il-prinċipji, il-Kurrikulu

Minimu Nazzjonali jrid li tiġi introdotta sistema ta' assessjar li, mir-raba' sas-sitt sena, iżżewweġ l-assessjar summattiv ma' l-assessjar formattiv. Fl-ewwel tliet snin tal-Primarja l-assessjar se jkun kollu formattiv.

Kemm l-assessjar formattiv kif ukoll l-assessjar summattiv, flimkien ma' kampjuni tax-xogħol tat-tfal, sa jinżammu f'portfolio. Dan il-portfolio jibqa' tiela' mat-tfal tul is-snin skolastiċi. Il-portfolio jforni lill-għalliema b'informazzjoni ddettaljata dwar l-aspetti differenti ta' l-iżvilupp tat-tfal. B'hekk, l-għalliema jkunu jistgħu jindirizzaw aħjar il-potenzjal u l-bżonnijiet ta' l-istudenti individwali u fl-istess ħin, ikomplu fuq ix-xogħol li jkun sar fis-snin l-imgħoddija.

Fir-raba' u l-ħames sena, l-assessjar summattiv sa jsir mill-iskejjel. Sakemm ma jkunx hemm arranġamenti differenti li jkunu ta' ġid akbar għall-edukazzjoni, fl-iskejjel ta' l-Istat, l-eżami ta' tmiem il-livell primarju u tal-Junior Lyceum se jibqgħu jsiru mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. L-istess Diviżjoni se tkun responsabbli għall-assessjar estern fi tmiem it-tielet sena tal-livell Primarju. Dan l-assessjar għandu l-għan waħdieni li jindika lill-iskola fejn ikunu wasli l-istudenti tagħha meta mqabbla ma' livelli nazzjonali u internazzjonali.

Twettiq ta' Politika ta' Bilingwiżmu

Fil-qasam ta' l-ilsna uffiċjali, l-iskejjel kollha jridu jħaddnu politika b'żewġ ilsna. Kull skola, permezz tal-pjan ta' l-iżvilupp tagħha, trid tispeċifika l-istrateġija lingwistika li tkun sa taddotta fuq medda ta' snin. L-istrateġija lingwistika trid tinkludi:

- diskussjoni dwar il-metodoloġija lingwistika adottata mill-iskola;
- tagħrif dwar is-sistemi ta' assessjar lingwistiku;
- tagħrif dwar programmi rimedjali fil-qasam lingwistiku; u
- tagħrif dwar il-proċess ta' l-evalwazzjoni ta' l-istrateġija lingwistika.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jirrakkomanda lill-għalliema ta' dan is-settur biex jgħallmu l-Ingliż, il-Matematika, u x-Xjenza u t-Teknoloġija bl-Ingliż. Fi klassijiet fejn it-tagħlim ta' dawn is-suġġetti bl-ilsien Ingliż joħloq diffikultajiet, l-għalliema jistgħu jużaw iż-żewġ ilsna flimkien (code switching) bħala mezz ta' komunikazzjoni. Filwaqt li jirrikonoxxi l-bżonn tal-code switching bħala mezz ta' komunikazzjoni f'sitwazzjonijiet pedagoġiċi diffiċli, il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jqis il-konsistenza fl-użu ta' lsien wieħed waqt il-proċess tat-tagħlim bħala l-iprem kuntest lingwistiku għall-istudenti.

L-iskejjel primarji għandhom jagħrfu wkoll il-fatt li għal xi studenti, l-ilsien mitkellem mhuwiex l-ewwel ilsien tagħhom. Għal dan l-għan, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandha tkompli bil-politika ta' twaqqif ta' ċentri speċjalizzati fl-iskejjel regolari. Dawn iċ-ċentri għandhom l-għan li:

- jipprovdu appoġġ lill-għalliema;
- jħarrġu numru ta' għalliema fil-qasam tal-komunikazzjoni alternattiva (bħal komunikazzjoni bis-sinjali u bil-braille);
- ikattru l-għarfien fost l-għalliema dwar din ir-realta' partikulari; u
- joffru għajnuna lil dawk fil-komunita' li jridu jkattru l-għarfien u l-ħiliet tagħhom f'dan il-qasam.

Tagħlm tar-Reliġjon

Artiklu 1 tal-Ftehim Bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta dwar it-Tagħlim u l-Edukazzjoni fir-reliġjon Kattolika fl-Iskejjel ta' l-Istat ta' l-1989 jistipula li:

"Ir-Repubblika ta' Malta tiggarantixxi t-tagħlim u l-edukazzjoni fir-reliġjon Kattolika fl-iskejjel kollha statali ta' kull tip u ta' kull grad, li mhumiex ta' livell terzjarju, fl-isfond ta' l-għanijiet ta' l-iskola u bħala parti integranti tal-ħidma tagħha. Ħadd, iżda, ma għandu jkun imġiegħel jirċievi t-tagħlim u l-edukazzjoni fir-reliġjon Kattolika" (pp.1-2).

Fid-dawl ta' dan l-Artiklu, il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali sa jibqa' jiggarantixxi t-tagħlim tar-reliġjon Kattolika fl-iskejjel Primarji. Fl-istess ħin, ulied ġenituri li ma jixtiquhomx jirċievu t-tagħlim u l-edukazzjoni fir-reliġjon Kattolika, għandhom jingħataw formazzjoni fil-valuri etiċi u morali universali li fuqhom hija mibnija il-konvivenza ċivili. Il-ħin li jifdal waqt il-lezzjoni tar-Reliġjon u l-ħin li l-iskola tkun qiegħda tiċċelebra avveniment reliġjuż, għandu jiġi utilizzat għal attivitajiet oħra edukattivi.

Programmi Edukattivi għall-Ġenituri

Bħal fil-każ tat-tfulija bikrija, is-settur Primarju għandu jagħraf l-importanza ta' sehem il-ġenituri fis-suċċess edukattiv ta' wliedhom. Għalhekk il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jitlob lill-iskejjel biex jinkludu l-parteċipazzjoni u l-edukazzjoni tal-ġenituri fil-pjan ta' żvilupp tagħhom.

L-Edukazzjoni Sekondarja

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jirrakkomanda t-tisħiħ tad-djalogu bejn il-livelli differenti tal-proċess edukattiv. Dan id-djalogu għandu jiggarantixxi:

- kontinwita' metodoloġika;
- l-eliminazzjoni ta' ripetizzjoni bla bżonn ta' kontenut; u
- l-kontinwita' fil-politika ta' l-assessjar.

Il-Bord tal-MATSEC ta' l-Universita' ta' Malta għandu jaħdem aktar mill-qrib mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex jiġi żgurat li l-eżamijiet fil-livell ordinarju (tas-SEC) ma jxekklux l-għanijiet speċifiċi tas-settur Sekondarju.

L-għanijiet speċifiċi ta' l-edukazzjoni sekondarja huma mfissra fil-punti li ġejjin.

Tisħiħ, Sofistikar u Irfinar tal-Ħiliet Żviluppati fil-Livell Primarju

B'dan il-mod ikun żgurat li fi tmiem il-proċess sekondarju ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jkomplu l-vjaġġ edukattiv tagħhom. Dan jagħmluh għax matul is-snin skolastiċi:

- jkunu żviluppaw il-kunfidenza u l-indipendenza meħtieġa biex jiksbu u jipproċessaw l-informazzjoni weħidhom jew fi grupp;
- jkunu wżaw b'mod produttiv it-teknoloġiji ta' l-informazzjoni;
- jkunu ngħataw l-opportunita' li jidentifikaw u jippjanaw il-bżonnijiet tagħhom fil-qasam tat-tagħlim; u
- jkunu ngħataw l-opportunita' li jevalwaw ir-riżultati ta' l-għażliet edukattivi tagħhom.

Tisħiħ ta' l-Edukazzjoni Personali u Soċjali

Matul is-snin tal-livell sekondarju, din l-edukazzjoni trid:

- tilħaq il-livelli l-aktar avvanzati tar-riflessjoni kritika;
- tkompli l-proċess ta' l-għarfien u l-affermazzjoni ta' l-identita' personali; u
- tgħin lill-istudenti biex jilqgħu b'suċċess l-isfidi tad-dinja kontemporanja.

Twettiq ta' l-Għanijiet Ġenerali fil-Kuntest tas-Suġġetti Mgħallma

Fl-organizzazzjoni tal-kontenut edukattiv, qiegħed jitħaddem il-prinċipju li l-istudenti jingħataw l-istess esperjenzi edukattivi. Permezz ta' dan il-pakkett edukattiv bażiku, l-komunita' edukattiva tiżgura aċċess indaqs għall-għanijiet ġenerali ta' dan id-dokument.

It-tiġdid tal-kurrikulu f'dan il-livell se jwassal ukoll biex l-istudenti jkollhom aċċess għal firxa akbar ta' ħiliet. Huwa ttamat li din l-esperjenza kurrikulari tagħti aktar flessibbilta' u versatilita' lill-istudenti. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali se jimmira li jiżgura t-taħriġ meħtieġ ta' l-għalliema u l-provvediment tar-riżorsi.

Is-suġġetti bażiċi fil-livell sekondarju jkunu: ir-Reliġjon, il-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, l-Ilsien Barrani, l-Istudji Ambjentali (Storja, Ġeografija u Studji Soċjali), l-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport, it-Tagħlim tal-Kompjuter, l-Arti Espressiva, l-Iżvilupp Personali u Soċjali (PSD), it-Teknoloġija u d-Disinn, u x-Xjenza Koordinata.

L-Awtoritajiet Edukattivi jridu jħejju l-infrastruttura neċessarja biex ix-Xjenza Koordinata tieħu post l-ispeċjalizzazzjoni eżistenti f'dan il-qasam tal-kurrikulu. Ix-Xjenza Koordinata tinkludi b'mod integrat temi mid-diversi friegħi tax-xjenza, t-teknoloġija, in-natura u l-applikazzjoni tax-xjenza. Bix-Xjenza Koordinata bħala suġġett bażiku mill-Form 1 sal-Form 5, il-pajjiż jiżgura firxa akbar ta' għarfien tax-Xjenza. Dan għandu jwassal biex aktar studenti jagħżlu suġġetti xjentifiċi fil-livell post-Sekondarju. Biex dan il-pass jirnexxi, l-istituzzjonijiet post-sekondarji u l-Universita' ta' Malta jridu jirriformaw il-programmi tagħhom. Sakemm il-ftehim isir realta' konkreta, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni sa tibqa' tħaddem is-sistema ta' speċjalizzazzjoni fix-xjenza mit-tielet sena tal-livell sekondarju.

Twettiq ta' Politika ta' Tagħlim tal-Lingwi

Fil-qasam tat-tagħlim ta' l-ilsna, il-livell sekondarju jkompli bit-tisħiħ ta' l-ilsna uffiċjali u jintroduci t-tagħlim ta' l-ilsna barranin. Dan id-dokument jobbliga lill-għalliema tal-Malti u l-Ingliż li jgħallmu bl-ilsien tas-suġġett tagħhom, u jirrakkomanda lill-għalliema tal-lingwi l-oħra li jgħallmu bl-ilsien tas-suġġett partikolari.

Dan id-dokument jirrakkomanda:

- li l-għalliema li jgħallmu l-Malti, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon u l-PSD għandhom jgħallmu bil-Malti;
- li l-għalliema li jgħallmu ilsna barranin għandhom jgħallmu bl-ilsien ikkonċernat, u
- li l-bqija tas-suġġetti l-oħra jiġu mgħallma bl-Ingliż.

Fejn dan joħloq diffikultajiet pedagoġiċi kbar, l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jaċċetta l-użu tal-code switching bħala mezz ta' komunikazzjoni.

Dan id-dokument jisħaq li għandu jkun hemm flessibilta' biżżejjed fl-iskejjel sekondarji biex dawk it-tfal li jinstabu dgħajfa fl-ilsna uffiċjali jkunu jistgħu jkomplu bi programm ta' tisħiħ ta' dawn l-ilsna. Dan il-programm ta' tisħiħ isir waqt li studenti oħrajn ikunu qegħdin jitgħallmu ilsien barrani ieħor.

Flimkien mat-tisħiħ ta' l-ilsna Ewropej it-Taljan, il-Franċiż, il-Ġermaniż, u l-Ispanjol, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni trid tiżgura li l-pajjiż ikollu wkoll nukleu ta' nies li għandhom ħakma tajba ta' ilsna meqjusa bħala strateġikament importanti, bħaċ-Ċiniż, il-Ġappuniż, ir-Russu u l-Għarbi.

Kull skola sekondarja trid tinkludi l-politika dwar l-ilsna uffiċjali fil-pjan ta' żvilupp tagħha. Fil-pjan ta' żvilupp trid tingħata stampa ċara tal-qagħda ġenerali ta' l-iskola f'dan is-settur u liema strategiji qegħdin jintużaw biex jitjieb it-tagħlim ta' l-ilsna fl-iskola.

Fl-iskejjel sekondarji għandha titkompla wkoll l-politika tad-Diviżjoni li jitwaqqfu ċentri li jgħinu lill-iskejjel jindirizzaw il-bżonnijiet ta' dawk l-istudenti li l-ewwel ilsien tagħhom mhuwiex l-ilsien mitkellem.

## Assessjar Summattiv Imżewweġ ma' dak Formattiv

Is-sistema ta' l-assessjar fil-livell Sekondarju għandha tkompli bit-tiżwiġ tas-sistema summattiva mas-sistema formattiva. Dan japplika għal kull sena tal-livell sekondarju.

Fl-iskejjel ta' l-istat, biex l-iskejjel ikunu tassew ċentri li jaqdu l-bżonnijiet tat-tfal, barra l-eżamijiet ta' nofs is-sena jibqgħu jiġu organizzati mill-iskejjel infushom, l-iskejjel se jorganizzaw ukoll l=eżami annwali ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' sena. L-eżami tat-tmiem it-tieni sena fil-livell sekondarju jibqa' jkun organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. L-għan waħdieni ta' dan l-assessjar estern ikun li jindika lill-iskola fejn ikunu waslu l-istudenti tagħha meta mqabbla ma' livelli nazzjonali u internazzjonali. Għall-istess skejjel ta' l-istat, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tibqa' torganizza wkoll l-eżami ta' tmiem il-kors sekondarju.

Il-Bord tal-MATSEC ta' l-Universita' ta' Malta għandu jkompli jsaħħaħ din il-politika ta' l-assessjar summattiv imżewweġ ma' dak formattiv billi japplika din il-politika għal kull suġġett. Il-metodu ta' l-assessjar jiddetermina t-tip ta' tagħlim. Eżamijiet ibbażati fuq kontenut biss jissarrfu f'tagħlim fattwali memorizzat. Dan ixejjen il-proposti ta' l-assessjar formattiv imsemmi qabel.

## Żvilupp ta' Proġetti Marbuta ma' Temi

Fid-dawl tal-prinċipju ħolisitku ta' dan id-dokument, huwa mistenni li l-għalliema tas-suġġetti differenti jingħaqdu flimkien u jippjanaw proġetti madwar temi partikulari. Dan id-dokument iħeġġeġ lill-iskejjel biex studenti minn snin differenti tal-livell sekondarju jaħdmu flimkien fl-iżvilupp tal-proġetti.

## Tagħlim tar-Reliġjon

Bħal fil-każ tas-settur primarju, dan id-dokument jiggarantixxi t-tagħlim tar-reliġjon Kattolika fl-iskejjel Sekondarji. Fl-istess ħin, dawn l-iskejjel bħal dawk tas-settur primarju, għandhom jaraw li l-ulied li l-ġenituri tagħhom ma jixtiquhomx jirċievu t-tagħlim u l-edukazzjoni fir-reliġjon Kattolika, għandhom jingħataw formazzjoni fil-valuri morali universali li fuqhom hija mibnija l-konvivenza ċivili. Il-ħin li jifdal waqt il-lezzjoni tar-Reliġjon u l-ħin li l-iskola tkun qiegħda tiċċelebra avveniment reliġjuż għandu jiġi utilizzat għal xogħol edukattiv produttiv.

## Tisħiħ ta' l-Iżvilupp Emozzjonali

Filwaqt li dan id-dokument jistenna livelli akkademiċi għoljin, ifakkar lill-komunita' edukattiva li l-iżvilupp emozzjonali huwa marbut direttament mal-kwalita' ta' ħajja offruta mill-iskola u 'l hinn minnha, u ma' dak li jkun għaddej f'oqsma oħra ta' l-iżvilupp. Bħala eżempju, l-iżvilupp fiżiku u sesswali marbut mal-puberta' jġib miegħu esperjenzi ġodda, bidla fl-attitudnijiet, tisħiħ jew tnaqqir ta' l-istima personali, tisħiħ jew dubji dwar l-identita' personali, sfidi psiko-soċjali ġodda, u stress.

It-tisħiħ ta' l-iżvilupp emozzjonali għandu jkun ir-responsabbilta' tal-komunita' edukattiva kollha. Fl-istess ħin, dan id-dokument jaħseb biex l-istudenti jkollhom aċċess għall-PSD mill-ewwel sa l-aħħar sena tal-livell sekondarju.

Dan id-dokument jitlob ukoll lill-iskejjel sekondarji biex jiżguraw li t-tranżizzjoni mill-bidu tal-livell sekondarju sa tarfu, tkun waħda li tirrispetta l-eżiġenzi tal-fażijiet differenti ta' l-iżvilupp uman li jikkostitwixxu l-livell sekondarju.

## Tisħiħ tal-Parteċipazzjoni tal-Ġenituri

L-esperjenza u r-riċerka jgħallmuna li, ġeneralment, il-parteċipazzjoni tal-ġenituri tonqos fil-livell sekondarju. L-iskejjel sekondarji jridu jaraw li din il-ħolqa importanti fil-katina ħolistika tissaħħaħ bi programm ta' edukazzjoni u parteċipazzjoni tal-ġenituri.

L-ISKEJJEL U
L-INTERPRETAZZJONI TAL-KURRIKULU

Permezz tal-preskrizzjoni ta' l-għanijiet ġenerali, l-komunita' edukattiva qed tintrabat li tħares id-drittijiet edukattivi bażiċi ta' l-istudenti.

Il-pjan ta' żvilupp imfassal minn kull skola jrid jagħti prova li l-iskola għandha viżjoni edukattiva ċara, miri edukattivi preċiżi, u strateġija konkreta u realistika ta' kif il-miri edukattivi għandhom jintlaħqu. Fil-proċess tal-ħolqien tal-viżjoni edukattiva, u fil-proċess tat-twettiq tal-viżjoni, l-komunita' edukattiva ta' kull skola trid tfittex li twaħħad l-ispirtu ta' dan id-dokument mar-rejaltajiet u l-bżonnijiet partikolari ta' l-iskola tagħha.

Il-proċess ta' l-interpretazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandu jwassal biex l-iskola:

- tlaqqa' l-imħuħ ta' l-imsieħba f'ħidma komuni u, fid-dawl tal-prinċipji u għanijiet tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, tfassal il-kurrikulu u l-pjan ta' żvilupp skolastiku;
- twassal għal kunsens komunitarju dwar l-aspetti differenti tal-kurrikulu;
- tiddemokratizza l-proċess edukattiv.

Il-kapijiet ta' l-Iskejjel, aktar minn qatt qabel, iridu jiffukaw fuq xogħol ta' natura kurrikulari. Bħala mexxejja ta' l-edukazzjoni, il-kapijiet ta' l-Iskejjel għandhom jingħataw kull għajnuna possibbli biex ikunu jistgħu jwettqu ħidmiethom f'dan il-qasam.

Il-ħidma tal-Kapijiet ta' l-Iskejjel fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kurrikulu għandha tinkludi:

- il-ħolqien ta' viżjoni u tfassil ta' strateġija bħala parti mill-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola;
- is-superviżjoni tal-proċess ta' twettiq tal-viżjoni kurrikulari;
- il-laqgħat ma' l-għalliema dwar aspetti differenti tal-kurrikulu;
- l-appoġġ morali u għajnuna professjonali kontinwa lill-għalliema;
- is-superviżjoni tax-xogħol ta' l-għalliema fil-klassi biex jiġi żgurat li dak li qed isir fil-klassi huwa kompatibbli ma' l-ispirtu ta' dan id-dokument;
- għajnuna lill-għalliema fil-proċess ta' familjarizzazzjoni mal-kurrikulu;
- ħidma biex jinġiebu r-riżorsi meħtieġa biex jitwettqu l-għanijiet ta' dan id-dokument;
- informazzjoni kontinwa lill-ġenituri dwar l-iżviluppi kurrikulari li jkunu qegħdin iseħħu fl-iskola;
- ħidma biex il-komunita' tinvesti ħinha u ħidmietha fl-iskola; u
- identifikazjoni ta' temi u superviżjoni ta' riċerka interna.

Ir-riċerka interna (action research) għandha tkun il-pern li fuqu jdur l-iżvilupp tal-kurrikulu fl-iskejjel. Ir-riċerka interna għandha l-għan li tislet u teżamina l-qagħda ta' xi aspetti tal-kurrikulu fl-iskola. Esperti fil-qasam tar-riċerka jistgħu jgħinu lill-iskola tidentifika t-tema (eż. l-illitteriżmu fl-iskola, it-tagħlim ta' l-Ingliż fl-ewwel klassijiet; u l-kreattivita' tul il-kurrikulu). Għal dan l-għan l-iskejjel għandhom ikollhom direttorju tan-nies speċjalizzati u tas-servizzi li joffru.

Is-suċċess ta' l-interpretazzjoni tal-kurrikulu jiddependi wkoll mill-kompetenza u l-effettivita' ta' l-għalliema. Il-ħidma ta' l-għalliema għandha tkun imwieżna mill-ħolqien ta' ċentri ta' riżorsi li, flimkien ma' dawk eżistenti, jipprovdu l-kuntest għall-formazzjoni ta' komunitajiet ta' ħidma edukattiva.

L-iskejjel primarji, bħal dawk sekondarji, għandhom ikollhom għalliema koordinaturi. Xogħol dawn l-għalliema koodinaturi huwa li jservu ta' konsulenti interni dwar il-qasam partikulari tagħhom.

Tul il-ħajja ta' dan il-Kurrikulu, l-iskejjel u dawk kollha li għandhom responsabbilta' għall-edukazzjoni f'pajjiżna għandhom jikkonsidraw u jieħdu dawk il-miżuri li jwettqu l-prinċipju li l-istudenti jitgħallmu l-aktar f'ambjent stabbli. Biex dan iseħħ trid tinħaseb organizzazzjoni ġdida ta' l-istadji differenti ta' l-edukazzjoni fl-iskejjel ta' l-istat, b'mod li l-mogħdija minn stadju għal ieħor isseħħ bl-ebda skoss.

Il-prinċipji msemmija f'dan id-dokument għandhom iservu ta' użin li bih jitkejjel is-suċċess ta' l-iskejjel. Permezz tat-tħaddin u t-tħaddim tal-prinċipji ddokumentati hawnhekk, il-komunita' edukattiva tittama li bil-mod il-mod l-iskejjel isiru ċentri ta' eċċellenza u laboratorji ideali għall-għalliema prospettivi.

# L-ISKOLA BĦALA
# ĊENTRU KOMUNITARJU

Il-bibien ta' l-iskejjel għandhom jinfetħu għall-edukazzjoni tal-membri adulti tal-komunita'. Dan il-prinċipju jgħaqqad l-impenn ta' dan il-kurrikulu lejn edukazzjoni aktar ħolistika ma' l-għarfien ta' l-importanza ta' l-edukazzjoni tul il-ħajja għall-adulti, u l-bżonn ta' parteċipazzjoni akbar mill-imsieħba fil-proċess edukattiv.

It-tħaddim ta' dan il-prinċipju jimplika struttura ġdida ta' maniġment għal wara l-ħin ta' l-iskola. Dan il-maniġment għandu jkun responsabbli għal:

- ftuħ u għeluq ta' l-iskola wara s-2.30 ta' wara nofsinhar;
- amministrazzjoni tal-kalendarju edukattiv;
- stħarriġ tal-bżonnijiet u interessi edukattivi fil-komunita';
- indafa tal-kmamar u zoni oħra ta' l-iskola wżati filgħaxija;
- tibdil strutturali u/jew irranġar ta' partijiet mill-iskola biex din issir addattata għall-edukazzjoni ta' l-adulti;
- investiment f'tagħmir u riżorsi oħra meħtieġa għat-tħaddim tal-programmi edukattivi; u
- sigurta' tal-parteċipanti, ta' l-ambjent, tal-faċilitajiet, u ta' l-apparat kollu skolastiku.

Is-sehem tal-membri tal-komunita' fit-twettiq ta' dan il-prinċipju huwa kruċjali. Il-membri jistgħu jipparteċipaw f'kull aspett tal-proġett billi:

- jwieġbu għall-istħarriġ tal-maniġment rigward il-bżonnijiet u l-interessi edukattivi tagħhom;
- jiffurmaw gruppi ta' interessi edukattivi
- jgħinu fl-amministrazzjoni tal-proġett;
- joffru l-interessi u l-ispeċjalizzazzjonijiet tagħhom lill-komunita';
- jipparteċipaw bħala studenti; u
- jgħinu fil-manteniment ta' l-iskola.

Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni trid issaħħaħ it-taqsima risponsabbli għall-edukazzjoni ta' l-adulti biex tkun tista' toffri appoġġ għal dawn l-inizjattivi. Bħala parti minn din is-sistema ta' appoġġ, id-Diviżjoni għandha tidentifika numru ta' edukaturi mħarrġa fl-edukazzjoni ta' l-adulti biex iservu ta' konsulenti u animaturi tal-programm edukattiv.

Dan il-prinċipju joffri opportunita' oħra biex il-kunsilli ta' l-iskejjel u l-kunsilli lokali jersqu aktar viċin ta' xulxin. L-iskola għandha titqies mill-kunsill lokali bħala l-iprem investiment fil-lokal. Għalhekk, l-użu ta' kapital tant importanti fil-komunita' għandu jkun ikkumplimentat min-nefqa akbar fl-iskola.

## GĦELUQ

Hemm bosta fatturi li, meħuda flimkien, se jħollu jew jorbtu s-suċċess tat-twettiq tal-viżjoni mfissra f'dan id-dokument. Suċċess bħal dan jiddependi, fost ħwejjeġ oħra, fuq:

- li jingħata appoġġ effettiv u f'waqtu lill-għalliema sabiex iseħħilhom joħolqu kurrikulu għall-iskola tagħhom li jkun marbut mal-fażi ta' żvilupp tat-tfal u ż-żgħażagħ kif ukoll tassew jirrifletti l-ħtiġiet individwali u partikulari tagħhom;
- li l-għalliema jkunu motivati u li jkollhom l-ħiliet meħtieġa;
- li l-kapijiet ta' l-iskejjel ikunu lesti jissieħbu mal-ġenituri u mal-membri tal-komunitajiet lokali sabiex, id f'id, jaħdmu bi sħiħ u b'mod kreattiv għall-iżvilupp sħiħ tat-tfal u taż-żgħażagħ kif ukoll għall-iżvilupp uman tal-adulti fil-komunita';
- li l-bidla lejn deċentralizzazzjoni ssir bla skossi, u li edukaturi jilqgħu bil-ħerqa l-isfida li ġġib magħha l-awtonomija fit-tmexxija ta' l-iskejjel;
- li s-sistema edukattiva tkun kapaċi tevolvi f'mekkaniżmu aktar flessibbli u b'ħila li tirrispondi b'mod edukattiv u dinamiku għall-ħtiġijiet tat-tfal u għall-isfidi ġodda tal-pajjiż.

Nawguraw lill-edukaturi kollha ħeġġa, entużjażmu u motivazzjoni sabiex iseħħilna nkomplu nwettqu, b'mod parteċipattiv u kooperattiv, il-proċess ta' żvilupp uman f'pajjiżna.

APPENDIĊI

SUĊĊINT

Il-Kurrikulu Minimu NazzjonaliIl-Kurrikulu Minimu NazzjonaliIl-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

Bis-saħħa ta’ l-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap.327.) ta’ l-1988 u tas-setgħat mogħtija lill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni bl-artikolu 45 ta’ l-istess Att, il-Ministru qiegħed jissostitwixxi r-Regolamenti stabbiliti bl-Avviżi Legali numri 73 u 76 ta’ l-1989 u 103 ta’ l-1990 bid-dokument ’Kurrikulu Minimu Nazzjonali’ li għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Ottubru, 2000.

Suċċint

Kull skola f’Malta għandha tfassal il-kurrikulu tagħha.

Dan il-Kurrikulu għandu jkun jaqbel mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali kif imfissra fid-dokument u jkun maħsub biex iwettaq dawk l-iskopijiet fl-iżvilupp tal-proċess edukattiv sħiħ mit-tielet sena sas-sittax-il sena tal-eta’ ta’ kull tifel jew tifla.

Dan il-Kurrikulu għandu wkoll ikun jaqbel mal-għanijiet speċifiċi ta’ kull livell konċernat kif imfissra fid-dokument u jkun maħsub biex iwettaqhom fil-livell speċifiku: kindergarten, primarju jew sekondarju.

Kull skola għandha wkoll id-dmir li tissodisfa lill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni li qiegħda twettaq il-miżuri msemmija f’dan id-dokument, li jirrigwardaw il-mezzi preskritti jew indikati għat-twettiq tal-kurrikulu.

Għal dan il-għan, il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni jista’ jitlob lil kwalunkwe skola biex tibgħatlu kopja tal-kurrikulu għas-sena skolastika kurrenti, kif ukoll informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-kurrikulu. Il-Ministru jista’ jindika b’ordni maħruġa minnu sa mhux aktar tard minn Diċembru ta’ kull sena t-tibdil li jinħtieġ fil-kurrikulu ta’ l-iskola jew fl-implimentazzjoni, biex jirrendi l-istess konformi mal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

Fin-nuqqas ta’ qbil li jistabilixxi mod ieħor, dan it-tibdil jidħol fis-seħħ fil-bidu tas-sena skolastika li tibda fis-sena kalendarja li jkun imiss.

L-Għanijiet Ġenerali

Il-lista kif tidher hawn taħt ma tirrappreżentax ordni ġerarkika ta’ prijoritajiet fil-qasam edukattiv. Il-komunita’ edukattiva trid tqis dawn l-għanijiet ġenerali bħala ndaqs u interdipendenti fl-importanza tagħhom.

Il-persuna li toħroġ minn skola Maltija għandha:

1. Tkun kapaċi tifhem lilha nfisha u tħaddan valuri etiċi u morali.

Tkun taf:

- tagħraf id-diversi dimensjonijiet tal-persuna umana; tagħraf il-valuri u l-mezzi li għandha tuża biex tibni lilha nnifisha lejn maturita’ dejjem aktar sħiħa;
- x’inhuma id-drittijiet tagħha u d-dmirijiet lejn il-Ħallieq (għal min jemmen), lejn għajrha, lejha nfisha, lejn il-komunita’, lejn pajjiżha, u lejn l-ambjent naturali;
- il-valur tal-liberta’ u l-limiti tagħha;

- l-inaljenabilita' tad-dritt tal-bnedmin kollha li jkunu meqjusa ndaqs u bla ebda diskriminazzjoni, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, eta', u abbilta' fiżika jew mentali.

Ikollha l-ħila li:

- tagħraf tidentifika l-prijoritajiet u l-iskala tal-valuri;
- tibni karattru sod biex tagħżel, tiddeċiedi u tqiegħed fil-prattika dak li tagħraf li hu sewwa u ġust.

B'xeħta għal:

- tiftix onest ta' min aħna aħna, ta' x'inhu l-iskop ta' ħajjitna u ta' x'inhuma l-mezzi li rridu nużaw biex nimxu lejn maturita' sħiħa u għarfien il-ħin kollu tad-differenza fl-għażla bejn dak li hu dmir, dak li hu permess, u dak li mhux sewwa li jsir.

2. Tkun persuna Demokratika, jiġifieri:

Tkun taf:

- x'inhi d-demokrazija u l-istorja tagħha fid-dinja u f'pajjiżna, x'fiha l-Kostituzzjoni, x'inhuma l-istituzzjonijiet demokratiċi u x'isarraf is-sehem ta' kull persuna fil-ħajja demokratika tagħna, liema huma x-xrieki li jirrappreżentaw interessi differenti f'pajjiżna u kif jaħdmu biex isseħħ il-ġustizzja.

Ikollha l-ħila li:

- tipparteċipa attivament, kif tkun diġa' għamlet fil-klassi u fl-iskola, fil-ħajja politika tal-pajjiż, b'sens kritiku u bi spirtu ta' stħarriġ tiddiskuti, tiddjaloga u tiddibatti, torganizza attivitajiet, taħdem fi gruppi u tagħti servizz lill-komunita'.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament ta' l-ambjent demokratiku, għat-tgħarbil ta' dak kollu li jiġri fih u għad-difiża tad-demokrazija għar-rispett lejn il-Kostituzzjoni u l-Liġijiet, lejn id-drittijiet bażiċi tal-bniedem, u lejn id-diversita' kulturali għat-tkattir tal-parteċipazzjoni, u l-għożża tal-valuri u tal-proċeduri demokratiċi.

3. Tkun Maltija, jiġifieri:

Tkun taf:

- il-ġrajja ta' pajjiżna, minn qabel l-istorja sal-preżent, it-tradizzjonijiet morali, reliġjużi u kulturali, il-folklor, u l-istorja ta' l-arti, ta' l-arkitettura, tal-mużika, tal-lingwa u tal-letteratura ta' pajjiżna;
- x'sar fil-Mediterran u fl-Ewropa, l-kulturi li trawwmu fihom, l-iżviluppi ġodda, u s-sehem ta' pajjiżna f'dak li qed jiġri kemm fir-reġjun kif ukoll fid-dinja.

Ikollha l-ħila li:

- tħaddem tajjeb, bil-kelma u l-kitba, ilsienha;
- tissokta tistħarreġ dwar l-identita' Maltija; tapprezza l-arti tagħna u ta' l-oħrajn; toħloq ħwejjeġ hi stess li fihom iżżewweġ il-wirt barrani mal-lokali.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament kritiku tal-wirt kulturali tagħna u tal-produzzjoni artistika tal-lum u għar-rispett lejn kulturi oħra u b'ħajra għat-taħlit bejn il-kulturi.

4. Tifhem il-Viżjoni Kattolika tar-Realta’

(għal min iħaddan twemmin kattoliku)

Tkun taf:

- il-veritajiet ewlenin tal-messaġġ nisrani u l-istil ta’ ħajja li jitlob; kif dawn il-veritajiet iwieġbu għall-mistoqsijiet il-kbar tal-ħajja; l-għejjun ta’ dan il-messaġġ (Bibbja u Maġisteru); il-karatteristiċi tar-Reliġjonijiet ewlenin; ir-rabta bejn il-messaġġ nisrani u l-kultura Maltija.

Ikollha l-ħila li:

- tagħti raġuni soda u ddokumentata tat-twemmin u l-prattika reliġjuża; issib ir-rabta bejn l-esperjenza umana u l-messaġġ nisrani; tikber fid-dimensjoni ta’ l-ispirtu; tqiegħed fil-prattika l-valuri nsara fil-ħajja individwali u soċjali.

B’xeħta għal:

- tiftix onest għas-sens veru tal-ħajja; rispett lejn il-messaġġ nisrani bħala għajn ta’ viżjoni u ta’ valuri mill-aktar siewja; apprezzament u esperjenza ta’ fiduċja f’Alla, ta’ ħbiberija ma’ Ġesu’, u ta’ qawwa fl-Ispirtu; impenn ta’ onesta’ u mħabba f’kull qasam tal-ħajja; rispett lejn min iħaddem twemmin ieħor.

5. Tqis il-Mara u r-Raġel Indaqs

Tkun taf:

- din l-ugwaljanza hija assigurata fil-Kostituzzjoni u l-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll fil-Konvenzjonijiet tal-Ġnus Magħquda u ta’ l-Ewropa, fuq it-tneħħija ta’ kull diskriminazzjoni kontra n-nisa u favur l-ekwita’ bejn is-sessi.

Ikollha l-ħila li:

- tagħraf dak li jkun qed jingħad u jsir b’mod mistur f’dan il-qasam; tagħmel l-għażliet tagħha f’kull qasam tal-ħajja, tal-karriera u tal-familja b’mod ħieles mill-preġudizzji; taċċetta d-differenzi bejn is-sessi.

B’xeħta għal:

- l-impenn kontra d-diskriminazzjoni u favur l-ekwita’ vera u effettiva bejn nies ta’ sess jew sesswalita’ differenti.

6. Tifhem is-Sesswalita’ Umana, jiġifieri:

Tkun taf:

- li s-sesswalita’ trid taraha fil-kuntest ta’ relazzjoni li tkun tassew umana u responsabbli; il-qofol ta’ l-anatomija u l-fiżjoloġija u l-firxa sħiħa tal-għamliet differenti tas-sesswalita’; il-mard li għandu x’jaqsam magħha u l-prevenzjoni tiegħu; ir-riflessi tas-sesswalita’ fil-midja u fil-liġi; iċ-ċensura; l-esplojtazzjoni u l-abbużi f’dan il-qasam; kif iħarsu lejha; ir-reliġjon u kulturi differenti; l-aġenziji li joffru għajnuna f’dan il-qasam.

Ikollha l-ħila li:

- torbot is-sesswalita' mad-dinjita' tal-bniedem; tiżviluppa rabtiet interpersonali pożittivi; tagħmel għażliet responsabbli; tilqa' kontra u tagħraf tirraporta l-abbużi; tifhem lil min ikollu diffikultajiet u ma tħallix li jkun imweġġa' min ikun differenti; tiddiskuti bil-għaqal.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament tal-ġisem uman u tad-differenzi sesswali, b'mod pożittiv, miftuħ u responsabbli.

7. Xerrejja Għaqlija, jiġifieri:

Tkun taf:

- x'inhu suq ħieles; id-differenza bejn bżonn u xewqa u bejn is-siwi ta' oġġett bħala valur u bħala prezz; il-liġijiet dwar drittijiet u responsabbiltajiet; il-kuntratti u l-forom l-oħra ta' ftehim; l-użu tat-tabelli u t-tiketti fin-negozju; servizzi u għaqdiet għall-konsumaturi; kif tagħraf il-prodotti perikolużi; kif jaħdmu r-reklami - fil-midja differenti, bil-miftuħ u bil-moħbi, kif jissawru u l-effetti fuqna.

Ikollha l-ħila li:

- tippjana u żżomm rendikont tad-dħul u l-infieq, tqabbel il-prezz mal-kwalita' u tuża l-flus tajjeb; twassal l-ilmenti bil-fomm jew bil-miktub; tgħarbel tajjeb it-twissijiet u t-tagħrif tal-bejjiegħa u l-produtturi.

B'xeħta għal:

- l-għarfien li jeżistu konflitti ta' interessi f'dan il-qasam, u ta' l-effetti soċjali u ambjentali li jkollhom il-fasliet differenti tal-konsum, u għall-apprezzament sħiħ tal-koperazzjoni u s-solidarjeta'.

8. Tifhem il-Lingwa tal-Midja, jiġifieri:

Tkun taf:

- tagħraf id-differenzi bejn l-għamliet differenti tal-programmi u ta' l-udjenza li jimmiraw għaliha; kif żviluppaw il-mezzi differenti, fosthom l-Internet, u l-importanza soċjali u politika tagħhom: in-nies li jaħdmu f'dan il-qasam, il-liġi; u kif jiġi finanzjat dan il-qasam u kif jintuża' għall-edukazzjoni; kif jinqalgħu problemi oħra, bħall-invażjoni tal-privatezza, l-abbuż tal-verita', u l-partiġjaniżmu.

Ikollha l-ħila li:

- tuża l-għodda tal-midja u tfassal programmi sempliċi; tikteb għalihom u tgħarbel l-organizzazzjoni u s-sehem soċjali tagħhom.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament tal-valuri estetiċi u soċjali; l-għażla ta' l-aħjar, u d-difiża tal-liberta' tal-kelma.

9. Ħaddiema

Tkun taf:

- kif jaħdmu d-diversi setturi ta' l-ekonomija Maltija; kif taħdem l-Unjoni Ewropea bħala sistema ekonomika u suq tax-xogħol; il-ħiliet u l-etika meħtieġa fl-oqsma differenti tax-xogħol, u kif tfittxu l-istorja soċjali u politika tal-ħaddiema Maltin u tal-għaqdiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem; x'fihom il-liġijiet ta' Malta li jittrattaw id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol;

x'fihom il-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol; l-aġenziji li jħarrġu lill-adulti fix-xogħol; koperattivi; il-benefiċċji soċjali u t-taxxi; is-sistemi ta' għajnuna finanzjarja u l-etika tax-xogħol.

Ikollha l-ħila li:

- taħdem ma' l-oħrajn fi spirtu ta' koperazzjoni u solidarjeta', tippjana u torganizza; tagħraf il-potenzjal tan-nies u kif jista' jiġi żviluppat; tiddiskuti u tinnegozja; tqassam il-ħin: tfassal proġetti u tippreżentahom tajjeb; tqis u tħoll il-problemi li jinqalgħu b'soluzjonijiet krejattivi; tikkonċentra; tagħraf il-perikli u tneħħihom; tinterpreta regolamenti, ordnijiet u istruzzjonijiet: tagħżel il-karriera; tiġi intervistata; tikteb c.v. u tħejji portfolio; timmaniġġja l-flus; taġġorna dejjem lilha nnifisha; ma tinstaramx jekk tisfa' għal xi żmien bla xogħol; ma tibżax mit-teknoloġija ta' l-informatika; taf tħaddem b'kull mod il-kelma u n-numri.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament tat-tħejjija fit-tul meħtieġa minn ħafna xogħolijiet u għal perfezzjonament fix-xogħol, tar-rabta bejn tagħlim u xogħol, u tad-dinjita' ta' kull xorta ta' xogħol, tal-ghaqdiet tal-ħaddiema, ta' l-etika, tar-rendikonti, ta' l-inizzjattiva u tat-tagħlim qatt ma jaqta' fid-dinja tax-xogħol, u tal-valur tal-impriża privata u tax-xogħol ta' min jaħdem għal rasu.

10. Tuża Tajjeb il-Ħin Ħieles, jiġifieri:

Tkun taf:

- liema huma l-possibiltajiet - fosthom sports, għaqdiet u xogħol volontarju, u ħidma ta' żvilupp kulturali w artistiku - u l-implikazzjonijiet ta' l-għażliet differenti, il-valuri edukattivi u l-kontributi soċjali tagħhom, l-aspetti ekonomiċi u l-possibilitajiet ta' xogħol f'dan il-qasam.

Bil-ħila li:

- tqis u tagħżel tajjeb fost il-possibiltajiet, tippjana u tuża tajjeb il-ħin, torganizza attivitajiet fi gruppi żgħar jew kbar.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament ta' l-importanza tal-ħin ħieles, li hu dritt ta' kulħadd, u l-użu kostruttiv tiegħu.

11. Tieħu Ħsieb Saħħitha, jiġifieri:

Tkun taf:

- il-qofol ta' l-anatomija u l-fiżjoloġija umana, inkluż l-iżvilupp; il-valur nuttrittiv ta' l-ikel differenti, kif tkabbru, kif tagħżlu, tħejjih u tippreservah; il-ħsara li toħroġ minn għażliet ħżiena; il-ħsara tat-tipjip, u abbuż ta' alkoħol u droga; l-indafa u r-rabta bejn saħħa u ambjent: is-servizzi tas-saħħa u kif tużahom; id-drittijiet u d-dmirijiet tal-marid; kif taħseb f'ħaddieħor f'dan il-qasam; l-aspett soċjali, politiċi u storiċi bażiċi tal-kura tas-saħħa f'Malta u fid-dinja.

Ikollha l-ħila li:

- tagħmel għażliet tajbin u maħsuba dwar saħħitha, tiffavorixxi stili ta' ħajja individwali u fi gruppi li jħarsu s-saħħa; timpenja ruħha favur it-titjib tas-saħħa fil-komunita' tagħha, fil-postijiet tax-xogħol, fir-rabta ma' l-ambjent, u kullimkien fid-dinja, bi spirtu altruwistiku.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament tal-kwalita' tal-ħajja tagħha u ta' ħaddieħor u tal-bżonn ta' titjib kontinwu.

12. Taħseb b'mod Xjentifiku u Tekniku, jiġifieri:

Tkun taf:

- li x-xjenza hi ta' kulħadd, żviluppat maż-żminijiet, influwenzata miċ-ċirkostanzi storiċi, hemm rabta bejn l-oqsma kollha tagħha, hija bbażata fuq esperimenti u osservazzjoni, u mhijiex l-għerf assolut; hemm metodi differenti għal dixxiplini differenti imma huma dejjem dixxiplini u proċessi umani; hemm rabta bejn x-xjenza u teknoloġija, u l-iżvilupp tat-tnejn għandu effetti kbar fuq il-kwalita' tal-ħajja u ta' l-ambjent; ix-xjenza, t-teknoloġija u l-arti huma oqsma kumplimentari ta' esperjenza sħiħa.

Ikollha l-ħila li:

- tifhem il-lingwa tax-xjenza, tikklassifika, tiddeskrivi, tfassal mistoqsijiet preċiżi, tiġbed konklużjonijiet, tinterpreta, tanalizza, tuża r-rabta bejn spazju u ħin, tikkomunika u taħdem f'tim, tikkwantifika, tifforma ipotezijiet, tifformula mudelli, tiddisinja esperimenti, tosserva sistematikament, tkejjel, tikkontrolla il-kundizzjonijiet u dak li jista' jvarja, tħoll il-problemi, tuża kunċetti matematiċi, torbot flimkien f'sinteżi, tuża apparat u mezzi awdjoviżivi u l-kompjuter b'mod interattiv u kreattiv, tmidd u tħaddem idejha; tirrispetta n-normi tas-sigurta' u l-ambjent naturali kif ukoll l-etika xjentifika u teknoloġika.

B'xeħta għal:

- l-apprezzament kritiku tal-għerf xjentifiku u teknoloġiku, l-esperimentazzjoni u l-ftuħ ta' l-aċċess għal dan il-qasam għal kulħadd.

13. Tikkomunika, jiġifieri:

Tkun taf:

- tuża l-kelma u n-numri, il-lingwi u s-sistemi ta' simboli li tkun tgħallmet, b'modi differenti skond in-nies differenti li tittratta magħhom u skond il-kuntest li tkun qiegħda fih, billi tkun kapaċi tesprimi ruħha b'mod effettiv u li tifhem dak li jesprimi ħaddieħor kemm fit-taħdit u kif ukoll permezz ta' forom ta' kitba diversi, b'għarfien sħiħ tar-regoli u l-konvenzjonijiet u kif ukoll l-aspett krejattiv tal-lingwa u l-komunikazzjoni umana.

Ikollha l-ħila li:

- tkun kapaċi tesprimi ruħha u tikkomunika b'mod effettiv u kreattiv permezz tat-taħdit, kitba (kemm dik grafika u kif ukoll permezz tat-teknologija ta' l-informatika) u modi oħra ta' komunikazzjoni umana, u tkun kapaċi tifhem u taqra l-lingwa mitkellma u miktuba fil-forom differenti tagħha.

B'xeħta għal:

- apprezzament ta' l-aspetti konvenzjonali u krejattivi tal-lingwa u l-komunikazzjoni umana, b'għarfien sħiħ tal-qawwa li għandha l-lingwa mitkellma u miktuba fil-ħajja ta' kuljum.

14. Lesta Tilqa' t-Tibdil

Tkun taf:

- bit-tibdil li qed iseħħ fid-dinja u f'pajjiżna u x'isarraf għaliha u għal sħabha, b'mod partikolari t-tibdil li ġej mix-xjenza u mit-teknoloġija u b'riħet il-midja u t-turiżmu għaliex it-tibdil fil-ħajja huwa meħtieġ, xi swew il-perijodi ta' tibdil mgħaġġel fl-istorja u kif taffronta l-waqtiet ta' tibdil kbir fil-ħajja ta' kull individwu.

Ikollha l-ħila li:

- taħseb minn qabel għat-tibdil li tagħraf li tkun se ġġarrab, u tfassal u twettaq strateġiji effettivi biex tissuperahom; bi krejattivita' tagħti sehemha biex iseħħu bidliet pożittivi madwarek.

B'xeħta għal:

- apprezzament pożittiv u kritiku tat-tibdil u għas-sogru kalkolat f'ambjent karatterizzat mit-tibdil kontinwu.

L-Għanijiet Speċifiċi tat-Tlett Livelli tas-Sistema

TAL-KINDERGARTEN

Il-persuna li toħroġ mill-kindergarten jeħtieġ li tkun żviluppat b'mod sħiħ: (i) f'moħħha, (ii) f'dak li tħoss u fir-rabtiet ma' l-oħrajn, (iii) f'ġisimha, (iv) fil-morali, (v) fis-sens estetiku u kreattiv, u (vi) fis-sens reliġjuż (għal min jemmen).

A. Tkun żviluppat intellettwalment, meta tkun kisbet:

i) il-ħajra biex titgħallem anki meta ma tkunx irċevieha mingħand tad-dar, u tkun kibret fiha meta titgħallem tiskopri, tirriskja, ma tibżax tiżbalja, u tikseb suċċess fil-kindergarten;

ii) il-ħila kif titgħallem billi jħajruha tistaqsi, tuża s-sensi, per eżempju, biex tagħżel bejn oġġett u parti minnu, u tistħarreġ ħwejjeġ ġodda fl-ambjent;

iii) il-loġika fil-ħsieb per eżempju, billi titħarreġ f'attivitajiet fejn jintgħażlu oġġetti b'karatteristiċi komuni, jintgħarfu rabtiet ta' kawża u effett, u ħaġa titqiegħed wara l-oħra;

iv) l-għarfien akbar tad-dinja ta' madwarha per eżempju, tat-qassim tad-daqs tal-oġġetti ta' madwarha (pjanti, annimali, nies), tar-relazzjonjiet bejniethom (aktar, anqas, iżgħar, itwal, iqsar), tal-kwalitajiet (kuluri, forom, eċċ), tal-qagħdiet (taħt, fuq, ġo);

v) il-ħila tal-użu tal-kelma, per eżempju permezz tar-rakkonti, l-kant u taqbil, biex tesprimi ruħha, tikkomunika ma tfal oħra waqt il-logħob u attivitajiet oħra tal-ġurnata, tuża l-Malti tajjeb u tibda tidra l-Ingliż;

vi) il-ħila fl-użu tal-kitba - billi jindraw l-għodda li jintużaw fil-kitba, tinżara' l-imħabba għall-kotba u ġabriet oħra ta' sinjali grafiċi, bi tħejjija għat-tagħlim tal-kitba vera u proprju fl-ewwel snin ta' l-iskola primarja.

B. Tkun żviluppat f'dak li tħoss u fir-rabtiet soċjali, billi jkunu seħħew fiha:

i) l-iżvilupp ta' l-istima tagħha nnifisha permezz ta' esperjenzi li fihom jirnexxilha tikseb suċċess, timxi aktar għal rajha u tagħraf aktar lilha nnifisha;

ii) l-iżvilupp ta' attitudni pożittiva lejn il-ħajja permezz ta' interess fl-attivitajiet ta' kuljum u l-aktar fil-ġodda, sens ta' fiduċja fl-oħrajn, apprezzament tad-differenzi, sens ta' koperazzjoni, u rispett tad-drittijiet ta' kulħadd.

C. Tkun żviluppat fiżikament, billi jkun seħħ fiha:

i) it-tisħiħ tal-muskoli l-kbar (f'ambjent imgħammar bl-apparat neċessarju) b'movimenti;

ii) it-tisħiħ tal-muskoli ż-żgħar;

iii) t-tħaddim effettiv tas-sensi.

D. Tkun żviluppat moralment, billi jkun seħħ fiha:

i) l-iżvilupp tas-sens ta' x'inhu ġust u sewwa;

ii) l-idea ta' komunita' li taf tagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin;

iii) l-għażla bejn azzjoni li tgħin u oħra li tfixkel lil oħrajn;

E. Tkun żviluppat is-sens estetiku u kreattiv, permezz ta':

i) logħob immaġinattiv, arti, craft, drama, mużika, moviment;

ii) apprezzament ta' xogħol kreattiv.

F. Tkun żviluppat fis-sens reliġjuż billi jkun seħħ fiha:

i) l-iżvilupp tas-sens tal-ġmiel u ta' l-għaġeb (awe -wonder) quddiem il-ħolqien;

ii) l-iżvilupp ta' rabta ma' Alla Ħallieq u Missier: sens ta' ferħ gratitudni u ta' sigurta';

iii) kapaċita' li tieħu sehem f'ċelebrazzjonijiet l-aktar madwar il-ġrajjiet il-kbar tal-Mulej Ġesu';

iv) kuntatt mar-realtajiet bħall-ħobż, l-ilma, id-dawl, is-smigħ, is-skiet u ġesti bħala l-bażi tas-simboli li 'l quddiem jużaw fil-komunita' reliġjuża.

TAL-PRIMARJA

Il-persuna li tgħaddi mill-iskola primarja għandha tidħol fiha bla skossi mill-kindergarten u bl-istess mod tkun kapaċi tidħol fl-iskola sekondarja.

Biex dan iseħħ jeħtieġ li tkun:

A. Ġarrbet żvilupp fil-metodi ta' tagħlim:

i) fl-ewwel snin kompliet titgħallem bil-metodi informali tal-Kindergarten;

ii) fis-snin ta' wara filwaqt li kompliet tkun attiva, il-metodi ta' taħriġ ikunu aktar formali sabiex tkun kapaċi tidħol fl-iskola sekondarja mingħajr skossi.

B. Kisbet dawn it-tliet xorta ta’ ħiliet:

i) fit-tiftix tal-għerf permezz ta’ l-użu tat-teknoloġija ta’ l-informazzjoni u mezzi oħra;

ii) fl-għażliet xierqa fl-oqsma kollha tal-ħajja li jirrigwardaw:

(a) il-valuri morali, estetiċi, soċjali u spiritwali;

(b) it-tisħiħ tal-identita’ personali u soċjali u Maltija;

(c) il-ħiliet bażiċi tal-ħajja u tat-tagħlim.

iii) fir-rabta sistematika bejn dawn is-suġġetti:

- il-Malti;
- l-Ingliż;
- il-Matematika;
- ir-Reliġjon;
- l-Istudji Soċjali;
- l-Edukazzjoni Fiżika u Sport;
- ix-Xjenza u t-Tekonoloġija;
- l-Espressjoni Kreattiva;

permezz ta’ studju mibni fuq temi integrattivi u mhux bħallikieku kull suġġett kien dinja għalih.

F’dan il-livell, kif ukoll fil-livelli l-oħra, ulied dawk il-ġenituri li ma jixtiequx li t-tfal tagħhom jirċievu t-tagħlim u l-edukazzjoni fir-Reliġjon Kattolika għandhom jingħataw formazzjoni fil-valuri morali universali li fuqhom hija mibnija l-konvivenza ċivili. Il-ħin li jifdal waqt il-lezzjoni tar-Reliġjon u fil-ħin li l-iskola tkun qiegħda tiċċelebra avveniment reliġjuż għandu jiġi utilizzat għal xogħol edukattiv produttiv.

C. Ġiet mgħarbla b’diversi modi

i) Fl-ewwel tlett snin, b’sistema ta’ assessjar formattiv:

ii) Mir-raba’ sas-sitt sena, b’sistema ta’ assessjar summattiv ukoll.

Għal dan l-iskop, tkun bniet portfolio ta’ kampjuni tax-xogħlijiet tagħha, li telgħu magħha minn klassi għall-oħra u fornew lill-għalliema b’informazzjoni wiesgħa dwarha.

D. Trawmet fiż-żewġ ilsna uffiċjali ta’ Malta

Billi kull skola tkun għażlet strateġija ta’ tagħlim li tiġbor fiha:

- metodoloġija
- sistema ta’ assessjar
- programmi rimedjali
- evalwazzjoni ta’ l-istess strateġija.

Huwa irrakkomandat li:

1) jintuża' l-Ingliż għat-tagħlim ta' l-Ingliż, il-Matematika, x-Xjenza u t-Teknoloġija;

2) fejn l-użu ta' l-Ingliż jew tal-Malti joħloq diffikultajiet, jintuża l-code switching.

TAS-SEKONDARJU

Il-persuna li toħroġ mill-livell ta' skola sekondarju jeħtieġ li tkun:

- Irfinat il-ħiliet żviluppati fl-iskola primarji;
- Laħqet livell aktar avanzat ta' riflessjoni kritika u tisħiħ tal-personalita';
- Kompliet tiżviluppa l-konoxxenza sistematika tas-suġġetti mibdija fil-primarja waqt li fil-livell sekondarju s-suġġetti kollha li titgħallem jkunu ġew aktar studjati, dejjem preferibbilment fuq bażi ta' tematika integrata;
- Ġiet imgħarbla bit-tiżwiq taż-żewġ sistemi ta' assessjar formattiv u summattiv.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali se jimmira li jassigura t-taħrig meħtieġ ta' l-għalliema u l-provvista ta' riżorsi.

Is-suġġetti bażiċi fil-livell sekondarju jkunu dawn is-suġġetti:

- Malti
- Ingliż
- Matematika
- Reliġjon
- Ilsien barrani
- Studji Ambjentali (Storja, Ġografija, Studji Soċjali)
- Edukazzjoni Fiżika u Sport
- Computer Literacy
- Arti Espressiva
- Żvilupp Personali u Soċjali
- Teknoloġija u Disinn
- Xjenza.

Kull skola għandu jkollha strateġija għat-tagħlim tal-lingwi. Huwa irrakmandat li l-ilsna jiġu mgħallma permezz ta' dak l-ilsien stess, li barra l-Malti anki l-Istudji Soċjali, l-Istorja, r-Reliġjon, u l-PSD jiġu wkoll mgħallma bil-Malti, u l-oħrajn (barra l-ilsna barranin) bl-Ingliż. Rikmandat ukoll li jkun hemm programmi ta' tisħiħ fejn meħtieġa għall-ilsna uffiċjali ta' Malta, u l-użu tal-code switching fil-każi fejn l-Ingliż joħloq problemi kbar.

Huwa importanti wkoll li jkun hemm flessibilita' biżżejjed fl-iskejjel sekondarji biex dawk it-tfal li jkunu dgħajfa fil-Malti u fl-Ingliż jkunu jistgħu jkomplu bi programm ta' tisħiħ ta' dawn l-ilsna waqt li sħabhom ikunu qegħdin jitgħallmu ilsien barrani ieħor.

Mezzi ghat-Twettiq tal-Kurrikulu

i Kull skola għandu jkollha pjan għat-twettiq ta' dan il-kurrikulu skond il-kundizzjonijiet partikulari tagħha. Dan il-pjan irid juri li l-iskola għandha viżjoni kurrikulari ċara, miri kurikulari preċiżi, u strateġija konkreta u realistika ta' kif il-miri kurrikulari għandhom jintlaħqu.

ii Fit-twettiq ta' din il-ħidma kurrikulari, l-iskola tlaqqa' l-ħsieb u l-impenn ta' l-imsieħba kollha, li wara li jaslu għall-konsensus komunitarju, jaħdmu flimkien biex ifasslu u jwettqu l-għanijiet kurrikulari ta' l-iskola tagħhom.

iii Il-Kapijiet ta' l-iskejjel ikunu mexxejja fil-qasam tal-kurrikulu u jingħataw kull għajnuna possibli biex ikunu jistgħu jwettqu tajjeb dan ir-rwol importanti tagħhom.

iv Kull skola għandu jkollha sistema ta' riċerka interna biex timmonitorja ir-rendiment tal-kurrikulu, u eventwalment tipproponi tibdiliet. Din is-sistema tkun tagħmel użu mill-għajnuna u l-kollaborazzjoni ta' nies esperti f'dan il-qasam.

v L-użu ta' għalliema ko-ordinaturi tad-diversi oqsma tal-kurrikulu huwa ta' siwi f'kull livell.

vi Bit-twettiq tal-prinċipji kurrikulari kif imfissra f'dan id-dokument, l-iskejjel jikbru f'ċentri ta' eċċellenza u laboratorji ideali għall-iżvilupp professjonali tal-għalliema prospettivi.

vii L-iskejjel jiżviluppaw ukoll bħala ċentri komunitarji għall-edukazzjoni tal-membri adulti tal-komunita'.